

# L-GĦAJN IL-KBIRA

FONTANA 2023

Ħarġa Nru. 51


BOV
PRESENTS
DRIVE INTO THE FUTURE
WITH
LOW INTEREST RATES
BOV 001
CONTACT US
Get in touch | bov.com/motorloans | @bovofficial
All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age. Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

**Bord Editorjali**
Kan. Simon Mario Cachia, il-Kappillan
Kan. Geoffrey George Attard
Lydia Curmi
Josephine Galea
Francine Spiteri

**Ħajr**
Lill-kontributuri tal-artikli u tar-ritratti kif ukoll lil dawk in-negozji, ditti u kumpaniji illi għażlu li jgħinuna billi jirreklamaw f'din il-pubblikazzjoni annwali.

**Qoxra ta' wara**
L-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù, kapolavur u għotja ta' Agostino Camilleri. Il-frażi kkowtata hija frażi li kien qal l-Arċipriet Alfons Maria Hili lil ħuh, il-Kappillan Ġużepp Hili, meta ra għall-ewwel darba l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù. L-aħwa kienu fil-preżenza tal-artist Wistin Camilleri, kif xehed hu stess f'intervista li kienet saritlu.

Ir-ritratti li jidhru f'din ir-rivista huma ta' Francine Spiteri, Monica Farrugia, kollezzjoni privata ta' John Cremona, kollezzjoni tal-Parroċċa, Joseph Mercieca, Sandie Falzon u mill-internet.

**Qari tal-Provi:** Kan. Geoffrey G. Attard

*Il-fehmiet miktuba f'din ir-Rivista mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali u għalhekk l-ebda parti ma tista' tiġi riprodotta mingħajr il-permess bil-miktub tal-Editur. Responsabilità u jeddijiet fuq il-materjal stampat f'din ir-rivista huma ta' min kitbu, skont kif tapplika l-liġi Maltija.*

*© Kull dritt miżmum*

**Il-korrispondenza dwar ir-rivista għandha tintbagħat lil**
L-Editur - "L-Għajn il-Kbira"
Uffiċċju Parrokkjali,
196, Triq il-Għajn,
Il-Fontana FNT9026
Għawdex

fontanaparish@gmail.com

**Disinn u Stampar**
Gozo Press, Għajnsielem - Għawdex

# Werrej

| | |
|---|---|
| Messaġġ tal-Kappillan | 2 |
| Editorjal | 3 |
| Messaġġ mill-Għaqda Armar Fontana | 5 |
| Messaġġ mid-Dilettanti tan-Nar Fontana | 6 |
| Messaġġ mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana | 7 |
| Messaġġ minn Radju Sacro Cuor | 9 |
| Messaġġ mill-Komunità ta' Burmarrad | 13 |
| Il-Qalb li tfittex in-Nagħġa l-Mitlufa | 14 |
| L-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù tagħlaq 100 Sena | 16 |
| Il-Ġrajja tal-Vara tal-Qalb ta' Ġesù | 18 |
| Ritratti Storiċi tal-Pellegrinaġġ tal-1956 | 22 |
| Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tal-Fontana | 23 |
| Wistin Camilleri | 29 |
| It-Tiżjin Prezzjuż fuq l-Istatwa mill-Isqfijiet | 34 |
| L-Inawgurazzjoni tal-Festi Ċentinarji | 35 |
| L-Innu Reliġjuż Cor Jesu | 38 |
| Il-Ħsieb tal-Awtur tal-Lirika tal-Innu Cor Jesu | 39 |
| Il-Pittura taċ-Ċentinarju | 41 |
| Jiktbilna l-Em. T. il-Kardinal Mario Grech | 42 |
| Dun Karm Poeta tal-Ewkaristija | 43 |
| Il-Papa Benedittu XVI u l-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù | 46 |
| Talba lil Sant'Andrija għall-Paċi | 48 |
| L-Imħabba tal-Qalb ta' Ġesù għalina | 49 |
| Il-Qalb li Ħabbtet għall-Qalb ta' Kristu | 51 |
| Ix-Xbieha tal-Qalb ta' Ġesù fil-Koppla tal-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu | 53 |
| Eku tal-Festa 2022 | 56 |
| Mumenti Ewlenin fil-Ħajja tal-Parroċċa | 58 |
| Il-programm tal-Festa titulari u liturġika | 60 |
| Poeżiji | 65 |
| Il-Prietka tal-Milied 2022 | 72 |
| Mir-reġistri tal-Parroċċa | 74 |
| Opri Ġodda u ta' Restawr | 77 |
| Opri Ġodda għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù | 78 |
| Maestro Sunny Galea | 78 |
| Tletin Sena Inkurunat | 79 |




# Messaġġ tal-Kappillan

## KAN. SIMON MARIO CACHIA

## "Għandek Qalb ta' Ġesù nieżel mis-sema"

Dawn huma l-kelmiet ta' għoġba li Alfons Maria Hili kien qal lil ħuh Ġużeppi meta ra għall-ewwel darba l-istatwa monumentali tal-Qalb ta' Ġesù, imsawra mill-idejn għaqlija u ispirati ta' Wistin Camilleri. Dawn il-kelmiet li ntqalu mitt sena ilu mill-Arċipriet tar-Rabat lill-Kappillan tal-Għajn il-Kbira, fil-preżenza tal-istatwarju, ma jistgħux ma jnizżlulniex demgħa ta' gratitudni u ta' radd il-ħajr. Dan il-kapolavur, "nieżel mis-sema" għax ħjiel tal-Ġenna, huwa tabilħaqq xhieda oħra ta' kemm il-Mulej kien, għadu u ser jibqa' jħobb lil uliedu li jgħixu fil-Fontana.

Fil-ktieb tad-Dewteronomju nsibu lil Alla, li permezz tal-qaddej tiegħu Mosè, jgħid lill-poplu Lhudi, ċkejken u nomadu fid-deżert: *"Liema ġens hu hekk kbir li għandu l-allat hekk qrib tiegħu daqs kemm hu qrib tagħna l-Mulej, Alla tagħna, kull xħin insejħulu?"* (Dt 4, 7) Dawn il-kelmiet t'Alla fl-Iskrittura nisthajjilhom qed jerġgħu jidwu, din id-darba lill-poplu tal-Fontana, hu u jerġa' jisma' l-kelmiet li l-kappillani aħwa qalu lil xulxin mitt sena ilu.

Meta aħna nħarsu lejn ix-xbieha tant ħelwa li biha hija mogħnija l-Parroċċa tagħna, kif tista' ma temminx dawn il-kelmiet? Meta inti tinnota kemm inqalgħu grazzji tul is-snin u kemm dmugħ ta' niket inbidel fi dmugħ ta' gratitudni quddiem din l-istatwa, kif tista' tiddubita l-verità li Alla hu tassew qrib tagħna? Meta din l-istatwa mirakoluża sserraħlek qalbek u turik li fil-Kelma u fl-Ewkaristija hemm ir-risposti għal kollox, kif tista' ma temminx li Alla hu viċin tagħna kull xħin insejħulu? Il-poplu tal-Fontana li hu poplu daqshekk żgħir, huwa verament kbir fix-xorti li għandu li għandu din ix-xbieha tant devota, imma fuq kollox, li għandu fi ħdanu t-tron ħelu tal-Qalb ħajja ta' Ġesù.

Iva, għeżież, għandna magħna lill-Qalb ta' Ġesù li niżlet mis-sema, għalina. Inħallu dan iċ-ċentinarju għażiż jimmarka għal dejjem fil-ħajja tagħna l-konvinzjoni li l-Mulej qiegħed hemm għalina u li Qalbu tinsab miftuħa biex fiha nsibu s-serħan. Inħallu lil Qalb Kristu tkun għalina d-dar fejn aħna ngħixu, is-salott fejn nibnu r-relazzjonijiet ta' bejnietna, il-kċina fejn aħna nieklu l-ikel tal-ħajja ta' dejjem, il-kamra tas-sodda fejn aħna nistrieħu fis-sliem, il-post fejn aħna nikkontemplaw il-ġebla mwarrba mid-daħla tal-qabar vojt, il-ġnien illi fih niltaqgħu mal-Irxoxt li jsejħilna b'isimna. Inħallu lill-Qalb ta' Ġesù tkompli ssawwarna f'individwi, f'familji u f'komunità sodi, magħqudin, ferħanin u, fuq kollox, maħbubin.

Nawgura minn qalbi li dan iċ-ċentinarju jservi biex nitħeġġu dejjem iktar fil-mixja tagħna wara Kristu u li jservi ta' okkażjoni biex nimmaturaw u ningħaqdu dejjem iktar ma' xulxin u ma' din l-Għajn illi ħadd u xejn, lanqas il-mewt, m'għandu l-ħila jegħlibha.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li huma involuti biex il-festi kbar li ħejjejna jkunu ta' suċċess spiritwali kbir. Grazzi lilkom ilkoll, għeżież saċerdoti, persuni u familji tal-Fontana, li tħobbu tant lil Qalb Kristu u li qed tgħinuni ngħix din l-esperjenza ta' kappillan tagħkom bl-isbaħ modi possibbli.

Raħal tal-Fontana: "għandek Qalb ta' Ġesù nieżel mis-sema"!

**Viva l-Qalb ta' Ġesù!**
**Viva l-Fontana!**

# Editorjal

## Vara ta' ġmiel li ġġorr wegħda kbira

Mitt sena ilu, il-Kappillan Ġużepp Hili u l-istatwarju Wistin Camilleri taw rigal kbir lill-Fontana u lil Għawdex tagħna. Bil-ħidma u bil-viżjoni tal-ewwel u bis-sengħa u bl-imħabba tal-ieħor, wasal għandna djamant illi huwa uniku kemm fis-sbuħija (Wistin Camilleri kien xehed li l-artista Taljan Virgilio Monti, meta ra l-vara kien qal: *"Lanqas f'Ruma m'hemm vara bħal din!"*) u kemm fl-importanza tal-wegħda li jġorr.

Iva, l-istatwa għażiża tagħna tal-Qalb ta' Ġesù ġġorr magħha l-wegħda li għamel Kristu nnifsu fil-Vanġelu skont San Mattew: *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom."* (Mt 11, 28-29). Din l-istedina ta' Kristu ttul sal-eternità waqt li tiġi msieħba mal-wegħda aħħarija u dejjem attwali: *"jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien"* (Mt 28, 20). Meta nirriflettu fuq dawn il-kelmiet għeżież tal-Feddej u nħarsu lejn l-istatwa titulari, faċilment nindunaw għalfejn f'dawn il-mitt sena, din il-vara ġibdet tant devozzjoni minn eluf u nqalgħu tant grazzji.




Huwa minnu li l-fidi tagħna trid tmur lil hinn minn sempliċi opra tal-kartapesta imma kif tista' ma tiftakarx fil-ħlewwa ta' Qalb il-Mulej meta tara dak il-wiċċ kollu ħniena, dawk l-għajnejn kollhom ħlewwa, dik it-tbissima li tagħti tant serħan! Kif tista' ma tħossx li l-wegħdiet li għamel Kristu fil-Vanġelu qed iseħħu dak il-ħin stess f'qalbek meta tkun qed tikkontempla dawk id-dirgħajn miftuħa, dejjem lesti biex jilqgħuk?

Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù hija 'miraklu' fiha nfisha għax twasslek biex idduq verament il-verità li Kristu rebaħ kollox għalik. Jekk int qalbek mifnija, qalbek konfuża, qalbek deluża... *"ejja għandi"*. Mur tgħannaq mal-Qalb ta' Ġesù, għax ser tkun hemm għalik *"dejjem, sal-aħħar taż-żmien"*.

Grazzi Kappillan Ġużepp Hili talli ħsibt għal dan ir-rigal tant kbir. Grazzi Wistin Camilleri ta' dan il-kapolavur u għotja tiegħek. Grazzi wkoll lil missirijietna li għaddewlna din il-ġawhra u għallmuna bl-eżempju tagħhom kif għandna nħobbu lill-Qalb ta' Ġesù.

Waqt li nistednukom tieħdu pjaċir b'din ir-rivista, nistednukom ukoll tieħdu sehem fil-festi straordinarji li qed jiġu ċċelebrati. Fuq kollox, nistednukom tiġu żżuru lil din il-Qalb, murija lilna b'tant ġmiel fil-vara ċentenarja u li tħabbat ħajja għalina fis-Sagrament Imqaddes fil-qalba tas-Santwarju għażiż tagħna.

Il-festa t-tajba. Viva l-Qalb ta' Ġesù!

# Tresor D'Or

**45 Palm Str., Victoria, Gozo Tel: 2156 1565 / 2156 1615**

For a fine exquisite line of 18ct Jewellery
specialising in Engagement and Wedding Rings

Selective Antique Jewellery

# *Tresor D'Argent*

*For a stunning collection of all your Silver needs.*
*Unique Antique Silver Pieces (on view)*
**61, Palm Street, Victoria, Gozo**
**tel: 21561565 / 21561615**



# *Messaġġ* mill-
# Għaqda Armar Fontana

**George Schembri**

Għeżież Fontanin,

Waslet festa oħra u għal din is-sena mess lili sabiex nagħmel dan il-messaġġ. Ta' min jinnota li din is-sena hija waħda importanti ferm għalina lkoll, proprju għaliex qed niċċelebraw il-mitt sena mill-wasla tal-istatwa titulari. Din hija ġrajja importanti ħafna għall-għaqda tagħna peress li ilna aktar minn tliet snin nippreparaw għaliha. Il-ħidma tagħna ma qatgħet xejn. Il-kalendarju mimli daqs bajda. Hekk kif għaddiet il-festa dlonk bdejna niġbru l-armar u ssoktat il-ħidma bi preparazzjoni għas-sena ta' wara. L-Għaqda Armar Fontana din is-sena investiet f'diversi proġetti ġodda li ċertament ser ikomplu jsebbħu t-toroq tar-raħal tagħna.

Fost dawn il-proġetti nsemmu dak ta' Triq Santa Dminka, fejn din is-sena ser jiżżanżnu sett ta' tliet pavaljuni ġodda tad-drapp. Għamilna wkoll il-bnadar kollha tat-trofej li jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja. Dan huwa parti minn proġett sħiħ ta' rinovar u restawr tal-armar madwar il-Fontana.

Saru wkoll proġetti oħra permezz ta' skemi ta' għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Gvern. Fost dawn insibu l-kanċell ġdid tal-pedestall il-kbir tal-Qalb ta' Ġesù kif ukoll ir-restawr tat-tarjola li biha ntellgħu l-vara. Barra minn hekk sar il-bdil tal-bozoz tal-pavaljuni tad-dawl għal *LEDs*, biex hekk innaqqsu l-ħsara lill-ambjent.

Fil-futur hemm il-ħsieb li nibdew restawr estensiv tal-bandalori tad-dawl. Dawn issa ilhom għal żmien twil jintramaw u waslu għal manutenzjoni kbira. Proġett ieħor huwa x-xogħol fuq il-labardi li jintramaw fuq il-bnadar tat-trofej. Id-disinn jinsab lest u qed nistennew li jibdew jinħadmu. Din is-sena, bħala għaqda ħsibna li nagħmlu sorpriża ġdida li se tigi żvelata s-Sibt wara l-*feature*.

Dan kollu jitlob spejjeż kbar però l-għaqda tagħna ma taqtax qalbha għaliex il-Fontanin dejjem jikkonkorru bi ħġarhom meta jaraw dan ix-xogħol tant sabiħ fit-toroq tagħna. F'ismi u f'isem sħabi tal-kumitat nirringrazzjakom minn qalbi ta' kull għajnuna li tagħtu. L-appoġġ tagħkom hu ferm apprezzat.

Grazzi lil kulħadd.

Viva l-Qalb ta' Ġesù.





# *Messaġġ* mid-
# Dilettanti tan-Nar Fontana

**Thomas Mizzi** Segretarju

Is-Sena 2023. Is-sena li fiha r-raħal tagħna jiċċelebra l-mitt sena mill-wasla tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol Agostino Camilleri. Festa ċentinarja mistennija mill-poplu tal-Fontana iżda b'mod speċjali wkoll minna; id dilettanti tal-festa tagħna.

Kif dejjem għamlet, l-Għaqda tan-Nar Fontana, għal sena oħra, qed tieħu ħsieb il-qasam pirotekniku tal-festa, imma kif mistenni, din is-sena b'differenza. Bi pjaċir kbir inħabbru li l-festa ta' din is-sena se tkun waħda pjuttost speċjali, hekk kif se jittella' spettaklu tan-nar uniku tul it-tlett ijiem sħaħ tal-festa ta' barra. Bi pjaċir inħabbru wkoll li wara assenza ta' erba' snin, il-festa tagħna se tara r-ritorn tal-logħob tan-nar tal-art, li r-raħal tagħna huwa tant magħruf għalih.

Din is-sena, bħas-snin riċenti, membri ta' din l-għaqda komplew bil-ħidma tagħhom tal-manifattura tan-nar, biex b'hekk fil-festa nagħtu spettaklu li jixraq tassew lil dan ir-raħal u fuq kollox lill-Qalb ta' Ġesù. Tassew kburin li għal sena oħra n-nar tal-festa se jkun qed jikkonsisti b'xogħol ulied ir-raħal tagħna li ħadmu l-parti l-kbira tan-nar. Tajjeb li nsemmu wkoll li apparti x-xogħol ippreparat mill-membri tagħna, kmamar tan-nar f'Malta, simili bħas-snin ta' qabel, se jesebixxu wkoll parti min-nar imħejji għall-festa tagħna. Flimkien ser nesebixxu wħud mill-aqwa xogħlijiet, permezz ta' diversi murtali bil-logħob, murtali tal-beraq ikkulurit u beraq pront, murtali tal-kulur, kaxxa infernali tal-kulur għad-dħul u diversi blalen.

Matul is-sena rajna wkoll ir-ritorn ta' diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, li bis-saħħa tagħkom, se jkunu ta' appoġġ kbir għall-għaqda tagħna. Minn qalbna nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lil kull min ta l-għajnuna tiegħu matul din is-sena u lil dawk kollha li tawna d-donazzjonijiet tagħhom matul l-aħħar xhur, biex b'din l-għajnuna assigurajna li l-ħarqa ta' din is-sena tkun waħda ta' suċċess.

Mhux faċli li raħal żgħir bħal tagħna jtella' spettakli daqshekk kbar ta' logħob tan-nar fil-jiem tal-festa. Dan kollu huwa frott sena sħiħa ta' ħidma, sagrifiċċji u impenn qawwi mill-membri tal-għaqda tan-nar tagħna. U għalhekk, minn qalbi nixtieq nirringrazzjahom ta' dak kollu li jagħmlu, sabiex nassiguraw li l-ħarqa tal-festa tagħna tibqa' unika fil-Gżira Għawdxija. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-familji tagħna tal-paċenzja kbira li jieħdu bina, ta' kemm inqattgħu ħin 'il bogħod mid-dar matul is-sena biex inkunu nistgħu mmorru l-kamra naħdmu n-nar.

Qabel ma nagħlaq, nixtieq ngħaddi ringrazzjament speċjali lill-Kappillan Dun Simon Cachia, lill-Kunsill Parrokkjali u lill-kumplament tal-għaqdiet f'dan ir-raħal li taw is-sostenn tagħhom matul din is-sena. Radd ta' ħajr speċjali jmur ukoll għall-kumpless tan-nar *12th May* ta' Ħaż-Żebbuġ u l-kumpless tan-nar *Madonna ta' Lourdes* ta' San Ġwann għax żgur li ma kienx ikun possibbli li ntellgħu din il-ħarqa mingħajrhom. Fl-aħħar nett, minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Fontanin kollha, speċjalment lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna matul din is-sena.

**Viva l-Qalb ta' Ġesù!**



# *Messaġġ* mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana

**Joseph Mercieca**

Mitt sena ta' mħabba mhux biss *slogan* kwalunkwe iżda xhieda evidenti ta' dak li kull ġenerazzjoni ta' dan il-poplu ħass matul is-snin. Din is-sena b'mod speċjali anzjani, adulti, żgħażagħ, adolexxenti u tfal urew bis-sħiħ li huma tassew tal-Qalb ta' Ġesù. Dan għaliex mhux biss attendew bi ħġarhom għal kull funzjoni iżda meddew idejhom sabiex ikollna sena unika, sena li tibqa' memorizzata f'moħħna għal dejjem.

Din is-sena tant speċjali kienet ikkaratterizzata minn diversi inizjattivi u ħidmiet f' kull għaqda ta' din il-parroċċa u lanqas naqset il-ħidma taż-żgħażagħ. Matul din is-sena l-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana flimkien mal-fergħa tagħha, il-Kumitat Adolexxenti Fontana, ħadu ħsieb li joħorġu b'attivitajiet ġodda, innovattivi u denji għal dan iċ-ċentinarju tant speċjali. Bħal kull sena l-Kummissjoni Żgħażagħ kienet impenjata sabiex toffri spazju liż-żgħażagħ u lill-adolexxenti sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom. L-istess kummissjoni rat ukoll li toffri kalendarju ta' attivitajiet għal kulħadd matul is-sena kollha.

Iż-żgħażagħ u l-adolexxenti organizzaw ġiti għal Kemmuna flimkien mal-Għaqda tal-Armar; BBQ, logħob fejn il-baħar, *games night*, ġiti fis-sajf għal Malta u Thessaloniki; Festa Tfal f'Ġunju, *workshop* f' Novembru, festin tal-Karnival, u l-*Easter Egg Hunt* b'differenza għat-tfal; *bowling*, turnament tal-futbol, il-velja madwar Sant'Andrija, is-seba' visti, u attivitajiet oħra għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ; kif ukoll *bakes sales* u lotteriji. Ma naqsux ukoll attivitajiet kbar li attiraw lejn raħalna diversi viżitaturi, bħal *Fontana Wine Festival* f'Settembru, *Milied fl-Għejun* f'Diċembru, *Tre Re* (attività għat-tfal marbuta mal-festa tal-Epifanija) f' Jannar, id-*drivethrough* annwali tal-Ġimgħa Imqaddsa *Miet Hu Biex Ngħixu Aħna* u s-sitt edizzjoni tal-*Mixegħla* ta' Ħamis ix-Xirka f'April.

Bħal kull żagħżugħ il-ħolm ma jonqosx, u ħolma li ilha tberren fl-imħuħ tagħna dawn l-aħħar seba' snin hija l-festa li ser inkunu qed niċċelebraw din is-sena. Festa li ilna naħdmu fuqha sa mill-bidu ta' din l-għaqda. Fost id-diversi inizjattivi li l-Kummissjoni ħadet b'rabta mal-festa sar il-ġbir ta' memorji u informazzjoni mill-anzjani u individwi oħra fuq l-istatwa titulari u l-mitt sena li għadhom kif għaddew. Dawn saru fil-forma ta' intervisti u intwerew matul id-disa' Ġimgħat fuq il-paġna *Facebook* tal-istess kummissjoni u ser isir ħidma aktar wiesgħa fuqhom fix-xhur li ġejjin. Il-kummissjoni ser tkun qed tieħu ħsieb li torganizza l-*pre-party* tal-festa u diversi attivitajiet li ser iwasslu għal edizzjoni oħra ta' *Il Cuore Che Brilla*. F' din l-edizzjoni li ser tagħlaq il-marċ tal-Ġimgħa ser tigi inawgurata sorpriża unika fl-okkażjoni taċ-ċentinarju b' disinn ta' Adonai Camilleri Cauchi, b'pittura ta' Noel Debono, bi sfumar ta' Josef Camilleri, b' ħidma fuq il-ħadid minn Raymond Zammit u b'ħidma tal-istess membri tal-għaqda.

Dan kollu ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna u l-attendenza tant numeruża tagħkom. Minn qalbna nixtiequ nieħdu din l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lill-Parroċċa tagħna tal-għajnuna li dejjem sibna mingħandha, lill-Kappillan Kan. Simon Cachia li jkun dejjem hemm għalina, lis-sagristan John Theuma, lill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali li mingħajr l-għajnuna tagħhom fl-attivitajiet il-kbar dawn ma jkunux possibbli, lill-għaqdiet tal-Armar u tan-Nar, lill-Kunsill Lokali Fontana, lit-tesserati, u lil tant u tant voluntiera li jagħtu ħafna mill-ħin tagħhom sabiex il-ħolm tagħna jsir realtà. Minn qalbna nirringrazzjawkom u nawgurawlkom il-Festa t-Tajba. Jalla jkollna festa memorabbli, mimlija ferħ, għaqda u devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Viva l-Qalb ta' Ġesù.


BOSCH
Invented for life
SOLAR ENERGY PRODUCTS
SOLAR WATER HEATERS
AVAILABLE in 150 / 200 / 300 LITRES
ELIGIBLE FOR €560/€400 REBATE
aleo
BOSCH PHOTOVOLTAIC PANELS
• 17.6 % Module efficiency
• Made in Germany
• 290W Panel
25 YEAR PERFORMANCE GUARANTEE
10 YEAR PRODUCT GUARANTEE
GREE
DC-INVERTER AIR-CONDITIONERS
U COOL
Slim, Colourful and Ultra Silent
5 YEAR WARRANTY PARTS & LABOUR
A-Class • Ultra Silent (only 21dB) • 3-Dimensional Airflow • Stylish and Modern Design Slim Body (only 153mm) Energy Saving • 7 Fan Speeds • Air-Flow Direction Control • Timer • Fresh Air Supply • Turbo Button • Available in 9 / 12 / 18K
AVAILABLE IN WHITE, SILVER, BROWN & BURGUNDY
San Andrea Court, Shop C
Fountain Street, Fontana FNT9028, Gozo, Malta
Tel: +356 2155 4658 | Mob: +356 9982 2677
Email: info@tabonejoseph.com.mt
www.josephtabone.com.mt
JOSEPH TABONE


Rs
ta'RAPA
EST. 1977 ®
HOME & BUSINESS HARDWARE SOLUTIONS
ELECTRICAL & PLUMBING SUPPLIES | MANUAL & POWER TOOLS | CONSTRUCTION MATERIALS | PAINTS & WALL COATINGS | MARBLE WORKS
TA' XHAJMA STORES
21557375
VICTORIA HEAD OUTLET
21551258 rapashowroom@gmail.com
GHAJNSIELEM BRANCH
21552828 tarapastore@outlook.com

RSC Fontana
radju sacro cuor
105.2 FM

SANDIE FALZON

"Kemm aħna ħerqanin, aħna l-Fontanin, wasal ix-xahar ta' Ġunju". Għal sena oħra erġajna ninsabu fl-isbaħ xahar tas-sena. Xahar li fih, ta' kull sena nesperjenzaw u ngawdu l-frott ta' dak kollu li nkunu ħdimna għalih matul dik l-istess sena. Xahar li jġib ferħ, imħabba u għaqda kbira fostna l-Fontanin. Għal sena oħra, tajjeb li nuru l-apprezzament tagħna lil kull min jaħdem, miż-żgħir sal-kbir, speċjalment dawk in-nies li l-ħidma tagħhom ma tantx tidher, kemm fir-radju u kemm f'diversi oqsma relatati mal-parroċċa.

Kien proprju fl-1 ta' Ġunju tas-sena 1999, eżattament 24 sena ilu, meta ġie mwaqqaf Radju Sacro Cour fil-parroċċa tagħna. Dan kollu sar minn ħsieb li nibet fil-moħħ tal-mibki kappillan ta' dak iż-żmien, Kan. Ġorġ Bezzina li bl-għajnuna tas-Sur George Schembri dak li kellu f'moħħu sar realtà. Huwa grazzi għal Francine Spiteri li s-servizz tar-radju fil-parroċċa tat-Triq tal-Għajn għadu ħaj. Francine hija l-persuna li llum il-ġurnata tqatta' sigħat sħaħ ġewwa dan ir-radju tirrekordja, tgħaqqad il-programmi u tieħu ħsieb l-affarijiet kollha li jixxandru. Din is-sena Francine tagħlaq 17-il sena tieħu ħsieb Radju Sacro Cour.

Sfortunatament mhux kulħadd japprezza dik il-ħidma li hemm biex iżżomm is-servizz tar-radju għaddej iżda ċerta li huwa wieħed mill-aktar servizzi kbar għall-komunità tal-Fontana. Il-Fontanin, l-emigranti tagħna u anke oħrajn li ma jkunux jistgħu jattendu għal-attivitajiet li jkunu qed isiru fil-qalba tal-komunità, jistgħu faċilment isegwu l-programmi kollha tar-radju li xi drabi dawn ikunu jseħħu wkoll permezz tal-*live-streaming*. Fost l-affarijiet li jixxandru fuq Radju Sacro Cour insibu r-rużarju u l-quddies ta' kuljum li permezz tiegħu bosta nies għadhom jgħidu l -frażi "kemm hu sew, għandna l-knisja d-dar". Hemm bosta xandiriet oħrajn li jinkludu okkażjonijiet, minn magħmudijiet sa funerali, u funzjonijiet li jsiru lkoll matul is-sena, bħall-festi tal-Milied u tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-festa tal-Patrun tal-Fontana Sant'Andrija u fl-aħħar u mhux l-inqas il-Ġimgħat tal-Qalb ta' Ġesù, li l-qofol tagħhom jiġi milħuq bil-festa tant għal qalbna, il-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Ċerta li bħal kull ħaġa oħra, ir-radju għandu l-ispejjeż tiegħu wkoll, u kull donazzjoni mingħandkom hija ferm apprezzata. Fl-aħħar tal-programmi li bdejt nagħmel din is-sena is-soltu nirringrazzjakom talli għoġobkom tisimgħuni, iżda llum nirringrazzjakom talli qrajtu l-messaġġ tiegħi. Fl-aħħar u mhux l-inqas minn qalbi rrodd ħajr lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tal-ġid u l-barka li qiegħed jixħet fuqna.

Mitt sena ta' mħabba, bi statwa tpaxxi lill-għajnejn, żgur li hi l-ġawhra tal-Fontanin

***"Tfal, żgħażagħ, kbar magħquda, hekk festa tkun kompluta, ejjew ninġabru lkoll flimkien!"***

**Viva il-Qalb ta' Ġesù**


Relax at
PARADISO
BAR
ON TOP
OF
LA
GROTTA
DISCOTECA
XLENDI - GOZO
– Fully Air-conditioned –

Mgarr
Tmun
RESTAURANT

For the past 25 years our family run business has been providing you with the most hospitable & quality dining experience. The winning recipe for this attainment is surely our passion and enthusiasm towards the catering industry. We look forward to translating our proficiency by further providing you with quality dining in our new venture at Tmun Mgarr.

Opening hours - open everyday except Tuesday
Lunch 12:00 - 14:30 (last food orders) | Dinner 18:30 - 22:30 (last food orders)

Martinu Garces Street,
Mgarr, Gozo - Malta

Tel: 2156 6276 • Mob: 7944 6832
Email: info@tmunmgarr.com | www. tmunmgarr.com

*The Management*
*Tmun Mgarr Restaurant*

Fontana Pharmacy

**Triq tal-Għajn, Fontana**
**Tel: 2156 6979 | Email: diane.bonello@yahoo.com**

SMUGGLERS' CAVE
Bar - Restaurant - Pizzeria
**Il-Menqa, Marsalforn, Għawdex**

*Fresh Fish & Meat, Maltese Cuisine & Italian delicacies prepared freshly*

***For take-away service & Bookings please phone:***
***tel: 2155 1005***

Cachet
JEWELLERS
7, Sir Adrian Dingli Str., Victoria VCT 104 - Gozo.
Tel: 560485, 560828 - Fax: 558367 - E-mail: cachet@orbit.net.mt

ZA

# ZAMMIT ALUMINIUM LTD.

'Private Alley', Fountain Street, Fontana FNT 9025, Gozo - Malta
e-mail: za@onvol.net

## Manufactures all types of Aluminium Works with 30 years experience

- P1, Export 60, Trialco & Thermico aluminium systems
- Moveable louvers
- Double glazing with Argon Gas
- New Eclipse Glass which reduce UV by 65%
- Tempered glass for all types of frameless doors (shops & showers)
- Roller mosquito nets for doors and windows (pet resist available)
- Aluminium Roller Shutters
- Skylights
- Conservatories
- Balcony Railings
- Aluminium Panelling Doors

For free quotes and more information call us on:
21554058

# *Messaġġ* mill-
# Komunità ta' Burmarrad

**P. Christian Anthony Borg**
OFM Conv.

Għeżież, il-festa ta' din is-sena għalikom għandha tifsira speċjali intom u tfakkru l-100 sena mill-wasla tal-vara tal-Qalb ta' Ġesù. Tul dan l-aħħar seklu, din saret għal kull min iqimha, sinjal tal-fidi u d-devozzjoni tagħna. Imma fuq kollox tqanqal fina x-xewqa li ħajjitna stess issir xbieha ħajja tal-imħabba ta' Kristu.

Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù hija tfakkira qawwija tal-imħabba ta' Alla għalina. Hekk kif nikkontemplaw ix-xbieha ta' Ġesù b'qalbu esposta, infakkru s-sagrifiċċju kbir tiegħu fuq is-salib u l-imħabba infinita tiegħu għal kull wieħed u waħda minna. Niftakru wkoll fis-sejħa tagħna stess biex inħobbu u naqdu lill-oħrajn bħalma għamel Ġesù, biex nuru mogħdrija u ħniena, biex naħfru lil ħaddieħor kif ġejna maħfura, u biex inwasslu l-Bxara t-tajba tal-Evanġelju ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom.

Jalla s-sbuħija ta' din il-vara tħeġġeġ fina xewqa ħajja biex niltaqgħu dejjem aktar mas-sbuħija vera ta' Alla li tidher quddiemna f'Ġesù nnifsu, b'mod speċjali aħna u nisimgħu kelmtu. Xieraq li din tkun okkażjoni biex inġeddu l-impenn tagħna biex nimxu wara Kristu u ngħixu ħajjitna skont it-tagħlim tiegħu.

Kull anniversarju huwa opportunità wkoll biex nirriflettu fuq l-istorja tagħna, biex irroddu ħajr għall-ħafna barkiet li rċevejna, u biex nitolbu lill-Mulej ibierek il-komunità tagħna. Jalla l-festa tal-Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa għażiża tagħkom tkun esperjenza qawwija tal-imħabba ta' Alla li ma tintemm qatt.

F'isem il-komunità parrokkjali ta' Burmarrad nawguralkom festa qaddisa.



# IL-QALB LI TFITTEX IN-NAGĦĠA L-MITLUFA



**OMELIJA MILL-ISQOF ANTON TEUMA**
**fis-Solennità liturġika tal-Qalb ta' Ġesù**
**Il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2022**

Xi tfisser tiċċelebra l-Festa tal-Qalb ta' Ġesù? Għax issa l-purċissjoni għamilnieha – mhux hekk! – għalkemm illejla ser tagħmlu oħra. Imma xi jfisser tiċċelebra l-Festa tal-Qalb ta' Ġesù? Ifisser li jiena nħoss l-imħabba ta' Ġesù għalija. Imma din inħossuha tassew? Inkunu sinċieri. Jiena *nħossha* l-imħabba ta' Ġesù għalija? Inkun sinċier miegħi nnifsi, kull wieħed u kull waħda minna. Inħoss tassew li Ġesù jħobbni lili? B'sinċerità kbira, kulħadd jirrispondi għalih. Naħseb li hu importanti li nagħmlu din il-mistoqsija, u nsibu risposta vera għaliha.

Jien naħseb, jekk irridu nkunu sinċieri tassew, irridu nammettu li diffiċli li nħossu l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù għalina. Jien naħseb li rridu nkunu sinċieri għalkollox. Jew hawn xi ħadd minna li jħossha din l-imħabba, li tferfru minn filgħodu kmieni, ma tħallihx jorqod billejl? Hawn xi ħadd minna hekk? Ma nafx! Imma jien ħa nagħmel mistoqsija oħra issa: Jekk aħna ma nħossuhiex daqshekk ta' veru din l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù, jew forsi iktar ma nħossuhiex milli nħossuha, naħseb li nkunu qegħdin ngħidu l-verità. Għaliex? Għax jista' jkun li Hu jħobbna u aħna m'aħniex inħossuha din l-imħabba. Bħal dik l-omm, b'mod speċjali meta jkollok l-adolexxenti, li int Alla biss jaf x'tagħmel u kif tagħmel biex tħobbu jew tħobbha, u tismagħha: 'Inti lili ma tħobbnix'. Dik il-kelma twaqqgħek fi kriżi. Jew qatt ma tiġri?

Għaliex aħna mhux dejjem inħossu l-imħabba li Ġesù għandu għalina? Ejjew ħa nippruvaw nifhmu. Ġesù fl-Evanġelju tal-lum (Lq 15:3-7) jispjegalna perfett għaliex, jispjegaha b'mod sempliċi immens. Fil-fatt, fl-Evanġelju smajna l-parabbola li ngħidulha 'tan-nagħġa l-mitlufa'. Lil min jgħidha, u għal min jgħidha? Jibda l-Evanġelju: jgħidha għall-Fariżej u l-kittieba, li dawn kien mingħalihom li huma perfetti; mingħalihom ma għandhomx ħtija, ma jiżbaljawx. Hawnhekk għandna diġà biċċa risposta għalfejn aħna ma nħossux l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù. Meta jien inħoss li jien perfett, jew naħseb b'mod żbaljat li jien ma niżbaljax, allura lill-Qalb ta' Ġesù qtajtlu nofs qalbu: 'Int m'intix għalija!'. Imma meta jien inkun veru miegħi nnifsi, ninduna li jiena dgħajjef – meta kull wieħed u waħda minna nindunaw li niżbaljaw, u meta nindunaw li aħna ingrati lejn Ġesù. Fil-fatt għandna l-ħajja, għandna familja; veru forsi għandna l-problemi u d-diffikultajiet, li aħna x'aktarx fil-ħajja tagħna, aktar ingorru u ngemgmu milli nirringrazzjaw. Meta jiena ninduna li ingrat lejh, u għalkemm jiena ingrat, hu qatt ma jirrabja, hu qatt ma jipprova jpattihieli, hu qatt ma jgħidli: 'Mela, ħalli nagħmillek xi ħaġa, ħalli tifhem li int ingrat' – le, qatt ma jagħmilha din, kif forsi nagħmluha ma' xulxin aħna – meta jiena nifhem li jien dgħajjef u hu jħobbni mingħajr kundizzjoni u kontinwament, imbagħad bil-mod il-mod nibda nħossha din l-imħabba.

Imma dik kienet il-problema ta' dawn il-kittieba u l-Fariżej: li kienu jħossuhom 'ok', perfetti. L-iżball dejjem ta' ħaddieħor. Dejjem ħaddieħor għandu x'jirranġa, jien qatt ma għandi x'nirranġa. Jekk jien hekk, l-imħabba ta' Ġesù qatt ma jien ser inħossha. Din diffiċli, tafux: biex jien nammetti li jien dgħajjef, irid ikolli saħħa kbira ġo fija. U rrid veru li nkun ċert, li lil Ġesù ngħidlu: 'Isma', jien niżbalja, jien dgħajjef'. Irrid inkun ċert li hu ser jaċċettani kif jien; għax inkella ma nasalx biex ngħidlu li jien dgħajjef, anzi!

Intom qatt taraw fuq Facebook lil xi ħadd jikteb il-lista ta' difetti u dgħufijiet tiegħu? Jew inkella jgħid: 'Jien għandi dik id-diffikultà, għandi dawn id-difetti, il-ħin kollu niġġieled man-nies u rrid noqgħod attent'. Le, imma kulħadd irid juri l-affarijiet pożittivi fuq

Facebook; kulħadd juri s-sabiħ tiegħu. Għax qegħdin ngħixu f'dinja, kważi kważi, ma taċċettax li l-bniedem jista' jkollu xi dgħufija, xi difett. Din problema. Aħna ngħidu li naqas is-sens ta' dnub. Mhux veru. Mhux is-sens ta' dnub naqas, imma s-sens tal-verità naqas: m'għadniex veri magħna nfusna. Jekk jien għandi difett, ma ngħidx għandi difett, imma nwaħħal fik. Jekk jien nirrabja u taqbiżli, ma ngħidx li jien nirrabja u taqbiżli, imma ngħid li int tqabbiżhieli, inti tirrabjani. Le, ħi, id-difett qiegħed għandi. Inti tista' tgħid li trid, imma jien nista' nikkontrolla jew ma nikkontrollax lili nnifsi, kif inġib ruħi. Il-kriżi li għandna mhix tad-dnub, imma tal-verità. Aħna nafu kemm għandna kriżi tal-verità, tant li llum għandna kelma li qabel ma kinitx teżisti. Qabel l-aħbarijiet kienu jgħidu dak li jiġri. Issa llum żidnielhom biċċa: *fake news*. Għax mhux dejjem l-aħbarijiet ikunu aħbarijiet li jgħidulna dak li jiġri. Għandna kriżi kbira tal-verità.

L-Evanġelju tal-lum jitkellem dwar ragħaj li kellu mitt nagħġa, u Ġesù jagħmel mistoqsija, u jien ser nagħmilha lilkom: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha?" (Lq 15:4). Ħa neħduha għal żmienna: int għalliem, u jkollok klassi tfal, 30 student, u tkun il-Belt Valletta, u wieħed jew waħda minnhom jintiliflek. Dawn adolexxenti, li jekk tgħidilhom abjad jagħmlu iswed, u jekk tgħidilhom iswed se jagħmlu abjad! Kieku jintiliflek xi ħadd, inti x'tagħmel? Jirnexxilek tħalli 29 weħidhom hemm, Alla biss jaf x'se jagħmlu dawn weħidhom, u tmur u taqbad u tfittex lil dik il-waħda jew wieħed, jew inkella toqgħod hemm tistenna, jew forsi tqabbad tnejn u tibgħathom, jew tivvinta xi ħaġa jew tirrapporta lill-pulizija jew lil xi ħadd, biex jekk jista' jkun lil dawk li għandek, id-29 waħda, għax huma iktar minn waħda, iżżommhom taħt għajnejk? Kif tagħmel int kieku? Jien naħseb li jekk inti tħaddem moħħok sew, tgħid: 'Aħjar inżomm għajnejja fuq id-29, milli mmur infittex lil dik il-waħda u nsibha, biċ-ċans li meta niġi lura nitlef xi sitta jew xi tmienja'.

Imma l-Evanġelju ma jirraġunax hekk. Tafu fejn ħalliehom id-99? Dawn ma ħallihomx ġo xi maqjel, jew f'xi għar. L-Evanġelju jgħidilna: ħalla "disgħa u disgħin fid-deżert" (v. 4). Għal liema raġuni? Biex isib u jfittex lil dik il-waħda. Tgħiduli: daqshekk kien jinteressah mid-99? Ibqgħu ċerti li kieku kellha tintilef oħra, kien jagħmel l-istess ħaġa; kien iħalli lill-oħrajn kollha għal dik il-waħda, għax dik il-waħda hi importanti.

Tafu x'kienu jagħmlu r-ragħajja Lhud meta kienet tintilef nagħġa, meta kien ikollhom xi nagħġa mqarba li ma ssegwix il-bqija tal-merħla, imma spiss tagħmel ta' rasha, taqbad triq għal rasha? Dejjem issib xi nagħġa ta' dan it-tip. Tafu x'kienu jagħmlulha r-ragħajja Lhud? Tinħasdux: kienu jiksrulha sieq, waħda mis-saqajn ta' wara. Dik x'kien ikollha tagħmel? Tkaxkar saqajha, timxi mingħajr ma trid bil-mod il-mod mal-bqija tal-merħla. Imma r-Ragħaj it-Tajjeb mhux jiksrilna s-sieq; ir-Ragħaj it-Tajjeb iħalli d-99 u jmur ifittex lil dik in-nagħġa li ntilfitlu. U x'jagħmel? L-Evanġelju jgħidilna: "jifraħ biha" (v. 5). Kemm hi sabiħa! Hemm kelma qawwija fl-oriġinal. U jkompli: "jerfagħha fuq spallejh" (v. 5) din in-nagħġa l-mitlufa. X'jagħmel? Għax mhux kuntent li "jifraħ biha, u jerfagħha fuq spallejh" (v. 5); imma "jmur id-dar, isejjaħ għandu l-ħbieb u l-ġirien, u jgħidilhom: 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli'" (v. 6). U jagħmel festa: "għax sibt in-nagħġa li ntilfitli" (v. 6).

Imma dawk id-99 kwieti, jew mingħalina kwieti, mingħalina bravi u tajbin, dawk għamlu l-esperjenza ta' dik in-nagħġa l-imqarba? Għamlu l-esperjenza li r-ragħaj jifraħ biha, jerfagħha fuq spallejh, u jagħmlilha festa? Dawn din l-esperjenza ma għamluhiex. Allura tgħiduli: X'jiġifieri? Aħna rridu nagħmlu d-dnub? Ma hemmx għalfejn nagħmluh, għax diġà għamilnieh! Irridu *nindunaw* li aħna midinbin. Għax din hi l-problema l-kbira tagħna, li bdejna biha. Għax jekk jien ma nagħrafx li jien midneb, jekk jien ma nagħrafx il-verità tiegħi, jekk jien nimla rasi li jiena naf xi ħaġa, ma nistax niggusta, ingawdi l-imħabba b'xejn, il-ħniena kbira li Alla għandu għalija.

Il-Qalb ta' Ġesù, u r-realtà tiegħi ta' midneb, iridu jmorru flimkien. Jekk tonqos waħda jew l-oħra... Mela, jekk jien ninsa l-Qalb ta' Ġesù, u jien konxju li jiena midneb, u konxju mid-dgħufijiet tiegħi, x'se jiġrili? Ser naqa' fid-disperezzjoni, ser naqa' fi kriżi kbira – *low self esteem* enormi – jekk jien konxju mid-dnub tiegħi u ninsa l-Qalb ta' Ġesù. Imma jekk jien ninsa d-dgħufija tiegħi u nipprova niffoka fuq il-Qalb ta' Ġesù, l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù ma nħosshiex sew, ta' veru. Inkun qiegħed inġebbed fil-Qalb ta' Ġesù. Ngħid iva lill-Qalb ta' Ġesù li tħobbni, imma hija tiġbida, artifiċjali. Imma biex nagħmel esperjenza ta' veru tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, irrid nagħmel kważi festa żgħira lid-dgħufija tiegħi, lil-limiti tiegħi, lid-dnubiet tiegħi. Għax hemm, sewwasew fejn hemm id-dgħajjef, proprju hemmhekk toktor il-grazzja u l-imħabba ta' Alla. Dak li jgħid San Pawl: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rum 5:20).

# Il-Knisja Kattolika u l-Qima tax-Xbihat Qaddisa
# *L-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù tagħlaq 100 sena*

**Mons. Karm Borg**

Ix-xbihat imqaddsa ta' Kristu u tal-Qaddisin għandhom interess speċjali fit-Teoloġija f'dak li jirrigwardja l-kult. Sa minn żminijiet l-iktar imbiegħda, il-Knisja aċċettat, u saħansitra ddefendiet il-qima tal-qaddisin, tax-xbihat u tar-relikwi tagħhom. Hekk pereżempju naraw kif it-tieni Konċilju ta' Nicea li sar fis-sena 787, ikkundanna lill-Ikonoklasti minħabba l-oppożizzjoni tagħhom għad-drawwa tal-venerazzjoni tax-xbihat qaddisa.

Jekk imbagħad wieħed jagħti ħarsa anke ħafifa lejn l-istorja, jista' jara kemm verament il-Knisja, sa mill-bidu, tat qima lix-xbihat imqaddsa ta' Kristu u tal-qaddisin.

**Xi Jgħid San Girgor il-Kbir Dwar l-Istatwi ta' Kristu u tal-Qaddisin?**



*L-istatwa titulari u devota ta' San Girgor il-Kbir meqjuma fis-Santwarju Ta' Kerċem.*

Diversi huma l-għorrief u l-Missirijiet tal-Knisja li tkellmu u kitbu dwar dan is-suġġett. Hawn forsi jkun biżżejjed jekk naraw kif kien jaħsibha l-Papa San Girgor il-Kbir I (li mexxa l-Knisja bejn is-sena 590 u s-sena 604) dwar il-qima lejn l-istatwi u x-xbihat qaddisa.

Meta l-Isqof ta' Marsilja Serenus neħħa x-xbihat u l-istatwi minn ġol-knisja ghax deherlu li kienu okkażjoni ta' idolatrija, il-Papa Girgor ċanfru u qallu li ma kellux ikisser l-istatwi. Qallu li dawn kienu tpoġġew fil-knisja bħala mezz ta' istruzzjoni u mhux bħala oġġetti ta' adorazzjoni.

F'okkażjoni oħra, insibu lill-Papa San Girgor stess li jibgħat xi xbihat ta' Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin lil ċertu Secundinus. Imma ara x'qallu: "Jiena naf li int ma ridtx ix-xbieha ta' Kristu biex tadura lix-xbieha bħala Alla, iżda biex, waqt li tfakkrek fl-Iben t'Alla int mill-ġdid titħeġġeġ bl-imħabba lejh li tant tixtieq tara x-xbieha tiegħu. Aħna min-naħa tagħna ma ninżlux gharkopptejna quddiem ix-xbihat bħallikieku kienu xi divinità, imma naduraw lilu li permezz tax-xbieha nġbuh quddiem għajnejna fit-twelid tiegħu, fil-passjoni tiegħu, jew inkella bħala sultan fuq it-tron tiegħu". Kemm hu ċar u mogħti b'mod sempliċi t-tagħlim ta' San Girgor dwar dan is-suġġett! Fi ftit kliem ġabar kollox!

**Il-Konċilju Vatikan II għal darb'oħra Japprova l-Qima tax-Xbihat Qaddisa**

Minn żmien San Girgor 'l hawn issa għaddew iktar minn elf u erba' mitt sena. Matul dawn is-snin kienu diversi l-papiet u l-għorrief tal-Knisja li tkellmu dwar il-qima lejn ix-xbihat qaddisa. Ġew diskussi f'diversi Konċilji fosthom f'dak li diġà semmejna ta' Nicea II u f'dak ta' Trento. Imm'issa wkoll, fi żmienna, tkellem il-Konċilju Vatikan II. Dan l-aħħar Konċilju jgħid li "d-drawwa li jinżammu xbihat imqaddsa fil-knejjes għall-qima tal-fidili għandha tibqa' bla mittiefsa; madankollu għandhom jintwerew f'għadd meqjus u jitqiegħdu tajjeb, biex ma joħolqux konfużjoni fost il-poplu nisrani u biex lanqas ma jinkoraġġixxu xi devozzjoni mhux għalkollox tajba". L-istess Konċilju reġa' kkonferma d-digrieti promulgati fis-sekli l-imgħoddija, dwar il-qima tax-xbihat ta' Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin u qal li għandhom ikunu osservati b'rispett reliġjuż.

Minn dak li għedna nistgħu mela aħna nifhmu x'inhu l-iskop tal-istatwi u x-xbihat tal-qaddisin fil-knejjes tagħna. Alla huwa wieħed, u lilu biss għandna naduraw. Imma l-istatwi ta' Kristu l-Mulej u s-Salvatur tagħna u x-xbihat tal-qaddisin tiegħu li aħna nqimu bħala protetturi tagħna, għandhom jgħinuna biex nersqu iktar lejn Alla li huwa l-bidu u t-tmiem ta' kollox.

**Żewġ Statwi tal-Qalb ta' Ġesù**

L-ewwel statwa tal-Qalb ta' Ġesù li kellha l-Parroċċa tal-Fontana inxtrat minn Ruma mingħand il-"Fabbrica di Statue Religiose" ta' Francesco Rosa u nħarġet għall-ewwel darba f'purċissjoni nhar il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju 1907. Din kienet statwa tqila wisq biex tinġarr fil-purċissjonijiet. Barra minn hekk ftit kienet intgħoġbot mill-poplu. Ma għaddewx wisq snin u l-Fontanin ħasbu biex jikkummissjonaw statwa oħra. U hekk għamlu preċiżament mitt sena ilu.

Jiena ċert li kemm meta nxtrat l-ewwel statwa fl-1907 u kemm meta 100 sena ilu saret l-istatwa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li hemm illum fil-Parroċċa tal-Fontana, l-iskop kien tajjeb u qaddis. Żgur li qatt ma kien hemm xi ħsieb ta' idolatrija; la dakinhar u lanqas illum. U għalhekk waqt li nagħtu qima lil din l-istatwa li issa għal seklu sħiħ żejnet is-Santwarju Nazzjonali tal-Fontana iddedikat lill-misteru tal-imħabba infinita ta' Ġesù għalina l-bnedmin, f'din is-sena ċentinarja, jixraq li nfakkru b'festi speċjali l-miġja tagħha f'din il-parroċċa. Infakkru, u nsellmu wkoll lil dawk li rsistew biex saret din l-opra tant għal qalb il-Fontanin tal-bieraħ u tal-lum.

Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol fil-kartapesta tal-istatwarju Wistin Camilleri saret fis-sena 1923, eżattament mitt sena ilu. Parti mill-flus biex saret din l-istatwa inġabru mill-poplu tar-raħal; fejn ma waslux il-Fontanin għamel tajjeb għalihom l-istess artist li ħadem din l-istatwa b'tant imħabba u devozzjoni.

Din it-tieni statwa titulari tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tbierket mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri OESA nhar it-8 ta' Ġunju 1923, u dakinhar stess inħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni titulari.

Kienet ġiet irrestawrata mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi (iben Wistin Camilleri) u ġiet indurata minn Horace Farrugia fis-sena 1985.

**L-Għawdxin devoti tal-Qalb ta' Ġesù**

Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù hi meqjuma mhux biss min-nies tal-Fontana, imma, tul is-sena kollha, tiġbed lejha għadd ta' devoti minn madwar Għawdex. U dan, l-iktar fid-disa' Ġimgħat ta' qabel il-festa liturġika. Matul id-Disa' Ġimgħat ħafna huma dawk li jmorru jinvistawha wara li jgħaddu xi ħin ta' adorazzjoni quddiem is-Santissimu Sagrament espost solennement fuq l-artal maġġur fis-Santwarju tal-Fontana. F'dawn d-Disa' Ġimgħat l-artal fil-knisja tal-Fontana jkun imżejjen b'bosta arranġamenti tal-fjuri u xemgħat tal-wegħda - xhieda tad-devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.





*Dun Ġużepp Hili, l-ewwel Kappillan tal-Fontana.*

# Il-Ġrajja tal-Vara tal-Qalb ta' Ġesù

JOSEPH BEZZINA

L-ikbar stennija fil-festi titulari tal-Belt u l-irħula tagħna hu mingħajr l-iċken dubju l-mument xħin il-vara tal-patrun jew patruna tinħareġ fil-bieb tal-knisja ħalli tiġi mdawra fuq l-ispallejn fil-purċissjoni. Il-vara hi għaldaqstant il-fulkru tal-festa, it-teżor l-iktar prezzjuż tal-knisja parrokkjali tagħna.

**1 • L-ewwel festa**

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Jannar 1905, Ġwanni-Marija Camilleri, l-Isqof ta' Għawdex ippresieda ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-knisja l-ġdida tal-Fontana u ddedikaha lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lil Sant'Indrija, patrun tas-sajjieda. Dak il-jum ħabat sewwa sew għeluq it-tnax-il sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-istess knisja.



*Ritratt tal-istatwa meħud fl-1923.*

Il-pijunier tal-ħidma pastorali fil-Fontana kien Dun Ġużepp Grima-Cauchi tal-Barba. Imwieled ir-Rabat-Għawdex nhar it-30 ta' Diċembru 1854, hu kien ordnat qassis il-Katidral mill-Isqof Pietro Pace nhar il-15 ta' Ġunju 1978. Minn rajh, hu kien nieżel u tiela' mill-Fontana biex jaqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies, speċjalment tal-morda. Mal-bidu tal-bini tal-knisja, beda jgħin ukoll Dun Alfons Hili taz-Zezzier. Imwieled hu wkoll ir-Rabat-Għawdex fis-19 ta' Jannar 1865, hu kien ordnat qassis fit-2 ta' April 1888. Kien joqgħod faċċata tal-istatwa ta' San Ġorġ u għalhekk qrib il-bidu tal-Fontana. Hu wkoll beda jindiehes mal-Fontanin u mal-ftuħ tal-knisja ħa f'idejh il-kura pastorali. Ħelu, ħelu, Dun Alfons beda jafda l-ħidma pastorali f'idejn ħuh Dun Ġużepp ordnat fil-21 ta' Diċembru 1901.

Il-festa titulari, mis-sena 1905 bdiet issir iktar bil-kbir nhar il-jum liturġiku tagħha, jiġifieri, il-Ġimgħa fuq it-tieni Ħadd ta' wara Għid il-Ħamsin. L-artal tal-knisja kien jinbidel f'ġnien tal-fjuri u mill-Erbgħa sal-Ġimgħa ssir adorazzjoni quddiem Ġesù Espost. F'għeluq it-tlett ijiem kwaranturi, kienet issir purċissjoni b'Ġesù Sagramentat mat-toroq tal-Fontana. Jiftħuha t-tfal li jkun għamlu l-Ewwel Tqarbina b'ġewlaq mimli fjuri biex ixerrduhom quddiem Ġesù matul it-triq kollha.

Peress li din il-purċissjoni bl-Ewkaristija kienet qisha tal-festa titulari, Dun Ġużepp Hili kien isibha diffiċli biex il-kbar u ż-żgħar jimxu b'devozzjoni matul it-triq kollha. L-iktar fid-dħul tal-purċissjoni meta kien ikun hemm min juri naqra entużjażmu żejjed biċ-ċapċip u anki b'xi għajta ta' *Viva l-Qalb ta' Ġesù*.

**2 • L-ewwel vara**

Ma kienx għadda żmien twil mill-konsagrazzjoni, meta s-sidien tal-għaxar luzzijiet tas-sajjieda tal-Fontana li kienu għenu fil-bini tal-knisja, bdew jaħsbu li jġibu vara għall-knisja tagħhom. Ħaġa minn awl id-dinja.

Nixtieq niċċara terminu. Qiegħed nuża l-kelma *vara*, kelma li tingħad ukoll bl-Isqalli, u li tirreferi preċiżament għal xbieha reliġjuża fuq pedestall u bradella li tinħareġ fil-purċissjonijiet. B'mod ġeneriku, il-kelma vara bl-Isqalli tirreferi wkoll għall-bradella

weħidha. Il-kelma *statwa*, li l-Malti ssellef mit-Taljan, tirreferri għal kwalunkwe xbieha ta' qaddis, personaġġ, jew anki annimal, magħmula biex ikollha s-sura ta' xi ħadd jew xi ħaġa fit-tul, wisa', u ħxuna. L-istatwa hi pjuttost xbieha fissa; il-vara tinħareġ fuq l-ispallejn fil-purċissjonijiet.

Is-sajjieda avviċinaw lil Dun Ġużepp dwar ix-xewqa tagħhom u qabel mal-idea. Kien fehem li l-entużjażmu li kienu qed juru n-nies fid-daħla tal-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù qajla kien jixraq. Ma jidhirx li ressaq rikors formali lill-Isqof Camilleri biex jagħtih il-permess ħa jordna vara tal-Qalb ta' Ġesù. Jekk ressaq wieħed intilef. Wisq nobsor li ndaħal fin-nofs Dun Alfons u qala' permess verbalment.

Fis-sena 1897, tmien snin qabel il-konsagrazzjoni tal-knisja tal-Fontana, is-Soċjetà Filarmonika *Leone* kienet ġabet vara ta' Santa Marija mill-*Fabbrica di Statue Religiose* ta' Francesco Rosa, Ruma – vara li ntgħoġbot minn kulħadd u għada sal-lum fulkru tad-devozzjoni l-Katidral. Lil tal-Iljun kien ħadilhom ħsieb Dottor Ġużè Cremona, avukat u iktar tard imħallef, mill-Belt Victoria.

Bi ftehim u bl-approvazzjoni ta' Dun Ġużepp Hili, is-sajjieda avviċinawh biex iġibilhom vara tal-Qalb ta' Ġesù mingħand l-istess ditta. L-Avukat Cremona kien ġej u sejjer Ruma u ma damx ma qdiehom.

Il-vara waslet Għawdex f'Mejju 1907 u tpoġġiet għall-wiri fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Nhar is-26 ta' Mejju, saret it-traslazzjoni lejn il-knisja tal-Fontana. Ħadu sehem il-fratellanzi u l-kleru tar-Rabat u akkumpanjat il-banda *La Stella* b'innnijiet reliġjużi. Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, festa liturġika tal-Qalb ta' Ġesù, l-Isqof Camilleri bierek il-vara u dritt wara idawwret fuq l-ispallejn mat-toroq tal-Fontana.

Il-vara kienet tirrappreżenta figura imponenti tal-Qalb ta' Ġesù ibierek b'idu l-leminija, waqt li juri qalbu b'idu x-xellugija. Ħdejn riġlejh kien hemm żewġ anġli żgħar, wieħed fuq kull naħa: tal-lemin iżomm kalċi, l-ieħor salib – simboli tal-aqwa żewġ mumenti li fihom intweriet l-imħabba ta' Kristu lejna l-bnedmin.

L-ewwel jirreferi għat-twaqqif tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi… Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan hu demmi id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (Mt 26, 26-28). It-tieni jirreferi għall-mewt tiegħu fuq is-salib u, speċifikament, għall-mument "meta wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma" (Ġw 19, 34) simbolu tal-fidwa tal-bnedmin.

Din l-ewwel vara kienet tixbah ħafna lill-figura tal-*Qalb Imqaddsa ta' Ġesù* fil-inkwatru titulari, inkwatru b'xogħol kromatiku tajjeb li jixhed sofistikazzjoni konsiderevoli tal-pittur Giuseppe Calì (1846–1930). Il-kulur ċelesti tal-libsa, kif ukoll il-kulur aħmar tal-mant, jixxiebhu sewwa. Il-qagħda tal-mant tal-vara, hi madankollu differenti minn dik li naraw fit-titular. Mhix ħaġa kbira li l-Avukat Cremona ħa xi kopja tal-inkwatru lill-istatwarju ta' Ruma. Il-pittura kienet twaħħlet f'postha tliet snin qabel, fis-sena 1904.

Sena u nofs wara l-wasla tal-vara tal-Qalb ta' Ġesù, nhar it-30 ta' Diċembru 1908, Dun Ġużepp inħatar viċendarju. B'din il-ħatra, il-knisja tal-Fontana saret viċi-parroċċa. Għaddew sentejn oħra, u nhar is-27 ta' Marzu 1911, bid-digriet *Constituto nobis* maħruġ mill-Belt tal-Vatikan, il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù kienet mifruda mill-Parroċċa tal-Katidral u twaqqfet f'parroċċa għal rasha. Il-ħolma tal-Fontanin saret realtà u Dun Ġużepp Hili, kif kien xieraq, inħatar l-ewwel Kappillan (1911–1937).

Il-purċissjoni bil-vara tal-Qalb ta' Ġesù ta' Ruma baqgħet issir ta' kull sena f'jum il-festa liturġika. Jingħad li din il-vara qajla ntgħoġbot u li fuq kollox kienet tqila wisq. Għalhekk nibet il-ħsieb li ssir oħra. Il-vara ta' Ruma nħarġet għall-aħħar darba fis-sena 1922.

Din illum qiegħda f'niċċa fis-sagristija mingħajr iż-żewġ anġli, li mhux magħruf x'sar minnhom. Id-dehra tagħha llum m'għadhiex l-istess ta' meta nġabet minn Ruma. Il-vari tal-istabiliment ta' Francesco Rosa huma bil-wisq iktar mirquma. Dan ifisser li tul iż-żmien intmesset f'xi proċess ta' restawr.

**3 • It-tieni vara**

Il-Kappillan Hili għaldaqstant reġa' talab permess lill-Isqof ħalli jagħmel vara ġdida. Mill-ġdid ma sibt ebda rikors formali ta' din it-talba. Appena qala' l-permess, il-Kappillan Dun Ġużepp u s-sajjieda Fontanin, li kienu ser jiffinanzjaw parti mill-ispiża, avvinċinaw lil Wistin Camilleri (1885–1979), wieħed mill-aqwa statwarji ta' dawn il-gżejjer, ħalli jagħmlilhom vara oħra. Kellu l-maħżen Wara San Franġisk u għalhekk mhux 'il bogħod mill-Fontana. Hekk setgħu kultant jagħtu titwila u jarawha tiġi fformata.

Wistin bla dubju ħa gost mitqlu deheb – kienet l-ewwel vara titulari li kien ikkummissjonat Għawdex. Il-vara, xogħol tal-kartapesta, ingħatat forma differenti mill-ewwel waħda. Ġesù kellu jdejh miftuħa beraħ qiegħed jilqa' lil dawk li jirrikorru lejh. Hu kien wieqaf fuq globu mżejjen bil-kwiekeb, rappreżentazzjoni tad-dinja. B'hekk il-figura riedet twassal il-messaġġ li kulħadd hu milqugħ minn Ġesù. Il-qagħda taż-żewġ anġli, wieħed fuq kull naħa ta' riġlejh, kienu ispirati


GOZO
laundry &
dry cleaning
ltd.
Free pickup & delivery
Factory A, Industrial Estate, Xewkija XWK 3000, Gozo - Malta.
Tel: 2156 1203, Mob: 7931 7523


Valley View
RESTAURANT
XLENDI ROAD, XLENDI BAY,
GOZO
Serves: A La Carte
Set Menu 3 Course Meal
Mob: 7996 6352
RESTAURANT
Tel: 21560283
RESIDENCE
Tel: 21557551
Carmen & Joe


BACCHUS
WINERY
Triq l-Isptar San Giljan,
FONTANA
Tel: 2155 1816
Fax: 2156 4189

minn dawk tal-vara ta' Ruma. L-istess bħal tal-ewwel vara, wieħed iżomm kalċi, l-ieħor salib. Mhix ċara r-relazzjoni tagħhom mal-ewwel tnejn.

Pawlu Camilleri-Cauchi, bin Wistin, għandu intervista ma' missieru, li saret fil-21 ta' Frar 1976, b'relazzjonijiet ma' ħidmietu. F'kumment fuq il-forma tar-ras ta' din il-vara jgħid kif din kienet inkisret aċċidentalment u kellha terġa' ssir. U żied Wistin: "jien ma tħallastx tiegħu dak għaliex dak iż-żmien il-kappillan ma kellux flus f'idejh".

Meta temm jiżbogħha, Wistin beda jaħseb għall-induratura u għalhekk ordna l-bornite, mineral tas-sulfat tal-ħadid rikk fir-ram. Fl-intervista msemmija, jgħid li hu nnifsu għamel l-isgraffjar u ksieh bil-bormide bi tħejjija għall-induratura. Din, milli jidher, għamilha hu wkoll u għenu fiha l-magħruf indurarur Ġużeppi Farrugia tal-Imdina. Dan għaliex Farrugia, meta kien ikollu xogħol Għawdex, kien jaħdem f'dar mikrija faċċata tal-maħżen ta' Wistinu. Fl-Arkivju Parrokkjali tal-Fontana teżisti irċevuta ta' ħlas ta' għoxrin lira sterlina (£20) relatati mal-vara, iżda mhux magħruf eżatt ta' xhiex.

Il-vara tbierket mill-Isqof Ġwanni-Marija Camilleri nhar it-8 ta' Ġunju 1923, festa tal-Qalb ta' Ġesù, u dlonk wara nħarġet għall-ewwel darba f'purċissjoni. Nota dwar din it-tieni vara fil-ġurnal kattoliku *Is-Salib* (Ġunju 1923) tafferma li din il-vara ntgħoġbot bis-sħiħ. Tal-istess fehma kien Virginio Monti (1852-1942), pittur Taljan minn Genzano di Roma, li dik il-ħabta kien f'dawn il-gżejjer b'kummissjoni ta' xogħol f'diversi knejjes, fosthom fil-knisja parrokkjali tax-Xagħra. Jingħad li meta raha stgħaġeb: *Un volto divino che ti attrae, una corporatura buona* – Għandha wiċċ divin li jiġbdek u kompożizzjoni tajba. Hu żgur li l-vara ġibdet ħafna devoti lejn il-parroċċa tal-Fontana.

Il-purċissjoni bil-vara tal-Qalb ta' Ġesù baqgħet issir fil-jum liturġiku tagħha sat-Tieni Gwerra Dinjija (1939–1945). Wara l-gwerra, il-festi tal-irħula reġgħu ħadu r-ruħ u żdiedet l-organizzazzjoni tagħhom.

Dun Mikiel Grech, it-tielet kappillan tal-Fontana (1944-1956), għamel ħiltu biex iġib il-festa 'l quddiem. Nibet il-ħsieb li l-festa ssir iktar bil-kbir jekk tibda ssir f'Jum il-Ħadd, iżda, kif jingħad, 100 bniedem, 100 fehma. Mhux kulħadd qabel miegħu.

Eventwalment, intlaħaq ftehim li nhar is-solennità liturġika tal-Qalb ta' Ġesù ssir purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa, waqt li l-festa bil-vara ssir il-Ħadd. Bi ftehim mal-parroċċi l-oħra ta' Għawdex, il-festa bdiet issir fil-Ħadd li jaħbat bejn l-14 u l-20 ta' Ġunju. Aktarx li saret hekk għall-ewwel darba l-Ħadd, 15 ta' Ġunju 1947.

**4 • Festa bil-kbir**

Lejn l-istess żmien, il-għoli tal-vara tnaqqas meta l-globu li fuqu kien wieqaf Ġesù iċċekken u tħalliet biss iċ-ċirkumferenza tal-parti ta' fuq tiegħu. Fis-sena 1985, il-vara kienet irrestawrata minn Michael Camilleri-Cauchi, bin Wistin, u ndurata mill-ġdid minn Horace Farrugia tal-Imdina, nepputi tal-induratur Ġużeppi.

Il-festi jibdew l-Erbgħa bit-tridu fil-knisja parrokkjali u tilħaq l-aqwa tagħha l-Ħadd ta' wara hekk kif il-vara tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù titfaċċa fil-bieb tal-knisja biex tinħareġ għad-dawra annwali tagħha f'purċissjoni mat-toroq tal-lokalità u ta' parti mill-Belt Victoria. Il-Banda *La Stella* takkompanja bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Id-daħla lura fil-knisja ssir fost l-entużjażmu tat-tfal, taż-żgħażagħ, u tal-kbar, entużjażmu li jixhed l-imħabba tal-Fontanin lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.



*Ritratt li ttieħed bil-kulur u wara li ċċekken il-globu.*

# Ritratti storiċi TAL-PELLEGRINAĠĠ TAL-1956 lejn il-Knisja Katidrali








***minn kollezzjoni privata ta' John Cremona***



# IL-VARA TAL-QALB TA' ĠESÙ FIL-PARROĊĊA TAL-FONTANA

# TAGĦLAQ MITT SENA

Joe Camilleri

*Ritratt tal-Fontana meħud minn Giuseppe Cremona. Kollezzjoni privata.*

Il-vara titulari tal-parroċċa hi l-għożża tan-nies tal-post. Minbarra s-siwi artistiku intrinsiku, fiha jaraw simbolu tal-kult ewlieni li jgħaqqadhom f'komunità waħda bi mħabba, b'devozzjonijiet, b'inizjattivi u bi tħabrik komuni. Għalhekk, dati u avvenimenti sinifikattivi marbutin max-xbieha titulari jixegħlu ħeġġa u entużjażmu. Bħalissa, fost l-abitanti tal-Fontana jispikka ferħ ċelebrattiv: fil-bidu ta' Ġunju jfakkru l-ewwel ċentinarju tal-vara titulari li tirrappreżenta l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Din ix-xbieha artistika hija meqjusa bħala waħda mill-kapulavuri tal-iskultur u statwarju Għawdxi, Wistin Camilleri.

F'Għawdex insibu żewġ knejjes iddedikati lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. It-tnejn huma kważi tal-istess żmien. L-ewwel ġebla tal-bini ta' dik tal-Fontana tqiegħdet fid-29 ta' Jannar,1893. (1) Il-knisja l-oħra hija ta' ġuspatronat lajkali. Tinsab fin-Nadur, u l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fl-4 ta' Mejju, 1902. (2) Permezz ta' dawn iż-żewġ knejjes issuktat tinfirex id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Imma l-kult f'Għawdex għandu bidu wisq aktar qadim.

## Introduzzjoni

F'pajjiżi Ewropej, il-qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù xterdet ħafna permezz tal-apostolat tal-Kumpanija ta' Ġesù. Jista' jkun wkoll li kienu l-Ġiżwiti li daħħlu l-kult fil-gżejjer Maltin, forsi sa mis-seklu tmintax. (3) Fl-1866, it-tmexxija tas-Seminarju ta' Għawdex ġiet fdata f'idejn il-Ġiżwiti li kienu ġew minn Sqallija. Mis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, id-devozzjoni lejn il-Qalb Divina bdiet tinfirex fil-parroċċi li f'ħafna minnhom twaqqaf ukoll l-Apostolat tat-Talb. Sas-sena 1891, il-kult kien laħaq il-gżira kollha. (4)

L-ewwel rappreżentazzjoni artistika tal-Qalb Imqaddsa nsibuha fi kwadru ovali li tpitter fl-1779 minn Francesco Zahra, l-aħjar pittur Malti tas-seklu tmintax. Sar għall-Kappella tas-Sagrament fil-Matriċi (illum Katidral) t'Għawdex. (5) Biż-żmien, dan il-motif sab post f'kull knisja permezz ta' statwa jew inkella xbieha ta' żewġ dimensjonijiet.

## Il-knisja parrokkjali tal-Fontana.

L-Isqof t'Għawdex, Giovanni Marija Camilleri kkonsagra l-knisja tal-Fontana fid-29 ta' Jannar, 1905. Sa mill-bidu, is-sajjieda tal-post xtaqu li l-knisja tkun iddedikata lill-qaddis patrun tagħhom, Sant'Indrija. Inkella lil Kristu Salvatur li kien igawdi wkoll devozzjoni, l-aktar minħabba n-niċċa bix-Xbieha Divina li hemm faċċata fejn telgħet il-knisja. Iżda l-isqof t'Għawdex wera xewqtu li l-knisja tkun iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, aktar u aktar minħabba l-kult li dejjem kiber permezz ta' inizjattivi ta' ċerti kapijiet tal-Knisja. Ħaġa minn ewl id-dinja, il-Fontanin baxxew rashom għar-rieda tal-isqof. (6)

## L-ewwel vara titulari

L-abitanti tal-Fontana xtaqu jsegwu wkoll il-passi tal-kotra tal-parroċċi f'Għawdex li kellhom il-vara titulari tagħhom biex nhar il-festa jkunu jistgħu jdawruha f'purċissjoni mat-toroq ewlenin. L-ewwel vara tal-Qalb ta' Ġesù kienet ikkummissjonata lid-

ditta Rumana *Fabrica di Statue Religiose – Francesco Rosa.* (7) Ix-xbieha sagra waslet Għawdex fis-26 ta' Mejju, 1907. Kienet esposta fil-knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat, minfejn imbagħad ittiehdet lejn il-Fontana bis-sehem tal-fratellanzi u l-kleru, u akkumpanjata mill-Banda La Stella. Nhar is-7 ta' Ġunju, festa tal-Qalb ta' Ġesù tbierket mill-Isqof Camilleri u wara, inħarġet f'purċissjoni. Baqgħet tintuża sal-1922.

Iżda d-dehra f'linja vertikali sempliċi u xi ftit iebsa ta' dil-vara ma tantx niżlet lill-Fontanin. It-toqol tagħha kien fattur ieħor negattiv. Ġie deċiż li tkun ikkummissjonata vara oħra li taqbad aktar l-għajnejn u l-qalb tal-poplu. (8)



*L-ewwel statwa titulari, maħduma fl-1907 mid-ditta 'Francesco Rosa'.*

## It-tieni vara titulari u l-artist li ħadimha

L-għażla waqgħet fuq l-iskultur u statwarju Għawdxi Wistin Camilleri li fi Triq Għajn Qatet, ir-Rabat, Għawdex kellu bottega attiva minfejn beda jagħti sehem siewi fl-iżvilupp tal-istatwarja Maltija. Għalkemm medd idejh f'ġeneri diversi tal-arti skultorja, Wistin kien primarjament statwarju tal-arti sagra. Tul ħajja attiva ta' 94 sena ħadem bis-sħiħ. Ħallielna wirt li jixhed il-marka tiegħu fl-istatwarja Maltija ta' żmienu. Fill-fatt, ftit huma dawk il-knejjes li fihom ma ssibx xi statwa reliġjuża li nħadmet minn dan l-artist. Għadd ta' bliet u rħula lokali għandhom ukoll statwi ta' qaddisin, xbihat bibliċi, ta' dutturi tal-knisja, anġli, u figuri allegoriċi li jintużaw fid-dekorazzjoni tal-pjazez u t-toroq fil-jiem tal-festi titulari.

L-istatwarja Maltija kienet ħadet spinta 'l quddiem għall-ħabta ta' nofs is-seklu tmintax, forsi l-iktar bl-interess fl-istatwi li jirrappreżentaw episodji mill-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.(9) L-iżvilupp tal-ibliet u l-irħula, iċ-ċaqliq ekonomiku u xejriet ġodda soċjo-kulturali qanqlu wkoll interess fl-istatwi titulari u proċessjonali, u f'oħrajn li setgħu jintużaw waqt il-festi parrokkjali. Ftit ftit bdiet tissawwar tradizzjoni ta' statwarja, l-iktar permezz tal-medju tal-kartapesta, li tferrxet sew lejn tmiem is-seklu dsatax, tul is-seklu għoxrin u li għadha qawwija sa fi żmienna.

Wistin Camilleri wasal fi żmien opportun meta din it-tradizzjoni kienet qabdet l-art sewwa. Huwa kompla fit-triq ta' statwarji oħra Maltin fosthom Saverio Laferla (1710-1761), Ġużeppi Vella (1802-1866), Carlo Darmanin (1825-1909), Girolamo Darmanin (1834-1879), Vincenzo Cremona (1851-1912), Karlu Mallia (1880-1930) u oħrajn. Tul karriera twila ddedikata kollha għall-arti, Camilleri ħadem ma' ħafna artisti magħrufa. Baqa' attiv kważi sal-aħħar meta kien laħaq l-età venerabbli ta' 94 sena. Inġibu quddiem għajnejja, bniedem serju, ħiemed, kalm, aktarx solitarju. Umli u attent fi kliemu. Fuq kollox, bniedem spiritwali, karatteristika riflessa ħafna fil-produzzjoni sagra tiegħu. Dejjem jaħdem bi ħrara, b'ħeġġa u b'sabar fl-istudju tiegħu. Għalih ma kienx hemm orarju. Tgħaddi xħin tgħaddi, bieb l-istudju ssibu miftuħ għax ħin il-bottega ma kienx jitkejjel bl-arloġġ. Għal Wistin, l-arti kienet tokkupa kull waqt; l-arti kienet ħajtu.

Wistin Camilleri (2 ta' Mejju, 1885 – 4 ta' Lulju, 1979) twieled fir-Rabat, Għawdex minn ġenituri Maltin miż-Żejtun li kienu jgħammru fil-gżira tat-tliet għoljiet.. Beda l-istudju tal-iskultura fis-Seminarju t'Għawdex taħt il-Fratell Taljan Gosimo. Issokta jitħarreġ fl-Iskola tal-Arti tal-Belt, disinn taħt Calì u skultura taħt Cardona. Imbagħad, ta' 22 sena ntbagħat fl-*Accademia di San Luca*, Ruma, fejn qablu kienu studjaw artisti oħrajn Maltin. Tħarreġ taħt Pietro Canonica u Pezzardi. Wara sentejn ġie lura Malta u kompla jaħdem taħt skulturi Maltin sakemm imbagħad fetaħ l-istudju tiegħu f'Għawdex. (10)

Ix-xogħol tiegħu ma baqax limitat biss għall-gżejjer Maltin. L-opri tiegħu tferrxu wkoll f'artijiet barranin, fil-Kanada, f'Melbourne u f'Sydney fl-Awstralja, fi New York, f'Toronto u f'Filadelfja fl-Istati Uniti, fl-Abbisinja, f'Tunes, f'Bona u f'Marsilja. (11)



**Ġunju tal-1923: mitt sena ilu titbierek il-vara l-ġdida**

Meta l-ewwel Kappillan tal-parroċċa l-ġdida tal-Fontana, Dun Ġużepp Hili ordna l-vara l-ġdida, Wistin Camilleri ħa l-kummissjoni b'impenn u b'serjetà kbira. Tefa' fuqha l-almu, il-ħila artistika u l-enerġija kollha biex jagħti lill-parroċċa vara li tkun denja għall-kult qaddis tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-vara kienet esposta fil-knisja fit-3 ta' Ġunju, 1923. Ħamest ijiem wara, l-Isqof Camilleri berikha, u wara, inħarġet għall-ewwel darba f'purċissjoni.(12) L-opra l-ġdida ntgħoġbot mhux biss mill-Fontanin, imma ġibdet ukoll lil kull min tefa' għajnejh fuqha. (13)

## Analiżi

Il-wiċċ kalm ta' Kristu jitfa' ħarsa ġentili ta' ħniena u mħabba. Qalbu mberrħa fuq sidru fit-tipoloġija ikonografika stabbilita biex tixhed l-imħabba Divina kontinwa. Hekk ukoll, id-dirgħajn mgħollija u miftuħin dejjem lesti biex jilqgħu u jħaddnu lil kull min ifittex il-kenn fi ħdan l-Iben t'Alla. Dil-figura ċentrali kienet tistrieħ fuq globu mtektek kwiekeb, simbolu tas-setgħa u tal-imħabba universali tal-Mulej. Żewġ puttini simettriċi jżommu s-salib u l-kalċi rispettivament, simboli tal-imħabba totali u eterna ta' Kristu għall-umanità kollha. Aktarx minħabba ċerta konvenjenza, saret modifikazzjoni fil-globu li tbaxxa u baqa' biss indikat. Il-polikromija magħżula mill-artist b'tonalitajiet ħajja iżda mrażżna, hija addattata u sinifikattiva ħafna. L-għażla tal-ikħal u l-aħmar jimxu fit-tradizzjoni ikonografika qadima. Il-blu hu simbolu tad-divinità u tat-traxxendenza. Il-lewn aħmar nassoċjawh mal-umanità u mal-imħabba. Maż-żmien, saru wkoll interventi fuq il-vara mill-iskultur u statwarju Michael Camilleri Cauchi, bin Wistin, u minn Horace Farrugia li nduraha mill-ġdid fl-1985. (14) L-istatwa fl-oriġinalità tagħha nistgħu nosservawha biss f'ritratti qodma.

Fil-vara tal-Qalb ta' Ġesù nilmħu l-karatteristiċi tal-istilistika distintiva li nsibu fil-kotra tal-opri sagri li ħarġu minn taħt idejn Wistin Camilleri: il-linja vertikali sempliċi u eleganti. Fl-istess ħin id-dehra monumentali li tixhed serjetà, dinjità, kalma, ġabra, u armonija spiritwali. Dejjem ngħid li l-istatwi ta' Wistin Camilleri huma dinjitużi u fl-istess ħin mogħnijin b'ċerta umanità. Toqrob lejhom b'ġabra u bi mħabba devozzjonali. (15) Wistin kien artist dixxiplinat biżżejjed biex jagħraf l-essenzjal, jitfa' l-qawwa tal-kreattività tiegħu fuq il-qofol u ma jintilifx f'dettalji superfluwi u f'teatralità insinifikattiva li flok jgħinu, jeqirdu kompożizzjoni.

Minkejja li xorob anki ħjiel mill-Barokk Ruman, naħseb li l-linja Neo-Klassika kienet taqbel aktar mat-temperiment naturali ta' Wistin Camilleri. Kien akkademiku, iżda prattiku u fuq kollox rispettuż lejn il-verità u lejn id-dinjità tal-persuna biblika/qaddisa li kien jinterpreta. Kien jaf jagħżel tipoloġija jew joħloq stilistika li waqt li tkun pjaċevoli u timxi fil-linja tal-arti popolari, fl-istess ħin tkun addattata u aċċettabbli ħafna għal ambjent sagru u għal ħtiġijiet devozzjonali. Ir-rispett lejn is-suġġett kien jibqa' jurih saħansitra fix-xogħlijiet ikkummissjonati għal sitwazzjonijiet ċelebrattivi. L-awtodixxiplina kienet tindikalu sens ta' bilanċ bejn l-aspett glorifikanti u dak uman u dinjituż. Fil-każ tal-vara titulari tal-Qalb ta' Ġesù, l-ikbar ċertifikat ta' dan tahulu l-pittur kontemporanju Robert Caruana Dingli. Fl-20 ta' Ġunju, 1923, gazzetta lokali bit-Taljan irrapportat li dan il-pittur qies il-vara titulari tal-Fontana bħala kapulavur ***che supera le altre per ezattezza di lavoro e per taglio di ottima tempra, armonizzando sopra tutto il Cristo glorioso ed umile*.**

Naħseb li din id-duwalità, iż-żwieġ bejn id-diversi elementi kontrastanti ta' sempliċità, umiltà, umanità, u dawk ta' dinjità, eleganza u nobiltà spiritwali jidhru fil-qofol tagħhom fit-trattament u fl-interpretazzjoni ta' Kristu. Forsi l-aktar fi Kristu tal-imħabba u tat-tbatija. Għalhekk, lil Wistin Camilleri joqgħodlu sewwa t-titlu ta' *l-artist ta' Kristu*, l-aktar minħabba l-għadd kbir ta' kurċifissi li ħadem. Bħall-motif tal-Qalb ta' Ġesù, Kristu agonizzant jew mejjet hu l-personifikazzjoni tal-imħabba totali u assoluta. (16)

## Aspetti tekniċi

Kif kienet l-aktar prattika komuni tiegħu, fit-tiswir tal-vara tal-Qalb ta' Ġesù, Wistin Camilleri nqeda

# Charles Attard

**WHOLESALER FOR**
**FRESH FRUIT & VEGETABLES**



‘Primrose’
Triq is-Sajjieda,
Fontana

Tel: **2156 6707**
Mob: **9942 4124**







# SHOPRITE

## Discount Store

**Sausages from Austria**

Schirnhofer

13, St Augustin Square, Rabat, Gozo
Contact:
Teddie Curmi Tel: 2155 6227 (Store)
Gerhard Seidl Mob: 7932 1462

bil-medju tal-kartapesta li kien jaħdimha b'teknika partikulari. Żviluppa proċess li bih sawwar figuri teknikament sodi li rreżistew għat-tqandil, għall-ħerba taż-żmien u tal-insetti. Minkejja ċ-ċaqliq goff li setgħu ġarrbu ħafna statwi, l-iktar dawk li jintramaw fil-beraħ tul il-festi popolari, l-istruttura baqgħet bla mittiefsa.

Wara li jimmodella l-partijiet anatomiċi bit-tafal lokali, tittieħed il-forma tal-ġibs. Il-partijiet kollha jinħadmu fil-kartapesta u mbagħad jingħaqdu biex jiffurmaw korp li jintrabat sewwa mal-bażi jew pjattaforma tiegħu. Wistin Camilleri kien litteralment ifassal il-ħwejjeġ minn drapp tax-xkejjer, ilibbes il-figura u jsawwar il-panneġġi. Il-kostum ikun irrinforzat permezz ta' diversi passati ta' taħlita ta' ġibs u kolla tal-fenek. In-nisġa miftuħa tad-drapp tax-xkejjer kienet tipprovdi qabda eċċellenti. Meta l-artist kien jara li kollox sar ħaġa waħda u li kiseb it-texture li xtaq, kien iħalli l-istatwa tinxef sewwa. Min jaf kemm ġibdu l-attenzjoni, jew ħasdu, l-istatwi lewn il-krema b'għajnejn tal-ħġieġ ileqqu li Wistin kien iħobb iħalli jinxfu qishom iħirsa fuq il-bankina tal-ħanut tax-xogħol tiegħu! Wara, kien isir l-ixkattlar bis-sabar. Fejn meħtieġ, issir xi induratura, u mbagħad tingħata l-polikromija. Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù għaddiet mill-istess proċess.

## Il-ħlas tal-kummissjoni

Dil-kwistjoni għadha ma ġietx riżolta għal kollox. Hemm min kiteb li "parti mill-ispejjeż tħallsu mill-poplu; il-kumplament għamel tajjeb għalihom Wistin innifsu." (17) Hemm min isostni li Wistin Camilleri kien tħallas is-somma mitluba. Fejn hi l-verità?

Fiż-żmien li ngħatat il-kummissjoni lil Wistinu Camilleri, l-irħajjel tal-Fontana kien żgħir u abitat l-aktar minn sajjieda. L-introjtu tal-knisja kien wieħed limitat. Sar ftehim verbali bejn il-Kappillan Dun Ġużepp Hili u Wistin Camilleri li l-prezz għax-xogħol tal-vara jkun ta' disa' (9) liri sterlini. Fl-istudju tiegħu, Wistinu kien irrakkontali fatt marbut ma' din l-istatwa li jitfa' dawl dwar il-karattri tal-artist u tal-qassis twajjeb. Dun Ġużepp kien irnexxielu jiġbor id-disa' liri. Iżda xi ftit jiem wara, avviċinah żagħżugħ mill-Fontana u talbu l-għajnuna finanzjarja biex ikun jista' jemigra. Ta' ħanin li kien, il-qassis sellfu l-flus li kellu fil-kaxxa. Għadda ż-żmien u Dun Ġużepp sema' li ż-żagħżugħ emigrat kien sab xortih. Għalhekk kitiblu u talbu jirritorna l-flus tas-self billi din is-somma kienet inġabret biex titħallas il-vara titular. Imma flok ir-ritorn tal-flus, lill-qassis waslitlu xeba' insolenzi u ingratitudni miż-żagħżugħ li tant sewdulu qalbu. Fi triqtu lejn ix-Xlendi, Wistin iltaqa' mal-qassis li, imħasseb kif kien, fetaħ qalbu miegħu u għarrfu b'kollox. Kulma qallu l-artist: "Tibżax, Alla jipprovdi." Ħaġa minn ewl id-dinja, il-kappillan ma setax jagħmel ġabra oħra. Kif jasal ifiehem lil kull benefattur li kien għamel sagrifiċċju u newwel xi ħaġa tal-flus? Kien żmien l-għaks u l-faqar, imma żmien ukoll ta' qlub twajba. (18)

## Konklużjoni

Ġara x'ġara, wara mitt sena, il-vara tal-Qalb ta' Ġesù għadha żżejjen il-knisja parrokkjali. Ta' kull sena tinħareġ f'purċissjoni mat-toroq ewlenin tal-Fontana biex ixxerred l-imħabba u s-sliem fuq l-abitanti kollha. Fl-istess waqt, tfakkar fl-inizjattivi, fit-tħabrik, fis-sagrifiċċji u fl-għożża tal-Fontanin li mitt sena ilu ħolmu ħolma ta' mħabba. Għamluha realtà u għaddewha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom biex il-vara maestuża tal-Qalb ta' Ġesù tibqa' għajn ta' fidi, ta' devozzjoni u ta' għaqda komunitarja.

## Referenzi:


(1) Bezzina Joseph, *Il-Fontana u Ġrajjietha: mill-qedem sa żminijietna*, pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana, Gozo Press 2019, p.101.

(2) Camilleri Dun Dumink, *Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù Nadur*, J. De Bono Printing Press Ltd., 2001, p.46.

(3) Calleja Toni, *Il-Kult tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex*, f'Festa Madonna ta' Loretu 2018, p.101.

(4) Ibid. P102.

(5) Ibid p.101. Ara wkoll Bezzina Joseph, *Il-Fontana u Ġrajjietha: mill-qedem sa żminijietna*, pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana, Gozo Press 2019, p.99.

(6) Ibid p.99.

(7) Bezzina Joseph, *Parish Titular Statues in Gozo*, Gaulitana 5, pubblikazzjoni Bugelli, 1987, p.7.

(8) Ibid p.7. Ara wkoll *Sit Elettroniku Parroċċa Qalb ta' Ġesù Fontana*.

(9) Sciberras Keith, *L-Arti Barokka f 'Malta*, Produzzjoni Kullana Kulturali PIN, 2003, p.183.

(10) Mifsud Bonnici Robert: *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, Malta, Dip. Ta' l-Informazzjoni, 1960, p.98.

(11) Ibid p.98.

(12) Bezzina Joseph, *Parish Titular Statues in Gozo*, Gaulitana 5, pubblikazzjoni Bugelli, 1987, p.7.

(13) *Is-Salib*, Ġunju 1923, p.6.

(14) Bezzina Joseph, *Il-Fontana u Ġrajjietha: mill-qedem sa żminijietna*, pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana, Gozo Press 2019, p.107.

(15) Għal aktar dettalji are Camilleri Joe, *Wistin Camilleri: a valid contribution to the art of statue-making in the Maltese islands*, f'*Wistin Camilleri – maquettes, statues, sculptures*, Gozo Press, 2004.

(16) Camilleri Joe, *Wistin Camilleri: a valid contribution to the art of statue-making in the Maltese islands*, f' *Wistin Camilleri – maquettes, statues, sculptures*, Gozo Press, 2004.

(17) Bezzina Joseph, *Il-Fontana u Ġrajjietha: mill-qedem sa żminijietna*, pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana, Gozo Press 2019, p.105.

(18) Footnote: Camilleri Joe, *Wistin Camilleri: a valid contribution to the art of statue-making in the Maltese islands*, f'*Wistin Camilleri – maquettes, statues, sculptures*, Gozo Press, 2004.

PRO STAGE
SOUND

www.prostagesound.com

## Professional audio solutions for:

Conferences & Seminars, Concerts & Festivals,
Corporate Functions, Product Launches,
Theatrical Events, Parties
& any other special event

## We also specialize in:

P.A. & Equipment Rentals, On-site Engineering
System Design & DJ Services

**ALL AT COMPETITIVE PRICES**
**AND EXCEPTIONAL SERVICE**

Tel/Fax: 2155 3961 Mob: 9947 8802

www.prostagesound.com info@prostagesound.com

# Wistin Camilleri

**Pawlu Camilleri Cauchi**




Din is-sena, 2023, hija s-sena li tfakkar għeluq il-100 sena minn meta missieri Agostino, jew kif inhu magħruf ma' kulħadd Wistin Camilleri, ħoloq ix-xbieha tant ħelwa u devota tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, statwa titulari tas-Santwarju ewlieni tal-Fontana. Illum huma forsi ftit mill-qarrejja li jiftakruh u permezz ta' dan l-artiklu li ġejt mitlub nikteb, se nagħti ftit tagħrif dwaru, għalkemm huwa verament diffiċli li tiġbor ħajja veneranda ta' 94 sena fi ftit kliem.

Il-familja ta' Agostino Camilleri, jew aħjar kif inhu magħruf Wistin, bdiet l-oriġini tagħha f'Bormla li maż-żmien tħalltet maż-Żejtun. Missieru Ġużeppi u ommu Katerina nee' Bonnici (oriġinarjament Bonnett) iżżewġu nhar is-6 ta' Ġunju 1858 fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina, iż-Żejtun. F'nofs is-seklu 19, Ġużeppi Camilleri flimkien ma' ħuh Wenzu, li kienu jaħdmu fuq ix-xogħol tal-imtieħen bħala taħħana u soprastanti, wara li bdew irabbu l-familji tagħhom ġewwa ż-Żejtun, għal xi raġuni ddeċidew li jitilgħu bil-familji f'Għawdex. Kien hawn li għall-aħħar nofs tas-seklu 19 xtraw erbat'imtieħen, tnejn ġewwa l-Belt Victoria, waħda x-Xewkija u oħra l-Qala, u minn hemm oriġina l-laqam "Tal-Mitħna". Ġużeppi flimkien ma' martu Katerina rabbew il-familja tagħhom ġewwa waħda mill-imtieħen li kellhom il-Belt Victoria, dik ta' Triq Għajn Qatet, wara San Franġisk. Kien appuntu ġewwa din il-mitħna li twieled Wistin, nhar it-2 ta' Mejju 1885, l-iżgħar fost l-għaxar ulied, 9 subien u tifla, u ġie mgħammed dakinhar stess fil-knisja ta' San Ġorġ. Ta' 17-il sena Wistin tilef lil missieru Ġużeppi li kellu 62 sena.

Minn ċkunitu wera l-ħajra lejn l-arti tant li ta' età żgħira kien beda jaħdem il-pasturi tat-tafal u repliki ta' statwa titulari u jbigħhom ġo tanbur ħdejn il-knisja ta San Ġorġ. Wistin beda l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Gvern immexxija mis-Surmast GianPatist Pace (missier l-Isqof Ġużeppi Pace). Dwar tfulitu ma tantx nafu ħlief minn dak li kien jirrakkonta hu, speċjalment xi praspar ta' meta kien abbati San Franġisk fejn hemmhekk kien jagħti sehmu fil-funzjonijiet u l-armar tal-knisja. Il-funzjonijiet kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox speċjalment meta tasal il-festa tal-Kunċizzjoni, tant għażiża għalih. Wara kompla jistudja fis-Seminarju mmexxi mill-Ġiżwiti, bl-għajnuna ta' Patri Manwel Magri li kien intebaħ bl-inklinazzjoni artistika ta' Wistin, u introduċih ma' Patri Cosimo li kien pittur u għalliem fis-Seminarju t'Għawdex.

Wara l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju, huwa mar jistudja l-Arti fl-Iskola tal-Arti, il-Belt Valletta taħt il-pittur Bormliż Ġużeppi Duca. Peress li minn dejjem kellu l-ġibda lejn l-iskultura u l-mudellatura, ħa xi lezzjonijiet oħra taħt l-iskultur Vincenzo Cardona li kien waqqaf l-iskola u taħt il-pittur Giuseppe Calì. Fiż-żmien li kien jistudja Malta, huwa kien jgħix ġewwa ż-Żejtun mal-familjari tiegħu. Waqt li kien

għaddej bl-istudji tiegħu taħt dawn l-artisti Maltin, għalkemm ta età żghira, hu kien diġà beda jaħdem xi xogħol fl-iskultura ġewwa Għawdex. Insibu li fl-1900, meta kellu biss 15-il sena, kien ħadem żewġ statwi tal-ġebel ta' madwar sitt piedi, li juru lil San Pietru u San Pawl u li jinsabu fuq il-frontispizju tal-knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex.

Fl-1906 huwa kien ħadem tliet statwi għall-faċċata tal-knisja ta San Franġisk. Peress li huwa xtaq jibqa' fil-linja artistika u jkompli jistudja l-linja tal-iskultura, ta' 22 sena huwa tela' Ruma, fl-*Accademia di San Luca,* biex jistudja u jipperfezzjona l-arti tiegħu. Dan kollu seħħ bl-għajnuna ta' zijuh tar-rispett, ċertu Caruana, imlaqqam "il-Marċjol", li kien jiġi n-nannu tas-Surmast Ġużeppi Caruana ta' Bormla. F'Ruma huwa studja taħt l-iskulturi Pietro Canonica u Pizzardi. Tgħallem ukoll it-teknika tal-kartapesta mal-istatwarju Coppa, li filfatt hija differenti minn tal-istatwarji Maltin ta' żmienu, fejn hu ħareġ teknika għalih mill-aħjar u fl-istess ħin disinjattiva. Hemmhekk huwa reġa' ltaqa' mal-ħabib tiegħu l-iskultur Antonio Sciortino. Lura f'Malta, Wistin kompla għal ftit żmien jitħarreġ mal-Pittur Guzeppi Calì tant li kien miegħu meta Calì għamel l-arzella tax-Xagħra. Kellu konnessjoni tajba mal-Pittur Lazzaro Pisani li dak iż-żmien kien għaddej bix-xogħol fin-Nadur. Mar-ritorn tiegħu lejn Għawdex, iddeċieda li jiftaħ l-istudju tiegħu fejn beda bl-ewwel kummissjonijiet artistiċi bħala skultur. Kien fl-1909 li fid-dar numru 42, Triq Għajn Qatet, fl-istess triq fejn twieled, beda jaħdem u fetaħ il-bieb għal karriera twila u sabiħa tal-arti sagra fejn hemm baqa' jaħdem sal-aħħar nifs. L-ewwel statwi tiegħu kienu dik ta' San Kaloġeru li għadha tinsab fl-istat originali tagħha fil-knisja tal-Franġiskani, ftit 'il-boghod mid-dar tiegħu u li nistgħu ngħidu kienet il-parroċċa tiegħu, u dik ta' San Tarċisju fil-knisja Ta' Savina.

Matul iż-żogħżija tiegħu huwa żgur li ra l-bidla f'pajjiżna għall-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu u wara n-nofs tas-seklu 20 speċjalment it-taqlib u ż-żminijiet diffiċli li ġabu magħhom iż-żewġ gwerer u l-iżviluppi fit-teknoloġija. Nafu wkoll li missieri tgħallem it-teknika tal-i*stucco* taħt l-iskultur Giulio Moschetti. Ftit wara l-mewt tal-istatwarju Karlu Darmanin, missieri kien gie avvicinat mit-tifla ta' Karlu u offrietlu jridx jixtri l-forom tal-istatwi li kellu missierha peress li ħadd minn uliedu ma kien se jkompli l-istess linja ta' missierhom. Però missieri m'aċċettax għas-sempliċi raġuni li hu kien jippreferi jimmudella l-istatwi tiegħu



milli juża l-forom lesti ta' ħaddiehor. Illum ngħid li kieku dakinhar aċċetta, kien jiġri bħalma ġara bl-istatwi ta' Karmenu Mallia magħruf bhala "il-Lhudi", li dan akkwista l-forom ta' Darmanin u llum wieħed isibha diffiċli li jagħraf bejn uħud mill-istatwi ta' Darmanin u dawk ta' Mallia.

Fl-istudju t'Għajn Qatet bdew deħlin diversi kummissjonijiet importanti, restawr ta' statwi antiki, dekorazzjonijiet għall-knejjes, disinni għal diversi albi tal-bizzilla għall-qassisin, disinji għal trieħi bir-rakkmu tad-deheb u ammont ta' xogħol kbir ieħor. Żgur li f'dan il-ftit ħin ma jistax ikun li nsemmi n-numru kbir ta xogħolijiet li ħadem imma ma nistax ma nsemmix il-vara titulari tal-Qalb ta Ġesù tal-Fontana li ħadem fl-1923, statwa devotissima u li kienet tassew għal qalbu u li tagħha, minbarra li kien l-awtur kien ukoll id-donatur. Insemmi wkoll il-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini f'Għawdex, Santa Rita għas-sorijiet tal-klawsura ta Santa Katerina tal-Belt; Kristu Rxoxt tar-Rabat, Malta; San Pawl tal-Munxar; u biċċa xogħol mill-isbaħ li saret bil-kollaborazzjoni bejnu u bejn

l-artist Antonio Agius li kienet id-disinn tas-Sodda tal-Monument u l-Korp ta' Kristu Mejjet li ħadem hu fl-1924 u li nsibu fir-Rotunda tal-Mosta. Huwa ħadem ukoll żewġ settijiet ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li jinsabu fix-Xewkija u fiż-Żebbuġ, Għawdex, flimkien ma' numru kbir ta' statwi oħra għal Malta.

L-iskultura u l-istallazzjonjiet huma rigoruzi fil-modellatura u l-espressjonijiet serji u devoti tal-istatwi tiegħu jimmanifestaw il-personalità tas-suġġett maħluq u anke dik personali. Missieri kien minn tal-ewwel li għamel statwi fil-konkrit fil-bidu tal-1920 bħalma huma Sant'Anna u San Ġwakkin fil-Qala u s-Salvatur fuq l-għolja tal-Merzuq. Kien ukoll pijunier li f'dawk iż-żminijiet diffiċli ta' trasport, huwa bagħat minn Għawdex xogħolijet lejn l-Amerka, il-Kanada, Bona, Port Said, is-Serbja, u saħansitra lejn l-Abbissinja u l-Awstralja. Kien jagħmel disinni tal-bizzilla tant fini u dettaljati tant li fl-1933 bizzilla minnhom ngħatat lil Papa Piju XI. Fl-1920 ngħata l-Unur għall-Mertu mill-Manifattura u Kummerċ u fl-1923 ingħata medalja tal-bronż f'wirja f'Wembley fejn esebixxa skultura ta' tfajla Maltija taħdem il-bizzilla.

Ma nistax ma nsemmix l-iktar ħaġa li kien magħruf għalihom: il-Kurċifissi. Ħadem kwantità kbira minnhom tant hu hekk li San Ġorġ Preca kien jgħid li "Jekk tridu Kurcifiss devot morru għand Wistin". Kien jaħdem b'devozzjoni kbira numru kbir ta' korpi santi li nsibu taħt l-artali. Monument ħaj għalih bla dubju huma x-xogħolijiet f'Ta Pinu li kienu wisq għal qalbu. Hemm insibu mal-1800 disinn differenti fl-iskultura fil-ġebla flimkienmal-istatwi tal-appostolat. Kien ukoll li bis-saħħa tal-interventi tiegħu li kkonvinċa lill-perit Andre Vassallo biex jitkompla l-bini tal-knisja, wara li l-perit ma riedx ikompli minħabba diverġenzi li nqalgħu bejnu u l-kummissjoni.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li missieri Wistin kien tħabat flimkien mal-iskultur Antonio Sciortino sabiex tinfetaħ l-ewwel skola tal-arti f'Għawdex iżda sfortunatment il-pjan ma rnexxiex. Fis-snin ta' wara l-gwerra kien twaqqaf kumitat sabiex jiġi esegwit monument b'tifkira tal-Għawdxin li mietu fil-gwerra u kienu avviċinaw lil missieri sabiex jagħmel dan il-monument. Huwa kien għamel l-abbozz u wrieh lil ħabib tiegħu Antonio Sciortino li għoġbu ħafna u għalkemm dan kien approvah u anke gie approvat mill-Kumitat, sfortunatament dan baqa ma sarx minnu. L-Isqof Mons. Ġużeppi Pace kien insista li jsir ta' Carlo Pisi akkost ta' kollox.

Missieri ma kellux ħin partikulari tal-ġurnata biex jaħdem: dejjem għaddej minn biċċa xogħol għal oħra u jagħmel kollox hu mill-bidu sal-aħħar, jipprepara l-abbozzi, il-mudellatura tal-figuri, jinforma, jipprepara l-kartapesta, ilibbes l-istatwi u anke jagħmel ix-xogħol tal-injam għall-pedati. Ta' spiss wieħed kien jara xi qaddis jinxef fuq il-bankina.

Kien l-ikbar għalliem tagħna u bil-mod il-mod jiena, u speċjalment ħuti, bdejna ngħinuh f'xogħlu peress li kien qed jikber fl-età. Ta' min jgħid li aħna wliedu, minn dejjem konna nafuh ta' età kbira peress li qabel iżżewweġ lil ommi Francesca Cauchi, huwa kien armel ta' Dolora Attard. L-aħħar xogħolijet tiegħu tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex kienu dawk għall-Katidral. L-ilbies tal-bellus ta' dawn il-vari kien sar minn ommi Francesca u ta' min jinnota li minbarra l-Kurċifiss l-istatwi ta' din l-istess Vara l-Kbira flimkien mal-anġli tal-Orazzjoni fl-Ort ġew irregalati mill-familja tagħna stess. L-aħħar statwi li ħarġu minn taħt idejh kienu dik tal-Bewsa ta' Ġuda fin-Naxxar u warajha Pietà li tinsab fil-knisja tal-Kunċizzjoni fil-Ħamrun, li ħadimhom fl-età sabiħa ta' 90 u 92 sena rispettivament. Ix-xogħol li għamel f'ħajtu qatt ma għamlu għall-flus iżda ħadmu dejjem minn qalbu. Filfatt huwa kien ġie onorat bit-titlu *Pro Ecclesia et Pontifice* mill-Papa Pawlu VI u ġie mogħti wkoll it-titlu ta' Kommendatur mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Malta.

Nagħlaq biex ngħid li għalina, uliedu, huwa kien is-sors primarju ta' tagħlim kemm f'dak tal-arti u kemm f'dak li hu valuri tal-ħajja. Għallimna nimxu 'l quddiem mingħajr ma naqtgħu qalbna. Meta kien ikollu xi biċċa xogħol li kienet ħabbtitu biex jagħmilha niftakru jgħid "Ma kinetx faċli imma għamiltha". Kien bniedem dħuli u ta' rispett u li kien igawdi rispett.

Huwa ħalla din id-dinja nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju 1979 fl-età sabiħa ta' 94 sena. Dakinhar ingħalqet dik il-ġenna żgħira, kif kien isejħilha hu stess, ta' Triq Għajn Qatet, fejn minn hemm stess huwa mar jiltaqa' mal-Ħallieq Divin. Missieri ħalla wirt kbir ta' xogħolijet warajh u aħna wliedu nirringrazzjawh ta' dak kollu li għamel magħna filwaqt li b'xogħolijietna nroddulu lura dak li hu nissel fina.



Printing that stands out
Printing and copying in colour and B&W
Lamination Bindings Stationery Calendars Business Cards
Rubber Stamps Large Format Printing Large Format Flatbed Printing
Printing on various media including: Plain Paper, Photo Paper, Art Canvas, Banners, Posters, etc.
Direct Print on Various materials including: PVC, Foam board, Acrylic, Alu board, Glass, etc.
PLAYPEN
DIGITAL PRINTING & STATIONERY




Talija
•EAT • DRINK LAUGH•
BAR | PIZZERIA | RESTAURANT
Talija
•EAT • DRINK LAUGH•
8, RABAT ROAD,
XLENDI XLN 1101, GOZO.
21 569 899 | 79 539899
INFO@TALIJARESTAURANT.COM
WWW.TALIJARESTAURANT.COM


BARGATE BOOKSHOP
For all your Stationery needs
School Supplies
Colour & B/W Photocopies
G. Borg Oliver Street, Victoria, Gozo.
T. 2155 8645 • M. 9944 7625 • E. bargategozo@gmail.com


Mark Farrugia
tal-Lippu
Suppliers of Fresh Fruit & Vegetables
30, Fountain Street, Victoria, Gozo • Tel: 2155 3327

# It-tiżjin prezzjuż fuq l-Istatwa li tqiegħed mill-Isqfijiet tul l-aħħar 25 sena



It-tqegħid tal-Kalċi bl-ismijiet tas-saċerdoti kollha t'Għawdex fih (2010)



It-tqegħid tad-Dijadema (2005)



It-tqegħid tas-salib tad-deheb fuq il-Qalb (1998)



It-tqegħid tal-kwiekeb li jirrappreżentaw il-parroċċi t'Għawdex (2001)

# • JANNAR 2023 •

# L-INAWGURAZZJONI TAL-FESTI ĊENTINARJI

L-idea ta' ċelebrazzjonijiet straordinarji fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-istatwa titulari kienet ilha timraħ f'moħħ il-Kappillan sa minn meta ġie magħżul biex imexxi l-komunità, lura fl-2019. Il-pandemija li faqqgħet f'Marzu 2020 ġabet ħerba f'ħafna aspetti tal-ħajja individwali u komunitarja u ma kienx mument illi taħseb u tippjana ċelebrazzjonijiet bħal dawn: il-poplu kellu eżiġenzi oħra. Meta mbagħad il-pandemija bdiet tbatti u l-festa tas-sena 2022 saret b'mod normali, reġa' beda jberren il-ħsieb li ssir festa ċentenarja kif jixraq. Fil-fatt, il-festi ċentinarji u l-*logo* li ġieħ maħdum apposta minn Noel Debono ġew imħabbra fi tmiem il-purċissjoni tal-festa 2022.

Wara l-festa 2022, ġie deċiż li l-festi ċentinarji jieħdu ħsiebhom il-kleru u l-kunsill parrokkjali tal-Parroċċa, li huma l-istess żewġ organi fi ħdan il-Parroċċa li jgħinu fl-organizzazzjoni tal-ħajja parrokkjali, inklużi l-pastorali u l-festi. Ġie deċiż ukoll illi jkun xieraq li l-festi ċentinarji jibdew b'mod solenni fl-aħħar Ħadd ta' Jannar 2023, preċiżament fis-solennità tal-118-il anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja.



Għal din l-okkażjoni straordinarja, l-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù ġiet esposta għal ftit jiem fis-Santwarju għall-qima tan-nies. Fuq xewqa tal-Kappillan, l-istatwa ġiet armata f'post u b'mod differenti mis-soltu. Fil-fatt, l-istatwa ġiet armata fuq il-presbiterju bil-purtiera tal-bellus aħma tat-tron tal-isqof warajha. Il-mod ta' kif ġiet armata ntogħġob ħafna min-nies tal-komunità.

**Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar** kien jum ta' talb, adorazzjoni u tpattija f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù. Dakinhar filgħaxija ġie ċċelebrat l-Għasar f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù u ngħatat il-Barka Sagramentali. Ġie mistieden iqaddes il-Kan. Michael Galea, direttur ta' Dar Arka. Dakinhar ukoll, il-Parroċċa ppreżentat somma sabiħa ta' flus li kienet inġabret fil-Milied bħala ġest ta' karità lejn din id-Dar. Il-Quddiesa f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù ntemmet bil-kant tal-innu popolari.



**Is-Sibt 28 ta' Jannar**, vġili tas-solennità, ġie ċċelebrat l-ewwel Għasar tad-Dedikazzjoni u wara ħarġet konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Kappillan. Waqt din l-okkażjoni s-sur Mario Galea rregala lill-Parroċċa l-innu l-ġdid *Cor Jesu* illi nkiteb apposta biex jakkumpanja l-ħruġ tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù għall-purċissjoni f'jum il-festa titulari. Il-mużika hija ta' Mario Galea stess filwaqt illi s-sur Mario Borg kiteb il-kliem. Mario Galea ppreżenta kemm il-partituri għall-banda u kemm il-partituri għall-orkestra u kor. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bl-innu popolari. Dakinhar ukoll inżammet l-ikla tradizzjonali ta' Jum il-Konsagrazzjoni fis-sala parrokkjali.

**Il-Ħadd 29 ta' Jannar**, jum is-solennità, ġie ċċelebrat Pontifikal solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof

# SUNRISE

## Pet & Garden Centre

*LEADING STOCKISTS OF:*

*• Indoor & Outdoor Plants • Artificial Plants & Flowers • Dried or Fresh Flowers • Tropical Fish • Birds • Pottery • All Needs for the Garden • Flower Arrangements for any Occasion*

**28 Dawwara Street, Victoria, Gozo**
**Tel / Fax: 2155 1785**



# Ta' Karolina

Bar - Restaurant - Pizzeria

*Specializing in Local Food*

Triq Marina, Xlendi,
Island of Gozo.
Tel: 2155 9675, Mob: 7956 4769
e-mail: xlendigozo@hotmail.com

Anton Teuma, bis-sehem tal-kleru tal-parroċċa. L-orkestra u l-kor *Chorus Urbanus* kienu taħt it-tmexxija tal-Mro. Dr. John Galea. Wara omelija mill-isbaħ, ġew ippreżentati lill-Isqof il-kandidati għall-Griżma tal-Isqof u waqt l-offertorju, dawn l-istess kandidati offrew lill-Isqof ittra miktuba minnhom. L-Isqof ippreżentalhom Bibbja b'dedika personali miktuba fuqha mill-Kappillan. Fi tmiem il-Pontifikal, il-Kappillan ħabbar il-Pellegrinaġġ Storiku taċ-Ċentinarju lejn il-Belt Victoria u ppreżenta wkoll lil Mons. Isqof l-ewwel kopja minn mija tal-edizzjoni limitata tat-tifkira taċ-Ċentinarju li l-Parroċċa ħarġet fl-okkażjoni ta' din is-sena speċjali. Din l-għodwa sabiħa, li rat Santwarju ppakkjat għall-Pontifikal, intemmet bl-eżekuzzjoni tant mistennija tal-Antifona *Ad Iesum Autem.*





**Punti mill-omelija ta' Monsinjur Isqof Anton Teuma nhar is-Solennità tad-Dedikazzjoni u l-Ftuħ tal-Festi Ċentinarji - 29 ta' Jannar 2023**

- Jekk id-dar tagħna tagħmilha sabiħa l-qalb kbira ta' min jgħix fiha, mela din id-Dar, id-Dar tagħkom (is-Santwarju tal-Fontana), kemm hi sabiħa! Jekk is-Sid ta' din id-Dar huwa l-Qalb ta' Ġesù, mela kemm hi sabiħa din id-Dar!

- M'hemm ħadd 'il barra minn din il-Qalb. M'hemm ħadd li jista' jibża' jew jiġih dubju jew ħjiel ta' inċertezza, illi lilu Alla ma jħobbux, ġara x'ġara f'ħajtu. Alla għandu wisa' għalik f'Qalbu. Alla jħobbok.

- Meta Żakkew induna li l-Qalb ta' Ġesù għandha wisa' għalih, meta induna li d-dar tiegħu fejn jista' joqgħod hija l-Qalb ta' Ġesù, jiftaħ daru lejn dawk kollha li huma fil-bżonn. Meta aħna, tajbin jew ħżiena, insibu post fil-Qalb ta' Ġesù, qalbna wkoll issir qalb li tilqa' lill-oħrajn, speċjalment lill-foqra u lil dawk li jsofru inġustizzja.

- Din il-festa li qed nintroduċu u li ssib il-qofol tagħha f'Ġunju, ejjew nagħmluha festa ta' kull dar ta' kull wieħed u waħda minna u festa ta' kull persuna li tgħammar fid-djar u fid-Dar ta' dan ir-raħal! Ejjew nagħmlu mid-djar tagħna l-post li fih inħossu l-imħabba ta' din il-Qalb tħabbat għal kulħadd.

- Jalla din is-sena tgħinna niċċelebraw lill-Qalb tas-Sid ta' din id-Dar, mhux biss f'din il-knisja, imma billi kull wieħed u waħda minna nsiru nixbhu ħafna iktar lill-Qalb ta' Ġesù. Il-Mulej jagħtina li din ma tkunx biss festa tal-knisja tat-Triq tal-Għajn jew tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù imma ta' kull dar u ta' kull persuna li tgħammar f'din iz-zona.



## L-INNU RELIĠJUŻ

# COR JESU

Mario Galea

Kont ilni ftit tas-snin naħseb dwar l-idea li fil-jum solenni tal-festa, waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, hekk kif l-istatwa titulari tkun ser titfaċċa fil-bieb tal-knisja, tkun ħaġa sabiħa li jibda jindaqq u jitkanta innu żgħir reliġjuż oriġinali ddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Jien trabbejt ġol-Fontana u minn meta kont għadni tifel żgħir l-istatwa titulari tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù kienet dejjem issaħħarni u kont ta' spiss nieqaf għall-ħin twil niċċassa lejha. Is-sena l-oħra qsamt l-idea u l-ħsibijiet tiegħi mal-kappillan il-Kan. Simon Cachia. L-għan tiegħi kien li dan l-innu irid ikun ta' stil solenni, qasir kemm jista' jkun, ħafif u tal-widna.



Iddiskutejt mal-ħabib tiegħi l-poeta Mario Borg u tlabtu sabiex jara jekk jistax jiktibli xi versi. Tkellemna dwar it-temi, in-numru ta' strofi u sillabi ta' din il-poeżija. Wara ftit taż-żmien għaddieli l-poeżija tiegħu. Fi ftit versi l-poeta, b'tant għaqal, irnexxielu jiġbor ħafna mill-aspetti importanti dwar id-devozzjoni, it-tbatija u l-ħniena tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Fl-istess ħin, jien ħadt ħsieb il-parti mużikali u nara li l-mużika tkun kemm jista' jkun adattata għall-lirika tal-poeta. Barra li dan l-innu strumentajtu għall-banda jien għamilt ukoll diversi arranġamenti għall-vuċi u orgni kif ukoll għall-orkestra b'kor ta' erba' vuċijiet. Dan sabiex, jekk ikun meħtieġ, jkun jista' anki jindaqq fil-knisja.

Din is-sena qiegħdin niċċelebraw it-tifkira tal-mitt sena mill-miġja fostna tal-istatwa meraviljuża tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Ħsibt li jkun xieraq li dan l-innu jiġi mżanżan fil-festa ta' din is-sena. Għalhekk, l-innu irregalajtu formalment lill-Parroċċa. Dan kien fil-ftuħ tal-festi ċentinarji fid-28 ta' Jannar 2023, fi tmiem ċerimonja li saret nhar il-vġili tal-118 anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja tagħna lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Nixtieq nirringrazzja lill-poeta Mario Borg ta' din il-lirika profonda u fl-istess ħin melodjuża li rrnexxielu jikteb. Nittama li dan l-innu jintgħoġob u jkun ta' għajnuna sabiex tixxerred iktar id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

## IL-ĦSIEB TAL-AWTUR TAL-LIRIKA TAL-INNU

# COR JESU

**Mario Borg**

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-parroċċa tal-Fontana, b'mod speċjali lill-Maestro Mario Galea, tal-fiduċja li wera fija meta afdali l-lirika ta' dan l-innu.
Il-ħsieb li jinkiteb innu ġdid nibet mill-fatt li fis-sena 2023, il-parroċċa tal-Fontana, se tkun qed tfakkar u tiċċelebra bil-kbir, kif jixraq, il-mitt sena mill-wasla tal-istatwa artistika u kapulavur tal-Kav. Wistin Camileri. Din il-vara titulari, maħduma fis-sena 1923, ġibdet lejha devozzjoni kbira ħafna u lejha rrikorrew nies mill-irkejjen kollha tal-Gżejjer Maltin.




Fl-ewwel strofa (li hija magħmula minn sitt versi) l-awtur qed jenfasizza l-fatt li x-xahar ta' Ġunju huwa marbut sħiħ mal-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Ix-xahar ta' Ġunju huwa x-xahar li fih jibda l-istaġun tas-sajf, però, kif nafu lkoll, Ġunju mhuwiex xahar sinonimu ma' sħana esaġerata. Is-sħana fietla ta' dan ix-xahar tippermetti li l-art tagħna trodd fost l-isbaħ ward u fjur li jikber ma' kullimkien mingħajr tant periklu li jista' jinxef jew jitbiel. Din ix-xena ta' tapiti kollha lwien fil-pajsaġġ Malti, tmur terfa' l-ħsieb tal-awtur, li minn naħa tiegħu, iqabbel dan ix-xenarju, mal-ġmiel tal-Ġenna, li bħal donnu f'dan iż-żmien tas-sena, imur jiltaqa' mal-ġmiel tal-art. Il-festa tal-Qalb ta' Ġesù sseħħ proprju waqt dan iż-żmien ta' ġmiel naturali, żmien li fih il-Fontanin ikunu bi ħġarhom qed jippreparaw għall-festa u jimlew ta' kuljum is-santwarju mill-isbaħ tagħhom.

It-tieni strofa li hija magħmula minn 4 versi (kwartina), hija waħda biblika u trid turina l-imħabba bla limitu ta' Ġesù għalina. Dawn il-versi jeħduna f'dak il-mument fuq l-għolja tal-Qorriegħa meta wieħed mis-suldati: "Meta ra li Ġesù kien diġà mejjet, nifidlu ġenbu b'lanza u minnufih ħareġ demm u ilma." (Ġw 19, 34). Is-Santi Padri, fil-kustat miftuħ ta' Kristu raw ir-refuġju tal-midinbin kollha, il-post fejn wieħed għandu jirrikorri biex jitħabbeb mill-ġdid ma' Alla. F'San Ġwann, kapitlu 3 vers 16 insibu: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." Din it-turija ta' mħabba bla limitu ta' Ġesù għalina, wasslitu għall-passjoni ħarxa fuq is-salib. Huwa stess jgħidilna: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." (Ġw 15,13). U San Pawl jispjega li: "Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5,7-8). Fil-Passjoni ma nkunux eżatti jekk ngħidu li Kristu bata, iżda rridu ngħidu li Ġesù għamel dan b'imħabba liema bħalha.

Ir-ritornell ukoll huwa magħmul minn erba' versi u huwa talba qasira lill-Qalb ta' Ġesù biex ikompli jxerred fuq gżiritna abbundanza ta' barkiet. Dawn il-versi huma affermazzjoni tas-sbuħija ta' din il-vara li

l-awtur jara fiha ġmiel is-smewwiet u jikkonfermaw ukoll id-devozzjoni tal-poplu Malti u Għawdxi lejn din ix-xbieha, li minn meta saret, mitt sena ilu, ġibdet lejha eluf ta' pellegrini kull sena.

Fl-istrofa ta' wara r-ritornell, l-awtur isemmi lil Santa Margerita Alacoque li sa minn mindu kellha 20 sena esperjenzat diversi dehriet u rivelazzjonijiet minn Kristu. Fihom, il-Mulej uriha mħabbtu lejn id-dinja. F'dawn ir-rivelazzjonijiet Kristu għarrafha li hu kien għażilha bħala strument biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa tiegħu; għarrafha wkoll b'devozzjoni ġdida fil-Knisja li kellha tkun magħrufa bħala tad-Disa' Ġimgħat u wkoll l-Ora Santa. Talabha wkoll li fil-Knisja titwaqqaf il-festa tal-Qalb Imqaddsa tiegħu fil-jum tal-Ġimgħa li jiġi fuq l-Ottava ta' Corpus Christi. L-aħħar żewġ versi ta' din l-istrofa tal-innu: *Fil-Qalb tiegħek kollha mħabba w'tieba, hemm maħfura tagħna l-ħtijiet* huma ispirati mis-sitt wegħda, li Ġesù għamel lil din il-qaddisa meta qalilha li: "Il-midinbin isibu f'qalbi ħniena bla tarf."

Fl-ewwel vers tal-aħħar kwartina, l-awtur jerġa' mill-ġdid isemmi d-Demm u l-Ilma li ħareġ mill-qalb miftuħa ta' Kristu u kif permezz ta' dan id-demm u ta' dan l-ilma aħna ġejna mifdija. Il-missirijiet tal-Knisja raw fl-ilma s-simbolu tal-Magħmudija u fid-demm l-Ewkaristija. Dawn is-sagramenti jagħtu l-ħajja lin-Nisrani. Permezz tal-Magħmudija nsiru wlied Alla, tant li nistgħu nsejħulu "Abba Missier". L-Ewkaristija hija l-ikel tan-Nisrani u li huwa rahan tal-ħajja ta 'dejjem. Sidna Ġesù stess jgħidilna: "Jiena hu l-ħobż il-ħaj li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja." (Ġw 6, 51).

L-aħħar tliet versi ta' dan l-innu huma ispirati mit-tieni, t-tielet u r-raba' vers ta' Kapitlu 53 tal-profeta Isaija. "Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna." Din il-profezija, miktuba seba' mitt sena qabel il-miġja ta' Ġesù, tikkonferma minn kemm tbatija kellu jgħaddi Ġesù biex juri l-imħabba bla qies tiegħu għalina.

Hija x-xewqa tal-awtur li kull darba li dan l-innu jindaqq u jitkanta, tikber fil-miġemgħa d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġes**ù**, devozzjoni li Ġesù minn naħa tiegħu jirreċiprokaha b'xita ta' barkiet fuqna lkoll.

Grazzi mill-ġdid lil Maestro Mario Galea li b'tant ħila rnexxielu jikkomponi mużika tant melodjuża u solenni għal din il-lirika.

# COR JESU
## *Innu Reliġjuż*

### Versi ta' Mario Borg
### Mużika ta' Mario Galea

Kif ix-xahar sabiħ ta' Ġunju jżernaq,
Xahar li jnebbet fl-art l-isbaħ fjur,
Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li fdiena,
Tagħna l-ħarsa dlonk lejk iddur.
Ferħ il-Ġenna ma' tal-art jiltaqa',
F'das-Santwarju l-poplu miġbur.

Ma kienx fadal aktar int x'tagħtina,
Kif bejn sema w'art kont mislub.
Demm u ilma ċarċart hemm għalina,
Biex issalva lilna mid-dnub.

**Rit: O Ġesù, O Ġesù,**
**Hawn quddiemek ġejna nfaħħruk.**
**Fuq gżiritna xerred barkiet,**
**Minn dix-xbieha, ġmiel is-Smewwiet.**

X'hena nħossu f'qlubna ta' kull sena,
Kif niftakru fil-kbar dehriet,
Li għamilt lil Santa Margerita,
U dewwaqtha l-oħla ħlewwiet.
Fil-Qalb tiegħek kollha mħabba w'tjieba
Hemm maħfura tagħna l-ħtijiet.

Mill-Qalb tiegħek tnixxi demm u ilma,
Fdejt lill-bniedem kif kien miktub.
Ebda sura ma kien għad fadallek.
Għal ħtijietna sfajt int midrub.

**Rit: O Ġesù, O Ġesù,**
**Hawn quddiemek ġejna nfaħħruk.**
**Fuq gżiritna xerred barkiet,**
**Minn dix-xbieha, ġmiel is-Smewwiet.**

# IL-PITTURA TAĊ-ĊENTINARJU



*Wara l-festa tas-sena 2022, il-Parroċċa ħasbet biex tikkummissjona pittura li tibqa' tifkira taċ-ċentinarju għażiż tal-mitt sena tal-istatwa titulari u mirakoluża tal-Qalb ta' Ġesù. Din il-pittura, xogħol sabiħ ħafna tal-artist Għawdxi Marvic Muscat, ser tibqa' miżmuma b'għożża fil-Parroċċa filwaqt li saret edizzjoni limitata ta' kopji li ġew akkwistati minn membri tal-Parroċċa u kollezzjonisti.*



*Jiktbilna*

## l-Eminenza Tiegħu
# IL-KARDINAL MARIO GRECH

**SYNODUS EPISCOPORUM**

21.02.23

*Għażiż Kappillan Kan Simon*

*Grazzi ħafna tal-istedina li għamiltli li naċċetta bil-qalb, b'devozzjoni u b'ħena lejn il-Qalb ta' Ġesù, u b'rispett lejk u lejn il-komunità parrokkjali tal-Fontana. Kont għadni seminarista meta rajt għall-ewwel darba l-istatwa ħelwa tal-Qalb ta' Ġesù kull meta kienet tgħaddi l-purċissjoni minn qrib is-Seminarju. Matul is-snin, kemm bħala saċerdot u iktar u iktar bħala isqof tad-djoċesi, il-kuntatti tiegħi mas-Santwarju kotru fil-għadd u fl-intensità. F'dan iż-żmien li fih il-Knisja Universali tinsab fi proċess sinodali, niġi bħala pellegrin fi ħdan il-Qalb ta' Ġesù, nitlobha tieqaf mal-Knisja f'dan il-mument tal-istorja – kif il-Qalb ta' Ġesù timxi man-nies, il-Knisja wkoll hija msejħa biex tkun qrib in-nies, speċjalment ta' dawk tal-periferija.*

*Filwaqt li nibgħat it-tislijiet tiegħi lill-komunità, nitlob fuqkom il-Barka t'Alla.*

*Mario Card. Grech*


SYNODUS EPISCOPORUM

21.03.23

# Dun Karm

## Poeta tal-Ewkaristija



CARM C. CACHIA

Fil-ktieb tiegħu *Studji Kritiċi Letterarji*, il-Professur Ġużè Aquilina jgħid hekk dwar il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila: "Jekk ħadd ma rebaħ lil Cuschieri [Patri Anastasju Cuschieri] bħala l-poeta tal-Madonna, għad ħadd ma sebaq lil Dun Karm bħala l-poeta ta' Kristu".

L-isem ta' Dun Karm mill-ewwel iġibilna f'moħħna dawk il-poeżiji patrijottiċi mill-isbaħ li hu kiteb biex ifaħħar lil art twelidu u lill-ilsien Malti, meta dan tal-aħħar kien meqjus minn ċerti nies ta' skola bħala 'ilsien tal-kċina'. Fi kliem ieħor, dak li l-Professur Oliver Friggieri jsejjaħlu 'Il-Motiv Epiku' ta' Dun Karm. Dan jikkonsisti f'poeżiji bħal: *Għal Dun Mikiel Xerri*, *Lil Malta*, *L-Għajna tar-Rebħa*, *Lill-Bandiera Maltija* u l-istess l-*Innu Malti* li jesprimu din l-imħabba li l-Poeta Nazzjonali ħass lejn il-maħbuba art twelidu. Ħafna minnhom tgħallimniehom meta konna għadna fuq il-bankijiet tal-iskola u għadna niftakruhom u nikkwotaw minnhom sal-lum.

Imbagħad hemm dawk il-poeżiji li jittrattaw dwar ħajtu, poeżiji mill-isbaħ li fihom il-poeta jiftaħ qalbu mal-qarrejja dwar dak li kien qiegħed ikiddu, speċjalment is-solitudni li sab ruħu fiha, aktarx tort ta' ħaddieħor. Tana xogħlijiet mill-isbaħ bħal *Lill-Kanarin Tiegħi*, *Non Omnis Moriar* u l-kapolavur *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* fejn il-poeta, mifxul u mħawwad minħabba t-telfa t'ommu jsib il-faraġ u l-iskop ta' ħajtu fil-Kelma tal-Mulej. Minħabba f'dawn il-poeżiji u oħrajn bħalhom, il-kittieb Ġorġ Mifsud Chircop issejjaħ lil Dun Karm 'poeta romantiku intimista'. Dawn ukoll juru l-kobor ta' dan il-poeta Żebbuġi.

Imma Dun Karm, barra li kien poeta, kien ukoll saċerdot, saċerdot ferventi b'fidi kbira f'Dak li ħalaq kollox. Kien jemmen u jafda f'Alla b'għajnejh magħluqa. Fil-poeżiji tiegħu spiss insibuh jiddjaloga ma' Ġesù Sagramentat u miegħu jiftaħ qalbu dwar li kien isewwidlu qalbu, is-solitudni b'mod speċjali. Fost dawn hemm *Il-Lampa tas-Sagrament*, *Lampa Ċkejkna*, *Nhar Ħamis ix-Xirka* u *Il-Vjatku*. Eżempju mill-aqwa ta' dan li qiegħed ngħid narawh ukoll fil-poeżija *Żjara lil Ġesù* fejn Dun Karm, waħdu fi knisja ċkejkna, jitkellem ma' Ġesù Ewkaristija dwar il-kriżi tas-solitudni li kienet qiegħda taqtagħlu qalbu. Minn din it-taħdita mal-Mulej, il-poeta joħroġ ikkonslat għax anke jekk il-problemi xorta għadhom hemm, jaf li mhux waħdu imma għandu lil Dak li jista' kollox qrib tiegħu. "Id-dmugħ kien nixef minn xfar għajnejja u bħal kewkba sbejħa fuq ħajti dak il-ħin iddiet it-tama".

Din il-fidi kbira fi Kristu li kellu l-poeta ried jittrasmettiha lil dawk li jaqraw ix-xogħlijiet tiegħu. Bħala saċerdot li l-vokazzjoni tiegħu tħeġġu jxandar l-imħabba t'Alla għall-bnedmin, hu ħass li seta' jagħmel hekk anke bil-poeżiji li jikteb. Għaldaqstant fil-poeżiji tiegħu, mhux biss dawk b'tema reliġjuża, din il-fidi f'Alla spiss għandha sehem importanti. Dan jidher kemm fil-poeżiji patrijottiċi, fosthom l-Innu Malti li mhu xejn għajr talba ħerqana lil Alla għal Malta u l-Maltin, kif ukoll fil-poeżiji personali li għadna kemm semmejna.

Imma barra dawn il-poeżiji, Dun Karm kiteb ukoll għadd kbir ta' poeżiji reliġjużi li fihom juri l-qawwa ta' din il-fidi u l-imħabba taħraq li kellu għal Kristu. Il-Professur Aquilina jgħidilna li waqt li Dun Karm fil-poeżija awtobijografika juri ruħu aktar milqut minn ommu milli minn missieru, fil-poeżija reliġjuża jidher aktar milqut mill-maestà ta' Kristu Sultan, Kristu moħbi fl-Ewkaristija, milli mill-Madonna.

Dan jgħodd ukoll fejn jidħlu l-innijiet. Minħabba l-istil tagħhom, anke min hu ta' ftit skola seta' jitgħallimhom bl-amment u jkantahom waqt ċelebrazzjonijiet reliġjużi. Fost dawn l-innijiet sbieħ hemm tnejn li huma tant għal qalb il-Maltin u l-Għawdxin, b'mod speċjali għan-nies tal-Fontana, il-komunità tal-Qalb ta' Ġesù. Huma żewġ innijiet iddedikati lil Ġesù Sagramentat u lill-Qalb Imqaddsa tiegħu. F'dawn iż-żewġ innijiet il-poeta juri għarfien teoloġiku mill-aqwa meta jitkellem dwar il-misteru tal-inkarnazzjoni u jirnexxilu jwasslu b'mod sempliċi lil min mhux daqshekk intimu ma' dan it-tagħlim.


ATTARD AUTO DEALER
Tony Attard
Mgarr Road,
Ghajnsielem,
Gozo.
Tel:(0356) 2155 9453
(0356) 2156 2754
Mobile: 9949 4186
e-mail: attardautodealer@gmail.com
• New & Used Auto Dealer
• Insurance Service
• Car Hire
KIA


DAVID'S
BAKERY
GOZO
Experienced creators
and bakers of
Traditional Maltese Bread,
Healthy Sliced Bread,
Speciality Loaves, Pastry
& Confectionery
Eating
fresh
and
healthy
is
fun!
Maltese Bread
XXLoaf
Pepitas
Choc Chip Loaf
Multi Cereal
Rye Bread
AVAILABLE FROM SUPERMARKETS AND GROCERS IN GOZO AND MALTA.
2155 5655
davidmercieca@onvol.net
www.davidsbakery.com.mt



L-ewwel wieħed hu l-*Innu Ewkaristiku*, jew kif nafuh aktar "Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema", li fih il-poeta juri l-imħabba li Ġesù għandu għalina mill-Ewkaristija. Oriġinarjament, dan l-innu kien inkiteb bit-Taljan għall-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku li seħħ fl-1913. Il-mużika tiegħu kkomponieha Mro Gużeppi Caruana. Dan l-innu tant intogħġob li, malli semgħu, l-Isqof Bignami dar fuq Dun Karm u qallu: "Così si canta in paradiso". Mons Ariste ħa miegħu kopja lejn Acireale fejn l-innu ġie stampat u minn hemm spiċċa Palermo u, eventualment, Ruma. Intogħġob ukoll mill-isqfijiet preżenti għall-kungress u meta marru lura lejn pajjiżhom, ħaduh magħhom. Inqaleb ukoll għall-Ispanjol, il-Portugiż u anke għall-Ingliż. Il-verżjoni bil-Malti, Dun Karm tahielna fl-1924.




*L-Innu ta' Dun Karm T'Adoriam Ostia Divina li mbagħad inqaleb għall-Malti Innu Ewkaristiku*

Il-versi li jikkomponu dan l-innu huma, kif diġà għedt, mimlija tagħlim teoloġiku ppreżentat b'mod l-aktar sempliċi. Hekk, pereżempju, "inti l-ħlewwa tal-qawwija, inti s-saħħa tal-fqajrin" turi dak li jgħid San Pawl, il-Mulej juri l-qawwa tiegħu sewwa, sew fejn hemm id-dgħajfa. L-istess "Inti l-qawma ta' min raqad, inti l-għaxqa tal-ħajjin", turi l-ħniena divina tal-Mulej għall-midneb u, fl-istess ħin, Hu l-milja tal-hena għal min hu fil-grazzja t'Alla. Għaldaqstant il-poeta jitlob, " Jalla d-dinja tagħraf tħobbok" għaliex "fik il-qlub huma henjin.

L-innu l-ieħor hu *Innu lill-Qalb ta' Ġesù* jew, kif nafuh, "'Tina l-Ħlewwa". Hawn ukoll il-poeta jinqeda b'innu mibni b'versi mexxejja tat-tmienja u mqassma fi kwartini biex iwassal it-tagħlim reliġjuż li għandu tant għal qalbu. Jinqeda b'din il-binja poetika għaliex għall-poplu hi l-binja li fuqha jinbena l-għana Malti u għalhekk faċli jintogħġob u jiġi aċċettat minn kulħadd. Infatt, bħal ta' qablu, tista' tgħid li kull Nisrani Malti dan l-innu jafu bl-amment.

Fit-tliet kwartini tiegħu flimkien mar-ritornell, il-poeta jisħaq fuq l-imħabba bla tarf, l-imħabba eterna, li l-Imgħallem għandu għalina l-midinbin. Għalhekk, fil-versi tal-ewwel kwartina nitolbu lill-Mulej sabiex jagħtina ilħna speċjali biex inkunu nistgħu nfaħħru u nħobbu lil dik il-Qalb ħanina li taf tagħder u taħfer ħtijietna. Imbagħad, il-poeta jkompli jenfasizza fuq din l-Imħabba billi jfakkarna kif Dak li jista' kollox, ħalla l-ġenna u sar bniedem bħalna ħalli jkun jista' jeħlisna darba għal dejjem mid-dnub tan-nisel. Fl-Ittra lir-Rumani (5:5-8), San Pawl jispjega dan sewwa meta jgħid: Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għandna midinbin.

L-innu jagħlaq bi strofa mill-isbaħ li fiha l-poeta jgħidilna li Kristu mhux biss xerred demmu u miet għalina, imma saħansittra tana sal-aħħar qatra demm li kellu. Din l-imħabba bla tarf timlina bil-kuraġġ f'ħajja kollha tribula-zzjonijiet, għax il-Mulej għallimna kif insibu l-hena anke fl-aktar mumenti ta' niket. Hekk ukoll nitgħallmu biex f'dan in-niket u l-inkwiet tal-ħajja nbierku lill-Mulej għaliex hu qatt mhu se jħallina waħidna, għaliex, kif jgħid il-Profeta Ġeremija, aħna fuq il-pala ta' jdejh imnaqqxin u Hu mhu se jinsina qatt. L-innu jagħalaq bir-ritornell talba li fiha aħna nitolbu lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu, li bierek lit-tfal ċkejknin, biex ikebbes fina l-imħabba tiegħu u jżommna dejjem magħqudin miegħu.

*Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*
*Li berikt it-tfal ċkejknin*
*Kebbes fina n-nar ta' mħabbtek*
*Żommna miegħek imħaddnin.*

Dun Karm hu poeta mhux għax kiteb il-versi, imma għax il-versi huma poetiċi.




# Il-Papa Benedittu XVI u l-Qima lejn l-Qalb ta' Ġesù

DUN GEOFFREY G. ATTARD

Fil-Medjuevu, il-Ġermanja kienet għadha mhijiex pajjiż wieħed magħqud imma kienet ġabra ta' stati differenti li kienu parti mill-Imperu Mqaddes Ruman u aktar tard, xi wħud minnhom saru parti mill-Imperu Awstro-Unġeriż tal-Ħapsburgi. Kien fil-Bavarja, fix-xlokk tal-pajjiż, li Joseph Aloysius Ratzinger twieled u trabba u aktar tard sar il-Papa Benedittu XVI.

**Għeruq qodma**

Il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha għeruq bibliċi ladarba Ġesù stess tkellem dwar il-qalb ħelwa u umli, liema qalb fuq is-salib ħarġu minnha demm u ilma, u dik l-istess qalb li fuqha medd rasu Ġwanni l-Evanġelista, l-appostlu l-maħbub, fl-Aħħar Ċena.

Pere Bainvel, l-istoriku tad-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù jgħid hekk dwar il-qaddis fundatur tal-Kumpanija ta' Ġesù li minnha kien jagħmel sehem: 'Fir-rigward ta' San Injazju ta' Loyola, ma għandna ebda prova storika li kellu xi devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.' Jista' jkun li fi Spanja, din il-qima damet ma qabdet. Imma ma nistgħux ngħidu l-istess għal Franza u lanqas għall-Bavarja. Nafu imma li San Duminku ta' Gużman, fundatur tal-Ordni tal-Predikaturi, li kien Spanjol, kellu xi ħjiel ta' din il-qima. Dan joħroġ ċar mill-korrispondenza tas-suċċessur tiegħu l-Beatu Ġordanu tas-Sassonja. Fis-sena 1223, hu jeżorta lill-Beata Diana ta' Andalo: '....fih (fi Kristu) wieħed isib mitqlu deheb...huma l-għejjun li joħoġru jfawru mill-għajn, il-ġrieħi tas-Salvatur, li huma xhieda tal-abbundanza ta' dan id-deheb ħamrani ta' mħabba divina...jekk imbagħad iżżomm lilek innifsek fuq in-naħa tal-id il-leminija ta' Kristu, qrib in-nixxiegħa li tfawwar mill-ġenb lemini tiegħu, inti tkun imlibbsa bid-deheb'. Dan ifisser li l-ewwel żewġ ġenerali tal-Ordni, għalkemm ma tkellmux b'mod speċifiku dwar din il-qima, jagħtu lid-dixxipli tagħhom direzzjoni, eżempju, li mhux ta' min wieħed iwarrbu.

L-ewwel u l-aktar membru illustri tad-Dumnkani ta' dan il-perijodu li nħakem mill-imħabba espliċita lejn l-Qalb tas-Salvatur kien San Albertu l-Kbir, l-għalliem futur ta' San Tumas ta' Akwinu. Huwa l-ewwel mit-tliet membri tal-Ordni tiegħu tal-Predikaturi kkwotat mill-Papa Piju XII fl-enċiklika tiegħu *Haurietis Aquas* li nistgħu nqisuha bħala l-ktejjeb-gwida jew manwal Kattoliku ewlieni tal-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù. Huwa kien wieħed minn tal-ewwel li propaga kif seta' u xerred il-qima lejn il-Qalb tal-Iben t'Alla fil-kitbiet tiegħu. 'Il-Qalb tal-Mulej tagħna hija l-arka dehebija tal-Patt; fiha wieħed isib il-manna tal-grazzja li troddilna l-Ewkaristija...l-Imħabba toħroġ minn dik il-Qalb li hija kontinwament ikkonsmata minnha u biha....frott din l-imħabba li tqabbadha bin-nar biex tħejjilna l-grazzja', kiteb San Albert. Awturi moderni jiktbu li San Albert jidher li kien l-ewwel wieħed li jindikalna rabta intima bejn il-Qalb ta' Ġesù u l-Ewkaristija. Kontemporanji aktar żgħażagħ tiegħu bħal Henry ta' Rallis u Theodoric ta' Appoldia, kienu qed jagħmlu minn kollox sabiex ixerrdu din id-devozzjoni, speċjalment fl-uffiċju tagħhom ta' diretturi spiritwali għal xi wħud mill-aktar konvertiti magħrufa bħalma kienu s-sorijiet Ċisterċensi ta' Helft.

Ta' min jgħid li f'dan il-kunvent kienet tgħix il-mistika magħrufa Santa Ġertrude li mietet fis-sena 1302 kif ukoll Santa Mechtilde li mietet fis-sena 1285. Santa Mechtilde kienet l-ewwel persuna fl-istorja li kellha viżjoni rekordjata tal-Qalb ta' Ġesù qrib is-sena 1250. Il-konfessur Dumnikan tagħha ordnalha sabiex tikteb kelma b'kelma l-esperjenza spiritwali tagħha. Fil-*Libro Specialis Gratiae* tagħha, insibu numru ta' testi li jindikaw b'mod ċar sa liema grad il-membri tal-Ordni kienu qed jaslu, f'dik li hija devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Darba minnhom, meta kienet qed titlob għal ċertu membru tal-Ordni tal-Predikaturi, il-Mulej qalilha: 'Jien għażiltu għalija nnifsi...meta jipprietka, ħallih juża lil Qalbi bħala trumbetta; meta jgħallem, ħa juża lil Qalbi bħala ktieb'. F'post ieħor fl-istess ktieb hemm imsemmi li Santa Mechtilde kellha dehra minn patri Dumnikan u rat bħal nixxiegħa ħierġa mill-Qalb ta' Alla u tiġi mferra' fir-ruħ ta' dan il-patri. Dawn is-sorijiet qaddisa huma xhieda ta' kemm fil-Ġermanja fis-sekli tlettax u erbatax ġiet mifruxa l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Il-Papa Benedittu XVI twieled u trabba fil-Bavarja, u allura kien il-werriet dirett u leġittimu ta' din il-qima li nfirxet f'art twelidu bil-ħila tal-patrijiet Dumnikani u aktar tard anke minn oħrajn. Persunaġġi importanti bħal Eckhart, John Tauter u l-Beatu Henry Suso kienu lkoll mistiċi Ġermaniżi li b'kitbiethom komplew iferrxu din il-qima. Id-devozzjoni li s-sorijiet xerrdu swiet ħafna aktar 'il quddem. Master Eckhart (m. 1327), teologu u predikatur magħruf, huwa kronoloġikament l-ewwel wieħed minn fost it-tliet Dumnikani li qanqlu din il-qima. Għalkemm xi aspetti ta' tagħlimu kienu wara mewtu, ikkundannati, f'ħajtu stess kien ikkoreġa lilu nnifsu fuq xi punti u assoġġetta ruħu umilment għat-tagħlim tal-Knisja Mqaddsa.

Huwa u jitratta l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, hu jixbah ħafna lid-dixxiplu tiegħu San Albertu meta jistqarr ir-relazzjoni intima bejn il-Qalb ta' Ġesù u l-Ewkaristija. Kien l-ewwel wieħed li tkellem dwar il-preżenza tal-Qalb ta' Ġesù fis-Sagrament tal-Altar. F'wieħed mill-kummentarji tiegħu, hu jitratta aspett li jinħass eku tiegħu fl-esperjenza li kellha sekli wara Santa Margerita Marija Alacoque: 'Qalb is-Salvatur fuq is-salib kienet imqabbda bin-nar, liema nar joħroġ jaħraq mill-ġnub kollha tiegħu'. Teologu ieħor, John Tauler, kien l-aktar famuż minnhom it-tlieta u x-xogħolijiet tiegħu ġew aċċettati u mħaddna minn San Ġwann tas-Salib, San Pietru Kanisju, Blosius u San Franġisk ta' Sales. Il-Beatu Henry Suso kien mistiku ieħor li xerred il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù.

**Fil-Bavarja**

Fil-Bavarja, nerġgħu niltaqgħu mal-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-kunvent ta' Engethal qrib Nuremburg, fejn Christina Ebner qattgħet diversi snin. Fil-monasteru ta' Maria Modingen qrib Dillenger, il-Venerabbli Margaret Ebner – li mhijiex relatata ma' ta' qabel – tant kellha qima lejn il-Qalb ta' Ġesù li għall-amar tad-direttur spiritwali tagħha, kitbet l-esperjenzi spiritwali tagħha.

Fil-ktieb tiegħu *L-Ispirtu tal-Liturġija,* Joseph Ratzinger jikteb hekk: 'Fil-qalb minfuda ta' Kristu Msallab, il-Qalb t'Alla nnifsu tinfetaħ: hawnhekk naraw lil Alla kif inhu. Il-Ġenna ma tibqax magħluqa għalina u msakkra. Alla joħroġ mill-moħba tiegħu. Din hi r-raġuni għala San Ġwann jiġbor flimkien it-tifsira tas-Salib u n-natura tal-ewwel qima lil Alla fl-wegħda misterjuża tal-profeta Żakkarija (2: 10): 'Huma għad iħarsu lejn min nifdu' (Ġw 19: 37).

Fil-ktieb tiegħu *Behold the Pierced One,* Ratzinger kiteb hekk: 'Aħna naraw lil Ġesù jekk narawh fit-talb. L-istqarrija Kristjana tal-fidi ġejja mill-parteċipazzjoni fit-talb ta' Ġesù, billi aħna ninġibu lejn it-talb tegħu u nħossuna privileġjati li nagħmlu sehem minnha. Din tinterpreta l-esperjenza tat-talb ta' Ġesù u l-interpretazzjoni tagħha hija korretta għaliex toħroġ mill-qsim ma' dak li hu l-aktar personali u intimu għalih'.

Din hija t-talba tal-Qalb ta' Ġesù, it-talba li mliet il-jiem u l-iljeli tal-ħajja ta' Ġesù f'din id-dinja, it-talba li mliet it-tbatjiet tiegħu u li niżlet ms-Salib fis-siegħa tal-mewt tiegħu, it-talba li miegħu niżlet fil-qiegħa



tal-art, it-talba li tkompli għaddejja fil-glorja tal-ħajja rxuxtata tiegħu, it-talba li ma tieqafx imma tibqa' għaddejja fis-Sagrament qaddis tal-Altar.

Ratzinger jgħid li 'meta nidħlu fis-solitudni ta' Ġesù, u 'meta nipparteċipaw f'dak li hu l-aktar personali għalih, il-komunikazzjoni mal-Missier, aħna naraw ir-realta' l-aktar personali: hekk biss nippenetraw fl-identità tiegħu'. Il-Qalb Imqaddsa tirrappreżentana u tistedinna sabiex nidħlu f'dak li hu l-aktar personali għal Ġesù: il-komunkazzjoni mal-Missier.

Fi kliem li llum jinstema' profetiku, il-Kardinal Ratzinger ikkonkluda l-ħsieb tiegħu billi qal li 'il-persuna li tesperjenza l-intimità ta' Ġesù mal-Missier u li tifhmu minn ġewwa, hija msejħa sabiex tkun il-blata tal-Knisja. Il-Knisja titnissel mill-parteċipazzjoni fit-talb ta' Ġesù.' (cf. Lq 9:18-20; Mt 16:13-20)".

Għal Ratzinger, 'ix-xhieda sħiħa tal-Vanġelu hija unanima fuq li l-kliem u l-għemejjel ta' Ġesù ħarġu mill-komunjoni intima tiegħu mal-Missier; mill-fatt li hu kontinwament kien imur fuq l-għoljiet sabiex jitlob fis-solitudni wara l-għajja tal-ġurnata (cf., Mk 1:35; 6:46; 14:35, 39). Hu jinnota li Luqa, minn fost l-evanġelisti, jenfasizza dan il-punt. Hu juri li l-ġrajjiet essenzjali tal-attività ta' Ġesù ħarġu mill-qalba tal-personalita' tiegħu u li din il-qalba kienet id-djalogu tiegħu mal-Missier.

Fl-1981, Ratzinger kiteb hekk: 'Fil-Qalb ta' Ġesù, iċ-ċentru tal-Kristjanità jinsab quddiemna. Tesprimi kollox, dak kollu li hu tassew u ġenwinament ġdid u rivoluzzjonarju fil-Patt il-Ġdid. Din il-Qalb issejjaħ lill-qalb tagħna. Tistedinna sabiex inħallu warajna t-tentattiv vojt tal-preservazzjoni tagħna nfusna billi ningħaqdu fil-ħidma tal-imħabba u dan nagħmluh billi nagħtu lilna nfusna lilu u miegħu, biex niskopru l-milja tal-imħabba li waħidha hija eternita' u li waħidha ssostni d-dinja'.

**Il-Fontana ssellem lil Papa Benedittu XVI f'jum il-laqgħa tiegħu mal-Mulej**

*Meta, fil-31 ta' Diċembru 2022, xterdet l-aħbar tal-mewt tal-Q.T. Benedittu XVI, Papa Emeritu, is-Santwarju tal-Fontana daqq il-mota kiebja tal-mejtin biex iħeġġeġ lill-poplu għat-talb għal ruħu b'ringrazzjament ta' dak kollu li l-Mulej għamel mal-Knisja tiegħu u magħna permezz ta' dan il-papa. Il-bandiera tad-dar parrokkjali ttajret mezz'asta sa jum il-funeral. Xi jiem wara mewtu, is-Santwarju qaddes il-quddies kollu tal-ġurnata għal ruħu. Lejlet u nhar il-funeral, is-Santwarju reġa' daqq il-mota kiebja tal-mejtin waqt li fil-knisja ġiet esposta l-barka li hu kien bagħat lill-Parroċċa meta din għalqet il-mitt sena.*

**Riferenzi;**


Father Mark D. Kirby, *The Sacred Heart of Jesus in the Theology of Benedict XVI,* f' https://www.ewtn.com/catholicism/library/sacred-heart-of-jesus-in-the-theology-of-benedict-xvi-10061

Joseph Ratzinger, *Behold the Pierced One* (Ignatius Press: San Francisco 1986).

Joseph Ratzinger, *The Spirit of the Liturgy* (Ignatius Press: San Francisco 2000).

James Thuline, *Dominican Devotion to the Sacred Heart* f'*Dominicana Journal* No. 44 (1959).


## TALBA LIL SANT'ANDRIJA GĦALL-PAĊI



*Din it-talba nkitbet fl-ewwel jum tal-gwerra li faqqgħet fl-Ewropa bejn ir-Russja u l-Ukrajna, fl-24 ta' Frar 2022. Twaħħlet għal ġimgħat sħaħ man-niċċa ta' Sant'Andrija biex kull min iżur is-Santwarju jitlob għall-paċi permezz ta' din it-talba. Dit-talba reġgħet ġiet proposta f'għeluq is-sena mill-bidu tal-konflitt. L-Appostlu Sant'Andrija huwa l-patrun prinċipali kemm tar-Russja u kemm tal-Ukrajna.*

Għażiż Appostlu Sant'Andrija
interċedi int quddiem il-Qalb ta' Ġesù
biex jibgħat l-Ispirtu Qaddis
ħa jrattab il-qlub, idawwal l-imħuħ
u tieqaf il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna
li tagħhom int il-Qaddis Patrun.

Agħtina d-dehen u l-għaqal
ħalli nagħżlu dejjem il-paċi
u qatt il-vjolenza, il-mibegħda u s-suppervja
li jwasslu għal tant tbatija u mwiet.

Sant'Andrija, ħarisna dejjem.
Ammen.



# L-IMĦABBA TAL-QALB TA' ĠESÙ GĦALINA

ANGELO XUEREB

Kull meta niċċelebraw il-festa tal-Qalb ta' Ġesù għandna niftakru fl-imħabba tiegħu bla tarf għalina. Fil-fatt il-qalb hija simbolu ta' mħabba.

**1• L-imħabba vera**
Mill-esperjenza naraw li jeżiżtu diversi imħabbiet. Hemm dik altruwista fejn wieħed jaħseb biss fil-ġid ta' ħaddieħor u hemm dik egoista. Jiġifieri wieħed iħobb għax jaf li ser jikseb xi ħaġa jew ser joqgħod aħjar.

San Pawl jiddiskrivi l-imħabba b'mod stupend b'dan il-mod: "L-imħabba taf tistabar; l-imħabba hija twajba, ma tgħirx; l-imħabba ma tiftaħarx, ma titkabbarx; ma tagħmilx dak li ma jixraqx, ma tfittixx dak li jaqblilha, ma teħux għaliha, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bid-dnewwa, imma tifraħ bis-sewwa. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13, 4-7).

Dan il-vers mill-Iskrittura jurina kif għandha tkun il-vera mħabba mdawla bil-grazzja ta' Alla. U jekk l-imħabba f'din id-dinja għandha tkun daqshekk kbira kemm Sidna Ġesù Kristu jħobbna aktar minn hekk.

**2• Ġesù ġie fid-dinja għax iħobbna**
Huwa ġie fid-dinja u ħa n-natura ta' bniedem bħalna f'kollox barra mid-dnub għax iħobbna. Dan jgħidulna huwa stess fid-djalogu ma' Nikodemu: "Iva, Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben il-waħdieni, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem; għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja, biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja tkun salvata bih" (Ġw 3, 16-17).

Ġesù tant ħabb lil bniedem li għex ħajja ta' faqar u mħabba lejn kulħadd. Huwa stess qal: "għax jien qalbi ħelwa u umli" (Mt 11,29). Dejjem għamel il-ġid ma' kulħadd bi ħlewwa liema mal-morda, ma' dawk li kienu maħkumin minn xi spirtu ħażin, filwaqt li kien jagħmilha ma' dawk li s-soċjetà kienet tqishom midinbin.

Ta' min jinnota li dan Kristu li kellu qalbu tant ħanina ħadha kontra l-kittieba u l-Fariżej għax kienu huma kienu jgħabbu lill-poplu b'ħafna liġijiet filwaqt li kienu jinsew l-essenzjal. Huma għamlulu oppożizzjoni kbira iżda huwa stess priedka l-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa. Fiha r-ragħaj iħalli d-disgħa u disgħin waħda li kellu biex imur ifittex dik il-mitlufa.

L-imħabba ta' Kristu għalina kienet waħda totali tant li sofra l-passjoni u miet għalina fuq is-salib biex isalvana mid-dnub u l-mewt. San Pawl jgħidilna: "Bil-kemm wieħed ikun ikun irid imut għal wieħed ġust; għal wieħed tajjeb jista' jkun li wieħed jkollu l-ħila jmut, imma Alla wera l-imħabba tiegħu lejna, billi Kristu miet għalina meta konna għadna midinbin" (Rum 5, 7-8).

**3• Ġesù jridna nħobbuh**
L-imħabba ta' Kristu għalina hija bla limiti għalina. Dan ifisser li għandna nħobbuh. Huwa stess qalilna: "Jekk tħobbuni, tħarsu l-kmandamenti tiegħi u jien nitlob lil Missieri, u jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem" (Ġw 15-16). Hawnhekk Ġesù qiegħed jgħidilna li jekk inħobbuh ngħixu stil ta' ħajja li jaqbel mal-messaġġ tal-Vanġelu; jiġifieri l-ħarsien tal-kmandamenti u l-Beatitudnijiet.

Forsi wieħed jirraġuna li l-bniedem huwa dgħajjef u faċli jiżgarra f'xi dnub. Iżda Ġesù jkompli jisteniena nindmu mid-dnub kif jgħidilna San Pietru: "imma hu jistabar magħkom għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema' (2 Pt 3, 9).

Jekk verament inħobbu lil Ġesù, nkunu wkoll ħerqana li l-bnedmin kollha li hawn fid-dinja jħobbuh. Dan kien il-motto tal-qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard li: "Ġesù jiġi magħruf u maħbub." Għalhekk id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù tikkonsisti li nitolbu jew noffru d-diffikultajiet ta' kuljum biex kull bniedem li huwa mbiegħed minnu jilqa' l-imħabba tiegħu.



Dan għandna nagħmluh bi spirtu ta' umiltà filwaqt li ma niġġudikaw lil ħadd. Niftakru b'liema ħlewwa Sidna Ġesù Kristu ġab ruħu mal-adultera filwaqt li niftakru dak li jgħid San Pawl li Alla: "jrid il-bnedmin kollha jkunu salvi u jaslu biex jagħrfu s-sewwa" (1 Tim 2, 4).

Fuq kollox l-imħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù tistimulana biex niffrekwentaw l-Ewkaristija. Fiż-żmien li seħħew id-dehriet tal-Qalb ta' Ġesù kien xi wħud li kienu jnisslu biża' mill-Ewkaristija u kienu jipprietkaw li biex titqarben trid tkun perfett. Jekk nitqarbnu ta' spiss inkunu qegħdin nilqgħu fina lil Sidna Ġesù Kristu li aħna ma nistgħux nifhmu għal kollox l-imħabba li huwa għandu għalina.



Il-Kappillan,
is-saċerdoti
u l-kunsill parrokkjali
jawguraw
lill-Fontanin u
lid-devoti kollha
tal-Qalb ta' Kristu

**IL-FESTA T-TAJBA**

# IL-QALB LI ĦABBTET GĦALL-QALB TA' KRISTU

## *Il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija*



FR CHARLES BUTTIGIEG

Fil-liturġija tal-Knisja Kattolika, il-Festa tal-Qalb Imqaddsa tal-Madonna tiġi ċċelebrata s-Sibt, l-għada tal-Festa tal-Imqaddsa ta' Ġesù li taħbat dejjem il-Ġimgħa, għaliex il-Qalb tal-Madonna kienet ħaġa waħda ma' dik ta' Binha Ġesù. Il-kobor tal-Qalb ta' Marija narawh fl-evanġelji fl-episodju tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju meta l-qassis Xmun ħabbar lil Marija li sejf kellu jinfed il-qalb tagħha (ara Luqa 2:35) u fuq kollox Marija Addolorata taħt is-Salib fuq il-Kalvarju. Infatti d-devozzjoni lejn id-Duluri kompliet ixxerred id-devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata tal-Madonna, kif għamlet id-devozzjoni tant qawwija lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù Kristu.



Infatti l-Madonna fit-tielet dehra tagħha ġewwa Fatima, dik tat-13 ta' Lulju tal-1917 (id-dehra ta' l-infern), titlob lit-tfal Luċija, Franġisku u Ġjaċinta sabiex jagħrfu l-imħabba ta' Ġesu` għalihom u sabiex jagħmlu sagrifiċċji għall-midinbin u kull meta jagħmluhom għandhom jirripetu din it-talba: "O Ġesù, aħna nitolbu mill-imħabba tagħna lejk, għall-konverżjoni tal-midinbin u għat-tpattija tad-dnubiet kontra l-Qalb Immakulata tal-Madonna." Dakinhar il-Madonna uriet lit-tlett itfal, li hija xtaqet ħafna li tikber din id-devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa tagħha u li d-dinja mifnija bl-ewwel gwerra dinjija tiġi kkonsagrata lill-Madonna, speċjalment ir-Russja li kienet iddominata mill-Komuniżmu ta' Lenin. Tajjeb li ngħidu li l-Madonna reġgħet dehret lil Suor Luċija fl-1925 ġewwa Pontevedra fi Spanja biex ixxerred din id-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa tal-Madonna tal-Ewwel Sibt tax-xahar b'riparazzjoni għall-konverżjonijiet fid-dinja u fir-Russja. Fil-15 ta' Frar tal-1926 jidhrilha Ġesù nnifsu biex ixxerred din id-devozzjoni. Il-Madonna reġgħet dehret lil Suor Luċija fl-1929 ġewwa Tuy fi Spanja ukoll.

Qaddisin li xerrdu din id-devozzjoni huma San Anselmu, San Bernard ta' Clairvaux, u San Bernardinu ta' Siena fis-seklu ħmistax (imsejjaħ id-Duttur tal-Qalb ta' Marija), San Ġwann Eudes fis-sbatax-il seklu fi Franza, Santa Ġertrude, Santa Briġida tal-Iżvezja, San Lwiġi Marija de Montfort, Santa Katerina Labouré tal-Midalja mirakoluża b'rabta wkoll mal-Qalb ta' Ġesù, San Franġisk de Sales u s-seklu l-ieħor San Massimiljanu Kolbe.

Anke l-Papiet laqgħu din it-talba tal-Madonna u x-xewqa ta' tant qaddisin biex id-dinja u l-knisja jitolbu lill-Qalb minfuda bis-sejf, il-Qalb bla tebgħa u qaddisa tal-Madonna. Fil-fatt kien il-Papa Piju VII li waqqaf il-festa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija fl-1805. Fl-okkażjoni tal-25 sena mid-dehriet ta' Fatima, il-



Venerabbli Papa Piju XII fl-1942 ikkonsagra lill-Knisja u lid-dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Dan anke fuq talba li kienet għamlitlu l-beata Alexandrina ta' Balazar fil-Portugal flimkien mal-isqfijiet Portugiżi. Fl-1944 huwa kien waqqaf din il-festa sabiex tiġi ċċelebrata fit-22 ta' Awwissu, illum niċċelebraw il-festa ta' Marija Reġina. Fl-1952, fl-ittra appostolika 'Sacro Vergente' il-Papa Piju XII ikkonsagra lir-Russja lill-Qalb bla tebgħa tal-Madonna. Il-Papa San Pawlu VI ikkonsagra ukoll lid-dinja kollha fl-1964 lill-Madonna. Fit-13 ta' Mejju 1967 l-istess Papa ħareġ il-Kostituzzjoni Appostolika 'Signum Magnum' fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tad-dehriet u tal-25 sena mill-konsagrazzjoni tad-dinja lill-Qalb imqaddsa tal-Madonna. Fl-1969 huwa mexxa l-festa tal-Qalb tal-Madonna sabiex tiġi ċċelebrata dritt wara dik tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II ikkonsagra lid-dinja lill-Qalb tal-Madonna darbtejn fl-1982 u fl-1984. Tajjeb li ngħidu wkoll li fl-enċiklika tiegħu 'Redemptor Hominis' huwa jitkellem ħafna dwar il-Qalb bla Tebgħa tal-Madonna. Fis-sena elfejn, tal-Ġublew il-Kbir, huwa kien reġa' poġġa lid-dinja kollha taħt il-ħarsien tal-Qalb bla tebgħa tal-Madonna. Fl-aħħarnett anke l-Papa Franġisku reġa' kkonsagra lid-dinja lill-Madonna nhar it-13 ta' Ottubru 2013.

Ejjew għalhekk inkomplu nikbru fl-imħabba tagħna lejn Marija, lejn dik il-qalb li tant ħabbet lil Alla, li tant ħabbtet għall-qalb imqaddsa ta' Ġesù u li tant tħobb lilna. F'Marija għandna l-garanzija ta' ferħ li niltaqgħu u naraw lil Kristu għax kienet Hi stess li laqgħetu tassew ħaj fil-ġuf tagħha, fejn il-qalb tagħha kienet tassew magħquda ħaġa waħda mal-qalb tat-tarbija Ġesù fil-ġuf tagħha, il-qalb tagħha kienet tħabbat verament għall-qalb ta' Ġesù: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw lil Alla" (Mattew 5:8).

## Biblijografija


Alfaro, J., "The Mariology of the Fourth Gospel: Mary and the struggles for liberation", in *BTB* 10 (1980) 3-16.

Branick, V.P., "Mary in the Christologies of the New Testament", in *Marian Studies* 32 (1981) 26-50.

Brown, R.E., et al., *Mary in the New Testament: A collaborative assessment by Protestant and Roman Catholic scholars*, New York 1978.

Calero, A.M., *La vergine Maria nel mistero di Cristo e della Chiesa*, Torino 1995.

De Fiores, S. – Meo, S., *Nuovo Dizionario di Mariologia*, Torino 1985.

De la Potterie, I., "La Mere de Jesus et la conception virginale du Fils de Dieu. Etude de theologie johannique", in *Marianum* 40 (1978) 42-43.

Ellington, D.S., "Two gifts are better than One: Mary as Mother of Christ and Mother of all Graces in fifteenth century popular sermons", in *Marian Studies* 53 (2002) 43-62.

Frizzell, L.E., "Mary and the Biblical Heritage", in *Marian Studies* 46 (1995) 26-40.

Grasso, A., *Maria. Saggi teologici*, Siracusa 2011.

Gharib, G., Maria presso la croce nella liturgia Bizantina", in *Theotokos* 7 (1999) 387-416.

Sabourin, L., "Il Vangelo di Matteo. Teologia e Esegesi", in *Fede ed Arte* (1975) 130-166.

# IX-XBIEHA TAL-QALB TA' ĠESÙ
## FIL-KOPPLA TAL-KNISJA TAL-LUNZJATA FIL-BIRGU

**MARIO FENECH**



Matul il-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija kellna diversi knejjes li kienu sfaw milquta bil-bombi tal-għadu waqt xi wieħed mill-ħafna attakki mill-ajru u bit-tfiegħ tal-bombi mill-ajruplani li ienu jiġu biex jagħmlu ħafna ħsara. Dawn l-attakki kienu jħallu ħerba sħiħa warajhom u kienu mhux ftit dawk l-opri sagri sbieħ li ntilfu darba għal dejjem mill-knejjes.

Waħda minn dawn il-knejjes li tista' tgħid ġiet meqruda għal kollox, ħlief għall-kampnar tagħha li b'miraklu kien baqa' wieqaf, kienet il-knisja tal-Lunzjata tal-patrijiet Dumnikani tal-Birgu.

L-artist Lazzaro Pisani kien lesta l-pittura tas-saqaf tal-korsija tal-knisja fis-sena 1904 filwaqt li Giuseppe Calì kien pinġa s-saqaf taż-żewġ kappelluni, bix-xogħol ikun lest fis-sena 1908. Meta ġew biex jiddekoraw il-koppla tal-knisja, li kienet għadha kemm ġiet mibnija fis-sena 1925, il-patrijiet Dumnikani fdaw ix-xogħol f'idejn l-artist Taljan magħruf Gianbattista Conti, mgħejjun minn Marcello Pericoli. Ix-xogħol tal-istukku flimkien ma' dak tal-induratura ġie mogħti lil Pawlu Galea tar-Rabat.

F'din il-pittura tal-koppla, imqassma fi tmien flieli, l-arti Gianbattista Conti, fiċ-ċentru ta' kull xena pinġa lil Kristu, ippreżentat permezz ta' figura prominenti. F'dawn il-pitturi huwa ppreżenta lil Ġesù bħala r-Re, lill-Missier ħanin, lis-Salvatur, lill-Madonna bħala r-Reġina, lil Kristu fil-glorja kollha tiegħu, il-kreazzjoni tad-dinja, il-miraklu tat-tieġ ta' Kana u l-qawmien ta' Lazzru mill-mewt. Dan ix-xogħol kollu ntilef ftit tas-snin biss wara u kull ma baqa' bħala tifkira tiegħu huma l-abbozzi li kien ippreżenta l-artist lill-patrijiet qabel ma kien beda x-xogħol tad-dekorazzjoni tal-koppla, flimkien ma' xi partijiet żgħar tat-tila li kienu nġabru minn qalb it-tifrik u l-ħerba li ħallew warajhom il-bombi li ġew fuq il-knisja u l-kunvent tal-patrijiet Dumnikani.

F'wieħed minn dawn il-buzzetti l-artist ħareġ xena mill-isbaħ tal-Qalb ta' Ġesù, bilwieqfa fuq taraġ li jwassal għat-tron tiegħu. Naraw lill-Qalb ta' Ġesù qiegħed jiġi inkurunat minn żewġ anġli kbar qegħdin iżommu l-kuruna kbira ftit 'il fuq minn rasu. Żewġ anġli oħrajn jidhru qegħdin iżommulu t-tarf tal-mant irjali tiegħu miftuħ. F'din ix-xena, l-artist Gianbattista Conti pinġa wkoll lil Ġesù liebes l-istola tas-saċerdot.

'L isfel, f'din ix-xena, tidher il-Madonna b'idejha l-leminija fuq qalbha u bl-oħra maħruġa 'l barra qegħda tressaq lejn Ġesù numru ta' dutturi tal-Knisja, skritturi u Evanġelisti. F'din ix-xena l-artist jagħtina spjegazzjoni interessanti tal-Qalb imqaddsa ta' Ġesù bħala s-sultan tal-univers, id-dawl tal-ħajja, is-saċerdot u lill-Verġni Mqaddsa omm tagħna Marija flimkien ma' numru ta' kbarat tal-Knisja li permezz tat-tagħlim u l-kitba tagħhom iressquna lejn il-misteru tal-kobor tal-Qalb imqaddsa ta' Ġesù.

Hija tassew ħasra li dawn ix-xogħolijiet tant sbieħ li kienet imżejna bihom din il-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu ntilfu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Tkun ħaġa xierqa jekk fil-futur qarib dan ix-xogħol ikun jista' jerġa' jsir bl-għajnuna ta' dawn l-abbozzi u ta' xi ritratti antiki, ħalli nkunu nistgħu nerġgħu narawh u ngawduh f'din il-knisja.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.


Gozo
Hand Car Wash
by Gary 9980 2061


Under new management
Kohinoor
Indian and Mediterranean Bar and Restaurant
MARSALFORN - GOZO
For more information bookings:
+356 7982 9269 / +356 7913 7819
2701 4030



# TAN-NAJSI

Suppliers of
Ready-Mix
Concrete

**Salvu Camilleri & Sons Ltd.**

**9949 5378 / 9945 3883**
**2156 0346**

# IĊ-ĊIMA

BAR & RESTAURANT



*Where Eating Is Always A Pleasure*

St. Simon Str.
Xlendi, Gozo,
Malta.

Tel: 2155 8407

Roof Garden

# EKU TAL-FESTA 2022


Merħba lill-istatwa titulari mir-restawr f'jum il-ħruġ min-niċċa


Quddiesa speċjali għat-tfal


Festa Tfal 2022


Il-Quddiesa tal-anniversarji speċjali taż-żwieġ


Il-prietki tat-Tridu, mibdijin minn Fr Noel Debono u tkomplew mill-Kappillan



Id-Dimostrazzjoni fl-aħħar jum tat-Tridu



It-Tranżlazzjoni solenni



Mons. Lawrenz Sciberras waqt il-Paniġierku



Waqt il-Purċissjoni tal-Festa Liturġika



Il-Kappillan imexxi l-Pontifikal f'isem Mons. Isqof



Il-Purċissjoni f'jum il-Festa Titulari

# Mumenti ewlenin fil-ħajja tal-Parroċċa

## Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-bidu tal-Ġimgħat 2023













## Il-Parroċċa matul is-sena


















IS-SANTWARJU TAL-GĦAJN IL-KBIRA
U L-KOMUNITÀ KRISTJANA TAL-FONTANA
JIĊĊELEBRAW
IL-FESTA TITULARI U LITURĠIKA F'ĠIEĦ

# IL-QALB TA' ĠESÙ INKURUNAT

B'ĊELEBRAZZJONIJIET STRAORDINARJI
TA' FERĦ U TA' RADD IL-ĦAJR

F'GĦELUQ IL-MITT SENA
TAL-ISTATWA TITULARI U MIRAKOLUŻA
TAL-QALB TA' ĠESÙ
KAPOLAVUR U GĦOTJA TAL-KOMMENDATUR
AGOSTINO CAMILLERI

## IL-ĦAMIS 1 TA' ĠUNJU

### Jum il-Ħruġ min-Niċċa bis-sehem tal-Fontanin ta' barra l-Parroċċa

**7.00pm** Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Ružar Borg bis-sehem tal-Fontanin li joqogħdu barra l-parroċċa. Janima l-*Chorus Urbanus.*

**7.45pm** Ħruġ min-niċċa tal-istatwa devota tal-Qalb ta' Ġesù, kapolavur ta' Wistin Camilleri, fost il-kant tal-Innu Popolari, it-talba tal-Kurunella u l-ferħ tal-poplu. **Issir il-ġabra l-kbira għall-festa**. Wara, bibita għal kulħadd fuq iz-zuntier.

## IL-ĠIMGĦA 2 TA' ĠUNJU

### It-Tmien Ġimgħa tal-Qalb ta' Ġesù u l-ewwel Ġimgħa tax-xahar

### BIDU TAL-PELLEGRINAĠĠ STORIKU TAĊ-ĊENTINARJU LEJN IL-PARROĊĊI TAL-BELT VICTORIA

*Quddies: 7.00am, 8.30am u 11.30am. Tas-7.00pm u tad-9.00pm ma jsirux.*
*Adorazzjoni: 7.30am – 11.30am. Filgħaxija m'hemmx adorazzjoni.*

**8.30am** Quddiesa minn Mons. Isqof, bis-sehem tal-istudenti tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Wara toħroġ purċissjoni bis-Santissmu Sagrament lejn is-Seminarju.

**6.00pm** **Il-poplu jagħti merħba lill-istatwa mirakoluża tal-Qalb ta' Ġesù mal-wasla tagħha fi Pjazza Savina. Il-kleru u l-fratellanzi tal-Knisja Katidrali joħorġu mill-Katidral lejn Pjazza Savina. Il-fratellanzi u l-kleru tal-Parroċċa tal-Fontana joħorġu mill-knisja Ta' Savina u flimkien jakkumpanjaw l-istatwa titulari lejn il-Knisja Katidrali tal-Assunta. Il-Banda Ċittadina *Leone* takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet reliġjużi.**

**7.00pm** Dħul tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù fil-Pjazza tal-Katidral.

**7.15pm** **Quddiesa solenni fil-Knisja Katidrali** minn Dun Daniel Sultana, Vigarju Parrokkjali. bis-sehem tal-kleru tal-Parroċċi tal-Katidral u tal-Fontana. Janima l-*Cathedral Youth Choir. L-istatwa tibqa' esposta għall-qima fil-Katidral sal-Ħadd, 4 ta' Ġunju.*

## IS-SIBT 3 TA' ĠUNJU

**6.00pm** Kant solenni fil-Knisja Katidrali tal-Ewwel Għasar tas-solennità tat-Trinità Qaddisa mill-Kapitlu tal-Katidral.

**6.30pm** Quddiesa solenni fil-Katidral minn Dun Joseph Attard, Vigarju Parrokkjali, li għaliha huma mistiedna l-anzjani u l-morda. Issir id-Dilka tas-Sagrament tal-Morda għalihom.

## IL-ĦADD 4 TA' ĠUNJU

### Il-Miġja tal-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri

**5.30pm** **Quddiesa solenni fil-Knisja Katidrali** fi tmiem iż-żjara tal-vara devota tal-Qalb ta' Ġesù fil-Parroċċa tal-Katidral, bis-sehem tar-Reverendissimu Kapitlu Katidrali u l-kleru tal-Parroċċi tal-Katidral u tal-Fontana. Imexxi Mons. Arċipriet Joseph Sultana. Tieħu sehem il-*Cappella Sactae Maria Assumpta* taħt id-direzzjoni ta' Matthew Sultana.

**6.30pm** **Id-devoti kollha huma mistiedna jakkumpanjaw il-vara tal-Qalb ta' Ġesù f'pellegrinaġġ ta' talb mill-Katidral tal-Assunta lejn il-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Jieħdu sehem il-kleru u l-fratellanzi tal-parroċċi tal-Katidral u tal-Fontana. Tul it-triq isir talb ta' riparazzjoni u ta' tifħir f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù. L-istatwa tiġi milqugħa mill-kleru u mill-fratellanzi tal-Parroċċa ta' San Ġorġ quddiem il-knisja ta' San Ġakbu u titwassal lejn il-Bażilika.**

**7.30pm** Dħul tal-vara tal-Qalb ta' Ġesù fil-Bażilika ta' San Ġorġ u tingħata l-Barka Sagramentali. *L-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù ser tkun esposta għall-qima fil-Bażilika Ġorġjana sat-Tlieta 6 ta' Ġunju.*

## IT-TLIETA 6 TA' ĠUNJU
## IR-RITORN TAL-ISTATWA TITULARI LEJN IS-SANTWARJU TAGĦHA
### fi tmiem il-Pellegrinaġġ Storiku taċ-Ċentinarju

**5.30pm** **Quddiesa solenni ta' tmiem il-pellegrinaġġ fil-Bażilika ta' San Ġorġ,** bis-sehem tar-Reverendissimu Kapitlu, il-kleru tal-Bażilika u l-kleru tal-Fontana. Imexxi Mons. Arċipriet Joseph Curmi. Janima l-kor *Laudate Pueri.*

**6.30pm** **Ħruġ tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù fil-bieb tal-Bażilika Ġorġjana. Il-Banda Ċittadina *La Stella* tilqa' l-istatwa bl-Innu Popolari.**

**Il-pellegrinaġġ tar-ritorn lejn il-Fontana, bis-sehem tal-kleru, tal-fratellanzi u l-Banda *La Stella,* jgħaddi minn Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Triq ir-Repubblika u Triq Palma. Fi Triq Palma, issir waqfa qasira quddiem il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù biex is-sorijiet isellmu lill-Qalb ta' Ġesù.**

**Il-pellegrinaġġ jibqa' għaddej lejn Pjazza San Franġisk, quddiem is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù lejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Mal-wasla fil-limiti tal-Parroċċa, l-*Għaqda tan-Nar Fontana* ssellem lill-Qalb ta' Ġesù bil-logħob tan-nar tal-ajru. Il-pellegrinaġġ ikompli tul Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Għajn.**

**8.00pm** **Wasla tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù quddiem is-Santwarju.** Il-Banda *La Stella* ssellem lil Qalb Kristu bl-innu ġdid *Cor Jesu*, kliem ta' Mario Borg u mużika ta' Mario Galea. *Dan l-innu nkiteb apposta fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju.* Dħul tal-istatwa u Barka Sagramentali.

*B'rigal fl-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju hekk importanti għal-lokalità u l-poplu tal-Fontana, il-Kunsill Lokali tal-Fontana għoġbu jkopri l-ispejjeż tas-servizz tal-banda fi tmiem dan il-pellegrinaġġ*.

## L-ERBGĦA 7 TA' ĠUNJU
### Jum it-Tfal

**4.30pm** Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Imexxi Dun Michael Said, vigarju parrokkjali tal-Parroċċa tal-Qala.

**5.15pm** *Festa Tfal* organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Fontana. It-tfal u l-familji joħorġu mis-Santwarju lejn il-bidu ta' Triq il-Għajn biex jilqgħu l-istatwa ġdida tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol Michael Cutajar Zahra u ikkummissjonata mill-Kunsill Lokali. Wara, jakkumpanjaw l-istess statwa lejn is-Santwarju bis-sehem tal-banda *Allegro Clefs*. Meta l-istatwa tasal fuq iz-zuntier, titbierek u tittellgħa fuq pedestall apposta. Il-manifestazzjoni ta' ferħ tintemm b'diversi logħob u divertiment għat-tfal, organizzat mill-Kunsill Lokali, bis-sehem tal-*Kummissjoni Żgħażagħ Fontana*.
*Il-Quddiesa tas-7.00pm ma ssirx.*

## IL-ĦAMIS 8 TA' ĠUNJU
## GĦELUQ IL-MITT SENA MIT-TBERIK TAL-ISTATWA TITULARI

**7.00pm** **Quddiesa solenni ta' radd il-ħajr, immexxija mill-Kappillan, il-Kan. Simon Mario Cachia, bis-sehem ta' kor u solisti li jesegwixxu siltiet mill-Innu l-Kbir *Inno al Sacro Cuore,* taħt id-direzzjoni tal-Mro. John Galea. Wara l-Quddiesa, isiru żewġ diskorsi kommemorattivi minn Mons. Dr. Joseph Bezzina u mis-Sur Joseph Camilleri. Is-serata tagħlaq bl-Innu Popolari. Fuq iz-zuntier, jiġi ċċelebrat mument komunitarju bi qsim ta' kejk tal-okkażjoni.**

## IL-ĠIMGĦA 9 TA' ĠUNJU
### Id-Disa' Ġimgħa tal-Qalb ta' Ġesù

*Quddies: 7.00am, 11.30am, 7.00pm, 9.00pm*
*Adorazzjoni: 7.30am – 11.30am; 3.00pm – 7.00pm*

**7.00pm** Quddiesa solenni tal-aħħar Ġimgħa tal-Qalb ta' Ġesù. Imexxi s-saċerdot ġdid, Dun Matthew Bajada.

## IS-SIBT 10 TA' ĠUNJU

**5.00pm** Quddiesa mill-Kappillan li fiha, għadd ta' tfal tal-Parroċċa jirċievu lil Ġesù Ewkaristija għall-ewwel darba. Tanima l-*Junior Section* tal-*Chorus Urbanus.*
*Din hi l-unika Quddiesa ta' filgħaxija. Il-Quddiesa tas-7.00pm ma ssirx.*

## IL-ĦADD 11 TA' ĠUNJU
### Is-Solennità ta' Ġisem u Demm il-Mulej

**10.30am** Quddiesa solenni li tagħlaq b'purċissjoni qasira bis-Santissmu Sagrament u bil-Barka Sagramentali. Imexxi l-Kan. Geoffrey G. Attard.

**4.30pm** Quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof Anton Teuma u li fiha, għadd ta' adolexxenti tal-Parroċċa jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Tanima l-*Junior Section* tal-*Chorus Urbanus.*

## IT-TNEJN 12 TA' ĠUNJU

**7.00pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr bis-sehem tal-koppji li qed jagħlqu l-25, it-30, l-40, il-50, is-60 u s-70 sena ta' żwieġ. Imexxi Dun Joseph Attard, vigarju parrokkjali tal-Parroċċa tal-Katidral. Tingħata tifkira tal-okkażjoni.

**7.45pm** Il-BBQ l-kbir tal-festa, organizzat mill-Parroċċa, fuq iz-zuntier tas-Santwarju.

## IT-TLIETA 13 TA' ĠUNJU
### BIDU TAT-TRIDU MQADDES

**6.30pm** Rużarju Mqaddes li jintemm bil-Litanija tal-Qalb ta' Ġesù.

**7.00pm** **Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur George Frendo OP, isqof emeritu ta' Tirana. Kurunella, Antifona *Ad Iesum Autem* u Barka Sagramentali minn Dun Emmanuel Cordina.**

## L-ERBGĦA 14 TA' ĠUNJU
### BIDU TAL-KWARANTURI SOLENNI
### It-Tieni Jum tat-Tridu

**7.30am** Bidu tal-Adorazzjoni solenni li tibqa' sejra sas-7.00pm.

**6.30pm** Rużarju Mqaddes li jintemm bil-Litanija tal-Qalb ta' Ġesù.

**7.00pm** **Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur George Frendo OP. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali mill-Kanonku Geoffrey George Attard.**

## IL-ĦAMIS 15 TA' ĠUNJU
### It-Tielet jum tat-Tridu
### u tkomplija tal-Kwaranturi Solenni
### Vġili tas-Solennità Liturġika

*Quddies:* 7.00am, 11.30am, 7.00pm, 8.30pm, 12.00am.

**7.30am** Bidu tal-Adorazzjoni solenni li tibqa' sejra sas-7.00pm.

**6.30pm** Rużarju Mqaddes li jintemm bil-Litanija tal-Qalb ta' Ġesù.

**7.00pm** **Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur George Frendo OP. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali mill-Kanonku Kappillan Simon Mario Cachia.**

**8.30pm** Quddiesa li tibda lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxin mmexxi minn Mons. Rużar Borg.

**12.00am** Quddiesa fi tmiem il-lejl t'adorazzjoni.

## IL-ĠIMGĦA 16 TA' ĠUNJU
### IS-SOLENNITÀ LITURĠIKA TAL-QALB TA' ĠESÙ
### Il-Jum Universali ta' talb għall-qdusija tas-Saċerdoti

***Quddies:* 6.30am, 7.00am, 7.30am, 11.30am, 12.00pm, 6.30pm, 9.00pm**

**8.00am** Bidu tal-Adorazzjoni solenni li tibqa' sejra sas-6.00pm u li tieqaf biss f'ħin il-quddies.

**8.30am** Adorazzjoni animata mil-Leġjun ta' Marija.

**9.00am** Adorazzjoni animata mill-Azzjoni Kattolika.

**5.00pm** Adorazzjoni għas-saċerdoti kollha tad-djoċesi Għawdxija, bis-sehem tal-isqfijiet Anton Teuma u George Frendo OP.

**6.30pm** **Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Liturġika, immexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Anton Teuma, Isqof t'Għawdex, bis-sehem tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof George Frendo**

**OP. Wara, ħruġ tal-purċissjoni solenni bis-Santissimu Sagrament, immexxija minn Mons. Giovanni Bosco Cremona, fit-toroq tal-Parroċċa u tal-Belt Victoria. Tingħata l-Barka Sagramentali quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej u fil-bidu ta' Triq il-Għajn. Mad-dħul tal-Purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali.**

**9.00pm** L-aħħar quddiesa fis-Santwarju.

**9.30pm** Marċ mill-Banda *Santa Marija* taż-Żebbuġ minn Triq ta' Mulejja sa quddiem is-Santwarju, minn fejn takkumpanja d-dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù mat-toroq tal-Parroċċa sakemm l-istatwa titla' fuq il-pedestall tagħha quddiem il-knisja. Il-briju jkun organizzat mill-*Kummissjoni Żgħażagħ Fontana*.

**12.00am** Tittellgħa r-raba' edizzjoni ta' *Il Cuore che Brilla* bi spettaklu ta' nar u fjammi sinkronizzati mal-mużika. Fl-aħħar tal-ispettaklu tiġi inawgurata sorpriża unika fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju, b'disinn ta' Adonai Camilleri Cauchi, b'pittura ta' Noel Debono u bi sfumar ta' Josef Camilleri. Is-sorpriża qed tiġi kkummissjonata mill-*Kummissjoni Żgħażagħ Fontana*.

## IS-SIBT 17 TA' ĠUNJU

**10.00am** Quddiesa solenni ta' radd il-ħajr, bil-kant tat-*Te Deum.* Mistiedna speċjali l-anzjani u l-morda. Jiġi ċċelebrat ukoll is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Imexxi l-Kan. John Meilak, vigarju parrokkjali tal-Parroċċa tax-Xewkija.

### Il-Vġili tas-Solennità Titulari

**6.15pm** Il-fratellanzi tal-Parroċċa u l-membri tal-Ordni Ekwestriju tas-Santu Sepulkru joħorġu mis-Santwarju lejn il-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria.

**6.30pm** **Tranżlazzjoni solenni tar-Relikwija Insinji tas-Salib Imqaddes mill-knisja ta' Santu Wistin, immexxija minn Mons. Rużar Borg u akkumpanjata mill-membri tal-kleru, membri tal-Ordni Ekwestriju tas-Santu Sepulkru, il-fratellanzi tal-Parroċċa u l-banda *Allegro Clefs*. Kant tal-Antifona *Ad Iesum Autem.***

**6.50pm** Tingħata merħba lill-Eċċellenza Tiegħu, in-Nunzju Appostoliku.

**7.00pm** **Konċelebrazzjoni Pontifikali ppresjeduta mill-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur Savio Hon Tai-Fai SDB, Nunzju Appostoliku għal Malta, Għawdex u l-Libja. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali minn Mons. Rużar Borg.**

**9.00pm** Marċ mill-Banda *San Girgor* Ta' Kerċem minn Triq il-Qalb ta' Ġesù sa quddiem is-Santwarju.

**11.15pm** *Fountain of Colours,* edizzjoni oħra ta' spettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika, b'diversi fetħiet ta' kulur u blalen ta' diversi qisien.

**11.45pm** Tittellgħa s-sitt edizzjoni tal-*Feature* awdjoviżiv, b'dokumentarju dwar l-istatwa titulari f'għeluq il-mitt sena tagħha fostna, maħdum b'mod professjonali fl-istudjow ta' *CVC Media*. Din l-edizzjoni qed tiġi mtellgħa mill-*Għaqda Armar Fontana* bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Fi tmiem il-*feature* tiġi inawgurata sorpriża oħra fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji, din id-darba kkummissjonata mill-istess *Għaqda Armar Fontana*, bi ħjata ta' Alfred Bonnici, filwaqt li d-disinn, l-isfumar u l-pittura huma xogħol tal-artist lokali Josef Camilleri.

**12.00am** Spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art fi Triq Ta' Mulejja.

## IL-ĦADD 18 TA' ĠUNJU
## IS-SOLENNITÀ TITULARI TAL-QALB TA' ĠESÙ

### Il-festa tal-komunità tal-Fontana u l-qofol tal-Festi Ċentinarji It-Tletin Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Inkwatru Titulari

***Quddies*** **6.30am, 7.30am, 9.00am, 11.00am, 5.00pm**

**8.45am** Tingħata merħba lill-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Mario Grech.

**9.00am** **Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eminenza Tiegħu, Kardinal Mario Grech, Segretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet, bis-sehem ta' rappreżentanza tal-Reverendissimu Kapitlu Katidrali, tal-kleru tas-Santwarju, tal-eks kappillani tal-Parroċċa u tal-membri tal-Ordni Ekwestriju tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm.**

**Fi tmiem il-Pontifikal, l-Eminenza Tiegħu jikxef lapida kommemorattiva.**
**Tiġi esegwita *Missa Fons Vitae,* b'erba' vuċijiet, kompożizzjoni tal-Mro. John Galea, *maestro di cappella* tas-Santwarju, kif ukoll l-Antifona *Ad Iesum Autem* kliem mill-Vanġelu skont San Ġwann u mużika ta' Vincenzo Ciappara.**

**12.00pm** Marċ brijuż mill-Banda *Santa Margerita* ta' Ta' Sannat minn tarf Triq l-iSptar San Ġiljan għal fuq iz-zuntier.

**6.30pm** Kant tat-Tieni Għasar, bil-Malti, mill-kleru u mill-poplu. Imexxi l-Kan. Geoffrey G. Attard.

**7.30pm** Ħruġ tal-istatwa titulari fil-bieb tas-Santwarju Nazzjonali tal-Għajn il-Kbira. Il-Banda Ċittadina *La Stella* tal-Belt Victoria ssellem lill-Qalb ta' Ġesù bl-innu l-ġdid *Cor Jesu,* kliem ta' Mario Borg u mużika ta' Mario Galea. Wara, l-istess Banda tesegwixxi l-Innu l-Kbir *Inno Al Sacro Cuore,* kliem ta' Patri Akkursju Xerri OFM u mużika ta' Mro. Vincenzo Ciappara, bis-sehem ta' kor u solisti.

**8.00pm** **Tibda miexja l-purċissjoni solenni bl-istatwa titulari u mirakoluża tal-Qalb ta' Ġesù u bir-Relikwija tas-Salib Imqaddes, immexxija minn Monsinjur Joseph Zammit, Vigarju Ġudizzjali, u mir-Reverendissmu Kapitlu tal-Kolleġġjata Lateranensi ta' San Ġorġ Megalomartri tal-Belt Victoria. Il-purċissjoni tiġi akkumpanjata mill-kleru tal-Parroċċa, mill-fratellanzi u mill-Banda Ċittadina *La Stella.***

**8.30pm** Marċ mill-Banda *Prekursur* tax-Xewkija minn tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili sas-Santwarju. Wara, l-istess banda tkompli bi programm fuq iz-zuntier.

**11.00pm** **Tmiem il-festi solenni ċentenarji bid-dħul trijonfali tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù fis-Santwarju. Titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.**

## IL-ĠIMGĦA 23 TA' ĠUNJU

**7.00pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr.

**7.45pm** BBQ kbir ta' wara l-festa, fuq iz-zuntier, organizzat mill-Parroċċa.

**Ħu nota:**

- *Il-mużika sagra fis-Santwarju tkun f'idejn Mro. John Galea,* maestro di cappella *tas-Santwarju u ser tkun animata mill-kor* Chorus Urbanus.
- *Isir xandir fuq Radju Sacro Cuor 105.2FM u fuq il-paġna Facebook 'Radju Sacro Cuor'.*
- *Il-logħob tan-nar huwa kollu maħdum mill-membri tal-*Għaqda tan-Nar Fontana *fil-kmamar tan-nar* 12th May *ta' Ħaż-Żebbuġ* u Madonna ta' Lourdes *ta' San Ġwann. Ħadd m'għandu jersaq lejn l-għelieqi minn fejn ikun ser jinħaraq in-nar.*



# POEŻIJI F'KULL ĠUBLEW TAL-ISTATWA TITULARI

## 8 TA GIUGNU 1923.
## FESTA TAL KALB TA GESÙ
## FIL PARROCCIA TAT-TRIEK TA-L'GHAIN.

*Nihil obstat. – Datum Victoriae, die 24 Maji 1923*

**Can. Archip. Alphonsus M. Hili – Censor Ecclesiasticus**

*Din il-poeżija, miktuba bil-Malti ta' mitt sena ilu, kienet inkitbet u kienet ġiet stampata fl-okkażjoni tat-tberik tal-vara titulari l-ġdida, nhar it-8 ta' Ġunju 1923.*


8 TA GIUGNU 1923.
FESTA TAL KALB TA GESÙ
FIL PARROCCIA TAT-TRIEK-TA-L'GHAIN.

Xi trid, Gesù, ghaliex sejjaħtli? Ghaliex
B'tant chbira ħleuua ghal ghandec tistedinni?
X'jen jen ħlief trabb, min jen ħlief midneb chbir?
X'nistagh naghtich, Gesù, x'tistenna minni?

Xein m'ghandi tajeb, xein! M'ghandix ħlief ħazen;
Chif nistagh nersak leich, li int il kdusja?
M'iniex denn tighech; jen ta ingrat checceitech
Min din ir-ruħ, b-demmech l'ghazis mifdja.

Jena naghf li int missier ta chbira hniena,
U ghalech b'imħabba ghal ħdeich int issejaħli;
Ma jen iben ingrat, jena ħalleitech:
Fija xein x'joġboc inti ma tilmaħli.

Frattant seijaħtli!... intant int tridni ħdeich!...
Jen nigi, mela... nigi jen chif jen!
Nigi, Gesù, imrighed u imbezzagh... Arani
mixħut f'riġleich, b'ghaineja fl' art, soghbien.

Tchellem, Gesù, jisma is-serv tighech, tchellem!
Jen m'ghandi xein tas-seu, jiena ħazin;
Ma la darba dan tridu int, iccmanda!
Int is-Sinjur... is-serv jobdi fil ħin.

Chif? Xein ma trid min ghandi, anzi kighed tgheidli
Li minnech jen chbir don ghandi nistenna !?!
Int taghti lili!... int, tant minni offis !?!
Int tgheidli: Ha! Uisk ghandech biex tithenna?

X'taghtini, Gesù, ma x'taghtini? Int taghtini kalbech!?!...
Kalbech taghtini, o Gesù, kalb ta ħabib,
Kalb ta huh, kalb ta re, kalb colla imħabba !?!
Kalbech stess, sabiex fijha hena insib !?!

Grazzi, Gesù! biex katt nistagh impattilech?
X' nista katt ghal tant don jena naghtich?
Naghtich ruħi; ma niedma; ma kaddisa...
Naghtich qalbi, Gesù. Deh! zommha ghalich!

# Quddiem l-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù

## F'għeluq il-ħamsin sena tagħha (1923-1973)

**Dun Ġwann Cini**

*Din il-poeżija nkitbet mill-Kappillan Dun Ġwann Cini u ġiet ippubblikata fl-ewwel ħarġa tar-rivista "L-Għajn il-Kbira" (1973).*

Ilek int issaltan fuqna
għal dawn l-aħħar ħamsin sena
bħala l-għaxqa ta' dat-tempju,
illi ġensna għalik bena!

Qed issejjaħ int lid-dinja
lejn dik Qalbek il-ħanina,
li nfetħet b'daqqa ta' lanza
sabiex tkun il-għajn wisq bnina.

U lejk dejjem aħna rsaqna,
minn tal-Għajn il-Kbira wlied,
u fik dejjem sibna l-faraġ
f'dan il-jasar, f'dawn il-wied!

B'dik il-ħlewwa minn ta' wiċċek
u ħarstek kemmxejn miksura,
int twiddibna, int tħajjarna
biex miegħek ngħixu miġbura!

Int faraġ tal-morda tagħna,
tqawwi qlub ħutna msefrin;
aħna lkoll, xjuħ, tfal u żgħażagħ,
bik niftaħru, bik kburin!

Int qed turi b'ħeġġa kbira
dik Qalbek kollha mogħdrija
lejn il-bierda w il-midinba,
illi b'Demmek ġew mifdija!

Żomm dejjem dirgħajk imqaddsa
jifirxu l-mant fuqna qegħdin,
fuq kull wild din il-Parroċċa,
hu fejn hu... Ġesù ħanin!

B'hekk ngħixu ħajjitna kollha
ma' xulxin, għax bik ferħana,
bħall-familja maħtura tiegħek,
ULIEDEK TAL-GRAN FONTANA!



# L-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù
## B'tifkira tal-75 sena fostna

**Joseph Bezzina**

*Din il-poeżija nkitbet minn Joseph Bezzina, nhar it-8 ta' Ġunju 1998, u ġiet ippubblikata fir-rivista "L-Għajn il-Kbira" tal-istess sena.*

Naf lil Wistin fi żmien tfuliti
U nafu f'jiem żogħżiti ferm bikrin.
Kont immur s'għandu jgħidli kelma,
Insomma kelma!!!...
Kelmtejn kif jafu jtennu l-imgħallmin.

Kont nogħxa nħares lejh narah isawwar
Uċuh ta' qaddisin u anġli sbieħ,
Inixxef fil-ġardina, jiksi, jiżbogħ...
Dan kollu b'qawwa ħierġa minn ġo fih.

Kien jgħidli illi statwa xogħol ta' idu
Li hu jqis kapolavur mill-kbar,
Hi dik ta' ġol-Fontana: Ġesù Kristu
Qed juri qalb l-imħabba tħeġġeġ nar.

Ninsew għal ftit tal-ħin il-kartapesta,
Iż-żebgħa, ġibs u deheb l-aktar leqqien.
Niftakru biss fid-dawl tax-xemgħa tnemnem
U f'għajnejn imnikkta jfawwru dmugħ fiddien.

Tant qlub f'riġlejn mixħuta jfittxu faraġ,
Ħa jiksbu mill-Qalb tiegħu għajn ta' wens;
Il-ħarsa t'għajnejh tibqa' tindokra
U tiġbed għal warajh ġens wara ġens.

Dan hu xogħol li ħalla Camilleri,
Li sawwar b'ħila kbira b'dawk idejh,
Jittawwal minn ġot-tieqa ċkejkna f'qalbu
Biex jikseb stampa ċara tal-Mulej.

Kien jitfa ħsibijietu 'l fuq fil-għoli
Fejn hemm tgawdija w glorja għat-twajbin,
Hekk hu, biex ħadem statwa l-ġmiel tagħha
Ta' Kristu juri Qalbu lill-bnedmin.

Dan xogħol li sar ħamsa u sebgħin sen'ilu
Li għadu w jibqa' ħaj maż-żminijiet,
Li jibqa' jsebbaħ dan it-tempju mqaddes
U jibqa' jitfa' xita ta' barkiet.

Illum dan l-istatwarju m'għadux magħna,
Għax din il-ħajja hija biss it-triq
Li twassal lejn is-sema, fejn il-Glorja
Qed tfawwar mill-qalb safja tal-Ħallieq.

Illum qiegħed tassew igawdi l-glorja,
Igawdi l-wiċċ li dejjem ħolom bih.
Jgħidilna: "Hawn il-Qalb miftuħa beraħ
Għal min jixtieq f'Ġesù jsib mistrieħ".

Għalhekk induru lejn l-istatwa ħelwa
Ngħidulu jtina l-barka, jibqa' magħna,
Int Ġawhra, int ġojjell tal-poplu Għawdxi,
Int l-għożża f'qalb il-poplu tal-Fontana.



# FIS-SKIET QUDDIEMEK
## Meta ftaħna ċ-Ċentinarju - 29.01.23

**DIN IL-POEŻIJA NKITBET MILL-KAPPILLAN SIMON MARIO CACHIA FL-OKKAŻJONI TAL-100 SENA TAL-VARA TITULARI**

Qalbek tajtna, hemm fuq l-Għolja,
waqt li l-aħħar nifs raddejt;
Qalb imċarrta biex ġo fiha
lilna lkoll kenn ipprovdejt.

Qalbek tajtna biex infiqu
u nitfarrġu fit-tiġrib,
biex nitgħallmu kif nitbiegħdu
minn tal-għadu l-qerq, l-insib.

Qalbek tajtna biex isservi
mediċina mill-inkwiet,
biex kull demgħa titqies ġawhra,
kull maltemp idub bil-kwiet.

Qalbek tajtna w magħha l-ġenna
ħalli nkunu ferħanin
f'din ħajjitna, bil-wisq fl-oħra,
għax maħbuba, maħfurin.

Qalbek tajtna, x'hemm bżonn iktar?
Biha lkoll aħna mberkin!
L-ikbar dgħajjef, l-ikbar midneb
għandu post f'Qalb id-Divin.

Qalbek tajtna! X'xorti għandna
li nilmħuha kull mument
tħabbat ħajja b'ġenn ta' mħabba
mill-Imqaddes Sagrament.

Qalbek tajtna biex tħeġġiġna
ngħixu Kelmtek bla dewmien
ħalli nkunu mudell xieraq
għal uliedna, kullimkien.

Qalbek tajtna w tajtna kollox;
daqshekk tħobb lilna l-bnedmin...
u 'l-Għawdxin bħal tħobbhom iktar
għax afdajtha 'l-Fontanin!

# FAMILJA

**Kappillan Simon Cachia** • 09.03.23

Iltqajt ma' familja
qrib sew fejn trabbejt,
familja speċjali
li dlonk jien ħabbejt.

Familja magħġuna
b'elf wiċċ u kulur
bl-għamajjar imperrċa
bejn l-ilma u s-sur.

Familja distinta
mill-belt, mill-ġirien,
li ssawret b'imħabbet
qalb Hili n-nirien.

Ġo Qalb il-Messija
hi sabet il-wens
u l-qawwa biex tibni
ħajjitha bis-sens.

Indrija jixhdilna
kemm għaraq u dmugħ
intagħġnu max-xbieki
f'iljieli ta' ġuħ.

Familja l'isimha
waħħditu ma' triq
u m'għajn t'ilma ġieri;
id-don mill-Ħallieq.

U f'nofsha hemm tempju
li nbena bid-demm,
minn hemm il-Qalb t'Alla
tkissrilna kull hemm.

Familja ħabrieka
li tħobb lill-ulied
u sodi trabbihom
bħall-ġewża fil-wied.

Mulej, jien nitolbok
biex tħares bis-sliem
lil din il-familja
b'imħabbtek bla tmiem.

# MINN FUQ GĦAJN TUTA

**Kappillan Simon Cachia**
22.01.23

Seħer Ismek, ġmiel Darek, Mulejna,
jidhru mwaħħda mal-ħemda, mal-wens
li taf tagħti Gżiritna maħbuba
għax ta' ġmielha, o Qalb; int is-sens!

Kif int, b'Darek, berikt sbuħit ġensna
u l-wied taħtha għanejtu b'kull ġid,
o Qalb Kristu berikna biex aħna
nistagħnew għax ta' qalbna int Sid!



# Il-Qalb ta' Ġesù - Mitt Sena Magħna

**Kav. Joe M. Attard**

Wieħed mill-aqwa statwarji
Li qatt dehru f'Għawdex tagħna,
Kien Wistin minn Triq Għajn Qatet
U li issa m'għadux magħna!

Mill-iskriepel u l-imrietel
Ħarġu bosta statwi sbieħ;
Anke minn ġol-kartapesta
Vari tana wisq qatigħ.

Mitt sen'issa ġew u marru
Li tana l-Qalb ta' Ġesù;
Statwa mdaqqsa u devota –
Għajn ta' tjieba u virtù!

Luzzijiet minn ġewwa x-Xlendi
Għamlu tajjeb għall-ispiża
B'sagrifiċċju s-sidien ftehmu –
Ma kenitx somma rħisa!

L-ewwel statwa titulari
Li ħarġet minn id Wistin
Li tant feraħ meta raha
Għaliex kellha mid-divin!

U kien l-Isqof Camilleri
Fl-annu tlieta u għoxrin
Sewwa sew mitt sena ilu
Li berikha bl-ilma bnin!

U fit-tmienja minn ta' Ġunju
Rifset fuq it-toroq tagħna
F'purċissjoni u bil-banda
Mar-raħal b'uċuħ ferħana.

W għadha toħroġ fuq l-ispalla
Mill-Parroċċa tal-Fontana
Tidher ħierġa l-Ħadd fl-għaxija
Biex tberikna u tindukrana.

Iz-zuntier jimtela ħlejjaq
Li jiġu minn kullimkien
Biex isellmu lill-Qalb Ħelwa
Illi ssaltan fuq kull żmien.

Minn fuq il-planċier il-Banda
Lilha ssellem b'noti sbieħ
Waqt li l-kor annuna jkanta
B'vuċi għolja, bla mistrieħ!

It-toroq kollha jiżżejnu
U jxiddu l-ilbies tal-festa
Wara li għal xhur u ġmiegħi
Baqgħu għera 'mħabba l-pesta!

Tal-Fontana tan-nar 'Champions'
Lis-sema jimlew kulur,
Tal-bomba u ġelatina
Tisma' w tara kulfejn tmur!

Dal-poplu ċ-Ċentinarju
Bl-akbar mod u trijonfanti
Ried ifakkar bl-akbar ħeġġa,
Hekk xieraq, sinjifikanti!

Lejk induru ja Qalb Ħelwa –
Il-ġawhra tal-Fontanin,
Twarrab qatt il-ħarsa tiegħek
Minn fuqhom matul is-snin.

B'dawk dirgħajk miftuħa beraħ
Ħarstek żomm fuq dil-Parroċċa,
Ma' qalbek mimlija mħabba
Ħaddan w għaqqad bħal qaqoċċa.

Sabiex wara din il-ħajja
Li nterrqu f'dal-Wied tad-Dmugħ
Ingawduk niġu fis-Sema
Fejn tistrieħ, tifraħ kull ruħ.

# Lill-Qalb ta' Ġesù

## Minn uliedu f'Melbourne

**Kappillan Simon Mario Cachia** • 06.09.2022

Insellmulek Qalb divina
li għalina wisq batejt
u minn Betlem sa fuq l-Għolja
lill-bnedmin wennist, ħabbejt.

Inti lilna spjegajtilna
għaliex Qalbek mort ċarratt:
"Fiha lkoll tidħlu tistrieħu";
b'dan il-kliem magħna ntrabatt.

Mill-Imqaddes Tabernaklu
Qalbek tħabbat bla waqfien
u min jiġi hemm quddiemek
int tisimgħu bla waqfien.

Għalhekk lilek wisq inħobbu
u bogħod minnek ma mmorrux!
Inti tagħna, aħna tiegħek,
din ir-rabta ma nħassrux.

Aħna wliedek, o Qalb Kristu,
b'ismek ħlejju mżejnin,
ġarrejniek f'kull post fejn morna
għaliex bik aħna kburin.

Mhux biss f'Ġunju jew f'Settembru
nagħtuk ħajr, foħrija, ġieħ
'ma f'kull jum, kull xahar, kull sena
ngħajtu lkoll "kemm int sabiħ!".

Sew minn Melbourne, ġo l-Awstralja,
sew mill-ħelu Triq tal-Għajn
"Ejjew innu lill-Imħabba"
jitla' l-kant ġo ħakka t'għajn.

Festa nagħmlu lil din Qalbek
bil-kbir ħafna, bir-raġun,
għaliex inti l-Għajn ta' kollox:
ma ninsewkx, ikun xi jkun.

Mis-Santwarju fl-Għajn il-Kbira,
ma stajniex ma nġibux xbieha
li tfakkarna kemm int tħobbna,
u fi djarna dendilniha.

Mhux hekk biss, imm'anki statwa
ridna jkollna tiegħek magħna
tixbah sew lil ta' Wistinu,
dik li żżejjen lill-Fontana.

Isma' l-ferħ li minn hawn jitla'
magħġun b'kant u b'ħafna talb
minn ġo Melbourne lejn dik Qalbek
l'hija ċ-ċentru ta' kull qalb.

Waqt li ntennu l-kurunella
u xi vers mill-Innu l-Kbir
bid-dmugħ nieżel, lilek noffru
gratitudni u tifħir.

Ibqa' bierek lilna wliedek
u lil djarna b'kull virtu'!
Waqt li aħna b'ferħ kbir ngħajtu:
"Viva l-Qalb minn ta' Ġesù"!

# Il-Kelma li tkebbes it-tama



**IL-PRIETKA TAL-MILIED, IMNEBBĦA MILL-PJAN PASTORALI DJOĊESANA, ĠIET ADATTATA MILL-KAPPILLAN SIMON MARIO CACHIA U MXANDRA MINN *Aurora Xerri* U *Sarah Schembri.***

**Flimkien:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.
Merħba fil-knisja tal-Fontana!

**Aurora:** *Tempus fugit*, kienu jħobbu jgħidu l-antenati tagħna. Għax taf kemm jgħaddi jiġri ż-żmien! Ma jistenna lil ħadd! Għaddiet sena minn mindu ltqajna biex niċċelebraw it-Twelid tas-Salvatur tagħna fil-Lejl qaddis tal-Milied. Il-Providenza riedet li f'dan il-lejl imbierek inkunu jien u Sarah li din is-sena nwasslulkom dan il-messaġġ sabiħ. F'dan il-lejl, aħna niċċelebraw bl-akbar qima t-twelid tat-tarbija Ġesù, il-misteru kbir li jissejjaħ "l-Inkarnazzjoni". Il-Papa ħabbar li sentejn oħra ser nagħlqu 2025 sena mit-twelid ta' Ġesù u ma nagħmlux ħażin jekk nibdew nippreparaw ruħna minn issa.

**Sarah:** Hija drawwa antika ħafna fil-Knisja, li kull 25 sena l-Papa jsejjaħ Ġublew li jfakkar it-twelid ta' Ġesù. Il-Ġublew hu żmien speċjali ta' grazzja u riflessjoni. Il-Papa jixtieq li l-Ġublew ta' sentejn oħra jkun kollu fuq it-tama. Papa Franġisku tana ħafna tagħlim sabiħ fuq it-tama. Wara kollox it-tama tifforma parti importanti mit-twemmin tagħna l-Insara, flimkien mal-fidi u mal-imħabba. Hekk jgħallimna San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin.

U għaliex daqshekk importanza lit-tama? Fil-Vanġeli naraw kif il-Mulej Ġesù, meta kiber, kien dejjem għaddej. Ma jieqaf qatt u ma jgħejja qatt! Darba kien qal: "il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tas-sema l-bejtiet; iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu". Is-sabiħa hi li kull fejn kien imur, kien ixandar il-Kelma ta' Alla u kien dejjem inissel it-tama. Qatt ma nisimgħu li Ġesù kellu kliem ta' qtigħ il-qalb. Rari narawh jirrabja jew iċanfar, u dan kien jagħmlu biss għax ried imiss il-qlub l-aktar iebsa. Kliem Ġesù huwa dejjem ċar u dirett, imma fl-istess ħin mimli bit-tama mqaddsa.

**Aurora:** Imma anke bl-eżempji li tana meta kien għadu tarbija f'Betlem, Ġesù jistedinna sabiex inkunu sinjali ta' tama għal xulxin! Mhux għalhekk qegħdin hawn illejla? Dan hu dak li qed niċċelebraw! Il-Milied għandu jservina biex inkunu ta' tama għal xulxin. L-istess kif kienu l-Madonna, San Ġużepp, ir-rgħajja, il-maġi u l-anġli tas-smewwiet. It-tama li ġabilna Ġesù Bambin hi tama li tagħti ferħ kbir u serħan il-moħħ. Tama li tgħinna nifhmu kemm aħna maħbuba minn Alla! Tama li anki min hu l-iktar imnikket u batut għandu dritt li jkollu f'qalbu!

Araw taqblux magħna! Jekk Ġesù tarbija, dakinhar tal-ewwel Milied, ma ġiex biex inissel it-tama fina l-imsejkna midinbin, mela x'ġie jagħmel fid-dinja? U biex dan ikun ċar għalina, Ġesù ried li sa mill-bidu nett jgħix it-tbatija, avolja kien għadu tarbija! Miskin: ma laqgħu ħadd, kellu jitwieled f'għar tal-annimali, tqiegħed fuq tiben iniggeż, ipprova jisħon bin-nifs tal-baqra u tal-ħmara u kellu jaħrab minn Erodi li ried joqtlu! Ġesù tarbija għadu sal-lum lest biex jixxotta kull demgħa minn għajnejn l-imsejkna u l-batuti. Jixtieq jimliehom bit-tama li tiġi biss mis-smigħ attent tal-Kelma tiegħu. Aħna rridu ngħinuh ukoll billi nkunu aħna li nwasslu t-tama Nisranija lill-proxxmu tagħna.

**Sarah:** Għalhekk, f'dan il-Lejl tant sabiħ tal-Milied, o Ġesù tarbija, jien u Aurora nixtiequ noffrulek lil dawk kollha li jħossuhom waħidhom. Nitolbuk għal dawk li huma mgħobbija bi problemi kbar u għal dawk li huma batuti ħafna bil-mard. Uħun minn dawn in-nies nafuhom u niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Għinna biex bl-eżempju tajjeb tagħna huma jsibu t-tama li taf tagħti l-Qalb ħanina tiegħek!

**Aurora:** Ġesù Bambin, noffrulek ukoll lin-nies tal-Fontana! Is-sena d-dieħla t-Triq tal-Għajn ser jiċċelebra l-mitt sena mill-wasla tal-istatwa tant għażiża tiegħek. Agħmel li n-nies tal-Fontana jfittxuk, iħobbuk u jadurawk fis-Sagrament Imqaddes. Agħmel li jisimgħu iktar il-Kelma tiegħek u jieħdu sehem flimkien fil-Quddiesa. Agħmel li aħna lkoll nagħmlu bħar-rgħajja u l-maġi li ħallew kollox biex ġew jadurawk. Kif huma telqu ferħanin wara li sabuk, agħmel li n-nies kollha tal-Fontana jkunu ferħanin għax iħobbuk!

**Sarah:** U lilna t-tfal, o Ġesù Bambin, li f'dan il-Lejl qaddis bqajna mqajma biex ġejna ħdejk fil-maxtura, għinna biex f'kull mument ta' ħajjitna nħossuk miexi magħna, waqt li mal-anġli ngħollu leħinna u nkantaw għalenija: *Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet, u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!*

**Flimkien:** *Il-Milied it-tajjeb. Viva Ġesù Bambin!*

# Magħmudija



**Twieldu għall-ħajja ġdida fi Kristu bis-Sagrament tal-Magħmudija**

| | |
|---|---|
| 1 ta' Mejju 2022 | **Noah Sammut**, iben Daniel Sammut u Samantha Theuma |
| 7 ta' Ġunju 2022 | **Carla Curmi**, bint Oliver Curmi u Marilena *nee* Buttigieg |
| 21 t'Awwissu 2022 | **Oakley Vella**, bint Christian Vella u Megan Rita Portelli |
| 4 ta' Diċembru 2022 | **Elena Sammut**, bint Bjorn Sammut u Althea *nee* Attard |
| 4 ta' Diċembru 2022 | **Jacob Farrugia**, iben Michael Farrugia u Anna Marie *nee* Haber |
| 23 t'April 2023 | **Nick Cilia**, iben Diego Cilia u Ilaria *nee* Agius |




# Tqarbina

**Irċevew għall-ewwel darba lil Kristu ħaj fl-Ewkaristija**



5 ta' Ġunju 2022:
**Elisa Attard – Amber Bellotti – Thea Borg – Amber Cachia – Amy Singh – Liam Theuma – Shelby Xuereb**

# Griżma

## Issieħbu b'mod sħiħ fil-ħajja Nisranija bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof



*12 ta' Ġunju 2022:* **Matthias Attard – Giuseppe Buttigieg – Francesca Cutajar – Luke Farrugia – Neil Micallef Zayne Sammut – Marjohn Stellini – Jean Valletta Caruana**

# Żwieġ

## Ingħaqdu flimkien fi Kristu bis-Sagrament taż-Żwieġ fis-Santwarju tagħna

28 ta' Mejju 2022: **Marco Mamo (Iż-Żurrieq) u Sonia Schembri (Il-Fontana)**
10 ta' Diċembru 2022: **Glen Gauci (Il-Belt Victoria) u Amanda Schembri (Iż-Żurrieq)**

# Mewt

## Marru jistkennu fil-Qalb irxuxtata tal-Mulej fl-istennija tal-qawmien

*(Il-persuni mniżżla f'din il-lista huma dawk li sarilhom il-funeral fis-Santwarju tagħna u li għalhekk huma mniżżla fir-reġistri tal-Parroċċa tagħna.)*

| | |
|---|---|
| 16 ta' Mejju 2022 | Gilda Tindugan Vergara |
| 31 ta' Mejju 2022 | Carmela Said |
| 11 ta' Ġunju 2022 | Anthony Cardona |
| 1 ta' Lulju 2022 | Giuseppa Portelli |
| 11 ta' Settembru 2022 | Alfred Buttigieg |
| 7 ta' Jannar 2023 | Ġużeppa Cordina |
| 3 ta' Frar 2023 | Maria Zammit |
| 13 ta' Frar 2023 | Francis Cardona |
| 5 ta' Marzu 2023 | Karmnu Cardona |

# Victoria Cycle Shop

**Fortunato Mizzi Street, Victoria - Gozo**

*(opposite Girl's Secondary School)*

Tel: **2155 3741**

*Offer you a large variety of Bicycles and E-Bikes with moderate prices and spare parts, Camping Equipment, Beach Equipment, Garden Furniture, Sunshades, Barbecues, Stand fans, Gas Heaters, etc.*

VSS ltd

Security Specialists
For quotation call us on:
2155 6124



IF IT'S IMPORTANT TO YOU, IT'S IMPORTANT TO US

While you are out living life, let our CCTV system keep an eye on your home or business

Sound&Vision

Santa Domenica Street, Victoria VCT 9031, Gozo.
2156 4060 7956 4060
info@soundandvision.com.mt soundandvision.com.mt

# Ta' Ġolina Supermarket

**275, Triq tal-Għajn, Fontana • Tel: 2155 4067**

Għal għażla vasta ta' prodotti ta' kwalità
bi prezzijiet raġonevoli u servizz eċċellenti
B'telefonata tista' tordna u tirċievi x-xirja tiegħek id-dar!!

CRAI

# Opri ġodda u ta' restawr

## fis-Santwarju, fil-bini u fil-pastorali tal-Parroċċa tul dawn l-aħħar xhur

1. It-tlestija tal-bini mill-ġdid u tat-tisbiħ ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, b'għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex.
2. Poġġaman magħmul apposta għat-taraġ ġdid li sar quddiem il-bieb tas-sala parrokkjali.
3. Rampa tal-injam u tal-ħadid biex iċ-ċentru u s-sala parrokkjali jkunu aċċessibbli għal kulħadd, b'għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex.
4. Xogħolijiet biex jisbieħ iċ-ċentru parrokkjali u biex jintuża aħjar l-ispazju.
5. Bidu tal-proċess ta' restawr tal-istatwi antiki ta' San Pietru u San Pawl, b'għajnuna mill-Kunsill Lokali tal-Fontana.
6. Bidu tar-restawr tal-inkwatru tal-Agunija ta' San Ġużepp, b'ko-finanzjament tal-Unjoni Ewropea.
7. Żewġ bnadar ġodda u rrakkmati għaż-żewġ fratellanzi tal-Parroċċa.
8. Sett ta' lbiesi ġodda għall-fratelli taż-żewġ fratellanzi.
9. Żewġ gandlieri tal-bronż għall-artal mejda.
10. Sett pjaneti Rumani.
11. Velumeral irrakkmat.
12. Purtieri ġodda għall-bibien prinċipali tas-Santwarju.
13. Damask għall-korsija biex jintrama fil-festa ta' Sant'Andrija.
14. Pittura b'tifkira taċ-ċentinarju, xogħol Marvic Muscat.
15. Bidu tax-xogħol fuq tliet bradelli ġodda tal-injam għall-vari tal-Passjoni.
16. Faldrappa ġdida għall-gallarija tad-dar parrokkjali għall-festi prinċipali tal-Parroċċa.
17. Bukkett tal-ganutell għall-anġlu tal-istatwa ta' Santa Margerita Marija Alacoque.
18. Tliet anġli ġodda li jikkumplimentaw il-pasturi uniċi tal-presepju tal-Parroċċa.
19. Stampar mill-ġdid tal-kurunella ta' Santa Marija Margerita f'għeluq il-mitt sena mill-kitba tal-istess kurunella.





*Grazzi lill-benefatturi u lill-voluntiera li jgħinu fiż-żamma tas-Santwarju u tal-Parroċċa u biex is-servizz li jingħata jkun mill-aħjar. Grazzi wkoll lill-entitajiet pubbliċi li jgħinu fi proġett kbar.*

# Opri Ġodda għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù

## Mill-Għaqda Armar Fontana

- Sorpriża għall-festa 2023 disinn, pittura u sfumar xogħol tal-artist lokali Josef Camilleri. Ħjata xogħol Alfred Bonnici. Sopraporta tas-sorpriża xogħol il-membri tal-Għaqda Armar Fontana.
- 3 pavaljuni ġodda għal Triq Santa Domenika fuq disinn u ħjata tal-artist lokali George James Cutajar Zahra. Jiġi komplut minn kollox l-ewwel pavaljun. Sfumar u pittura xogħol George James Cutajar Zahra.
- Kanċell artistiku li jikkumplimenta l-pedestall il-kbir, xogħol Charlie Curmi fuq disinn tal-artist lokali Manwel Grech. Dan il-proġett kien sostnut wara li l-Għaqda Armar Fontana se tkun qed tibbenefika mill-iskema *Ministry for Gozo NGO Assistance Scheme*, programm ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet volontarji f'Għawdex.
- Sistema ġdida ta' bozoz LEDs għal żewġ pavaljuni tradizzjonali tad-dawl. Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti wara li l-Għaqda Armar Fontana se tkun qed tibbenefika mill-iskema *Finanzjament Artistiku għall-għaqdiet tal-armar tal-festi.*
- Sett ta' 42 bandiera tat-trofej. Ħjata volontarja xogħol Marija u Doreen Micallef.
- 20 palju tas-suf ipprintjati biex jiġu armati fi Triq il-Għajn mill-knisja 'l isfel, fi Triq Ta' Mulejja, u fuq iz-zuntier qabel żmien il-festa.
- Bandiera tas-suf printjata bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù għal fuq l-arblu tal-maħżen.
- Titlesta l-ewwel skultura tal-fiber minn sett ta' erbgħa, tal-parti ta' fuq tal-pilandri l-ġodda. Disinn u mmudellar tat-tafal xogħol l-artist lokali Manwel Grech. Xogħol u induratura tal-membri tal-Għaqda Armar Fontana.
- Restawr tat-tarjola li tintuża biex titla' l-istatwa tad-dimostrazzjoni fuq il-pedestall il-kbir. Xogħol il-membri tal-Għaqda Armar Fontana.
- Restawr u induratura mill-ġdid ta' 14-il ġummiena u 14-il pum li jintużaw għal mal-bandalori tat-trofej. Xogħol il-membri tal-Għaqda Armar Fontana.
- Manutenzjoni fuq 11-il antarjola tal-ħadid li jintużaw għall-armar tat-trofej, u għall-bandalori tad-dawl. Xogħol il-membri tal-Għaqda Armar Fontana.
- Feature Awdjo-Viżiv, b'dokumentarju fuq il-mitt sena anniversarju tal-istatwa titulari, b'kollaborazzjoni tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Muntaġġ professjonali ta' CVC Media.



# MAESTRO Sunny Galea

(1937-2023 )

Nhar it-8 ta' Mejju 2023 tħabbret il-mewt tal-Maestro Sunny Galea, membru tal-komunità parrokkjali tal-Fontana, fl-għomor ta' 86 sena. Isem il-Maestro Galea ser jibqa' marbut mas-Santwarju u mal-komunità parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù speċjalment fil-qasam mużikali. Ser nibqgħu niftakru fih kull darba li nisimgħu u nkantaw l-Innu Popolari *Innu lill-Qalb ta' Ġesù* (1968; kliem ta' Patri Akkursju Xerri Ofm) u *L-Innu tal-Inkurunazzjoni* (1993; kliem ta' Joseph Bezzina), immużikati minnu. Maestro Galea tana wkoll il-marċ *Forza Fontana* (1968) u fl-2001 kien għamel arranġament tal-Innu Popolari *Lil Sant'Andrija Appostlu* (kliem u mużika ta' Joseph Bezzina). Maestro Galea kien irregala wkoll sitt marċijiet lill-Parroċċa. Fis-sena 2000 ta lill-Kunsill Lokali tal-Fontana *L-Innu lill-Fontana* u fl-istess sena ġie mogħti Ġieħ il-Fontana mill-istess Kunsill Lokali. Il-Mulej Ġesù jgħannqu ma' Qalbu għal dejjem.

1993 - 18 ta' Ġunju - 2023

# Tletin Sena Inkurunat







de° Reday
GOZO HOMES

www.dereday.com
(+356) 2156 4323 | (+356) 2756 4323
50, Triq ir-Repubblika, Victoria, Gozo



SELL OR RENT
YOUR PROPERTY WITH US.

WE HAVE CLIENTS **ACTIVELY LOOKING**
TO **RENT** OR **BUY** A PROPERTY WITH US.
**Contact us today** on **21564323 or 27564323.**


MEYLAK JEWELLERS
SINCE 1850
24b, REPUBLIC STREET,
VICTORIA, VCT 1012,
GOZO, MALTA.
TEL:00356-21566303 EMAIL:MEYLAKGO@MALTANET.NET

GODNIC GARAGE
A/C
Wedding Car
Chauffeur Service
Minibuses & Coaches
Chauffeur Services
Gozo / Malta Tours
AIRPORT TRANSFERS
2155 7711 - 9922 8776 - 9984 8093
godnicgarage@gmail.com

SPECIAL OFFER!
FREE EYE TEST
WITH PURCHASE OF
FRAME & LENSES
MARIO
DISPENSING OPTICIANS
Order Disposable Contact Lenses at
Special Reduced Prices online:
www.mdogozo.com
GOZO OUTLET
57, Main Gate Street, Victoria VCT1340
Tel: 2155 6528, 2156 3331, 2754 3210
E-mail: info@mdogozo.com
B'KARA MALTA OUTLET
100, Naxxar Road, B'Kara BKR9046
Tel: 2149 4848, 2149 4849, 2749 4800
E-mail: birkirkara@mdogozo.com

*"Għandek
Qalb ta' Ġesù
nieżel mis-sema!"*

Il-Fontana u
s-Santwarju tagħha
bi gratitudni u b'ferħ kbir
jiċċelebraw
**il-Mitt Sena
tal-Istatwa
Mirakoluża u Titulari
tal-Qalb ta' Ġesù
1923 – 2023**

*Mitt Sena t'Imħabba*

